IL-ĦAJJA f'Għawdex

Jannar 2006

Nru. 875



# B'ġieħ misthoqq u b'radd il-ħajr

GOZO CATHEDRAL
PUBLIC LIBRARY
DONATED BY
Fr. Tony GAD
N.O.7 121782
DATE.................




# B'isqof ġdid...
# f'era ġdida...

# Il-Ħajja f'Għawdex




tkompli l-missjoni tagħha
li taqdi 'l Għawdex
u ssemma'




## leħen l-Għawdxin

kif għamlet f'dawn l-aħħar

## 60 sena...




Int se tkompli magħna?
Titlifx aktar ħarġiet interessanti
matul is-sena 2006...
Jekk għadek ma ġeddidtx
l-abbonament, tħallix għal għada!




Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

*Nixtieq nabbona (ġdid)* ☐

*jew inġedded l-abbonament* ☐ *għall-2006*

Firma ____________________

Lm3 Abbonament Regolari ☐ Lm5 Abbonament Sostenitur ☐

*Indirizza lill-Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",*
*Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi,*
*Victoria VCT111, Għawdex.*



# IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 875***
***Jannar 2006***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Dun Mario, Isqof ta' Għawdex • 10
Programm tal-Festi ta' l-Isqof Mons. Mario Grech • 12
Lill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi • 13
Tlieta li jirrappreżentaw il-Knisja Għawdxija mogħtija l-unur 'Ġieħ Għawdex' • 14
L-Arċipriet Saver Cassar, 200 sena minn mewtu • 15
Versi Riflessivi • 18
Riflessjonijiet ta' ACM • 20
Ktieb x'Taqra • 22
Għawdex 300 sena ilu • 23
Il-Misteru tal-Ewkaristija (7) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (42) • 26
Tieqa fuq l-Ambjent Għawdxi (10) • 28
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin: It-Trunċiera tal-Qala • 30
Xhieda Nisranija: Salvu Camilleri • 32
Mill-Knisja fid-Dinja • 33
Għawdxin li għandna niftakru (30) • 34
Passiġġata Biblika (13) • 36
L-Istorja tal-Mediċina (1) • 38
Apprezzament (1): Dun Karm Attard SDB • 40
Apprezzament (2): Dun Anton Bajada • 41
L-Irħula Għawdxin (1): Fontana • 42


**Ritratti:** *Ħajr lil Alvin Scicluna, Max Xuereb, Joe Zammit, Scerri's Photo Studio u John Cordina għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*




## *Għawdex Kollu jrodd ħajr lill-Isqof Cauchi U jifraħ bl-Isqof il-Ġdid Mons. Mario Grech*

*F'dawn il-jiem mill-isbaħ għad-Djoċesi ta' Għawdex, il-poplu kollu Għawdxi esprima minn qalbu żewġ sentimenti partikulari – wieħed ta' radd il-ħajr profond lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi u fl-istess ħin sentiment ta' ferħ u tama ġdida għall-ħatra ta' l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech, bħala t-tmien Isqof tad-Djoċesi.*

*Il-Bord Editorjali tar-Rivista Djoċesana 'Il-Ħajja f'Għawdex' ħassu fid-dmir li jfakkar dan l-avveniment storiku u partikulari b'żewġ ħarġiet speċjali – il-ħarġa ta' Jannar u dik ta' Frar 2006, u ħsibna li jkun xieraq li niddedikaw din il-ħarġa lill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi fl-okkażjoni tat-tmiem il-ħidma tiegħu ta' Ragħaj tad-Djoċesi, filwaqt li l-ħarġa ta' Frar niddedikawha għall-avveniment speċjali tal-Bidu tal-Ministeru ta' l-Episkopat ta' l-E.T. Mons. Mario Grech.*

*Semmejt li nħossuna fid-dmir niddedikaw din il-ħarġa lill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, għal diversi raġunijiet. L-ewwelnett l-Isqof Cauchi kien l-aktar Isqof li serva fit-tul lid-Djoċesi ta' Għawdex fl-istorja kollha sa mit-twaqqif tagħha – 38 sena bejn Amministratur Appostoliku u Isqof Djoċesan u bla dubju kien wieħed mill-episkopati l-aktar sinifikanti. It-tieni għaliex l-Isqof Cauchi kien strumentali biex din ir-Rivista Djoċesana setgħet tibqa' u għadha fil-fatt tasal għandkom sal-ġurnata ta' llum, meta kien hemm żmien fejn din ir-rivista kienet se tmut il-mewta naturali tagħha, kif ukoll bħala kollaboratur regolari ta' diversi artikli f'din l-istess rivista. Żgur għaldaqstant li dawn huma biss ftit mir-raġunijiet li ħassejnihom jimmotivawna għal din id-dedika mistħoqqa lil dan il-bniedem li ħabb mill-qalb id-Djoċesi tagħna.*

*Forsi hawnhekk mhux il-post u l-waqt li wieħed jelenka l-punti prinċipali li fuqhom kien imsejjes l-episkopat ta' l-Isqof Cauchi, iżda ma nistax ma nsemmix xi aspetti partikulari li spikkaw fil-karattru tiegħu matul l-episkopat tiegħu. Nibda biex insemmi l-kapaċità effikaċissima tiegħu fit-trasmissjoni tal-messaġġ li jwassal, b'kull mezz u f'kull ċirkustanza quddiem kull kategorija li jkollu quddiemu, sew jekk tfal, sew jekk kbar, sew jekk professjonisti ...eċċ; l-intelliġenza straordinarja tiegħu mħaddma sew fil-kitba li hi tant għal qalbu u sew fil-predikazzjoni; l-attenzjoni għall-inqas dettall u fuq kollox il-komprensjoni tiegħu ma' kulħadd, b'mod speċjali mal-kollaboraturi tiegħu u xejn inqas ma' l-iżgħar fost in-'nagħġiet' tal-merħla afdata f'idejh.*

*L-Isqof Cauchi mhux se jintesa malajr mill-memorja u mill-affett ta' l-Għawdxin kollha inġenerali u minn min kellu x-xorti li jsir jafu, għaliex ismu se jibqa' marbut intimament mall-ġrajja glorjuża ta' pajjiżna għal dejjem. Minn hawn, f'ismi u f'isem il-bord editorjali, il-kollaboraturi kollha u l-abbonati kollha tar-rivista nixtieq minn qalbi nawguralu ħafna iżjed snin ta' ħidma fejjieda fil-għalqa tal-Mulej kif ukoll mistrieħ xieraq wara snin twal ta' ħidma ma taqta' xejn b'risq il-merħla li l-Mulej għoġbu jafdalu f'idejh. Fl-istess ħin ukoll, fil-waqt li nwiegħdu l-kollaborazzjoni massima tagħna, lill-Isqof il-Ġdid l-E.T. Mons. Mario Grech nawgurawlu mill-qalb "Ad Multos Annos"!*

***Dun Ruben Micallef***




## *L-Isqof Elett f'laqgħa informali mall-Qassisin ġewwa ċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb, taċ-Ċawla*

Nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru 2005, l-Isqof Elett Mons. Mario Grech għamel żjara informali u kellem lill-grupp ta' saċerdoti żgħażagħ li jiltaqgħu fid-Dar taċ-Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'Taċ-Ċawla kull l-aħħar Ħadd tax-xahar. Faħħar din l-inizjattiva u stqarr li waħda mill-punti tal-programm pastorali tiegħu kienet se tkun iktar importanza lis-saċerdoti. Ħeġġeġ għal iktar inizjattivi simili ta' fraternità u għaqda bejn is-saċerdoti.

## *Tqassim tal-Kotba tat-Testment il-Ġdid f'De Soldanis School*

Nhar it-Tlieta, 29 ta' Novembru 2005, l-Isqof Mons. Nikol Cauchi flimkien ma' Mons. Salv Borg, Arċipriet Emeritus u delegat tal-Kummissjoni Kateketika żar l-iskola sekondarja tal-bniet Ġ. P. Aguis de Soldanis biex iqassam kopji tat-Testment il-Ġdid lill-istudenti ta' Form 1. Għal din l-okkażjoni saret ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla u f'messaġġ qasir Mons. Isqof insista ma' l-istudenti biex jużaw iż-żmien taż-żogħżija tagħhom ħalli bit-tagħlim u t-taħriġ iħejju ruħhom għal meta jikbru. Huwa nsista dwar l-edukazzjoni nisranija u ħeġġeġ lill-istudenti sabiex jaqraw ta' spiss xi siltiet mill-Kotba Mqaddsa u jirriflettu fuqhom.

## *Rally tad-Diriġenti tal-lajċi impenjati u tal-membri ta' l-Għaqdiet Kattoliċi*

Fis-Sala ta' l-Azzjoni Kattolika ta' Triq Sir Arturo Mercieca, ir-Rabat, nhar il-Ħadd, 4 ta' Diċembru 2005 inżamm ir-*Rally* li jsir ta' kull sena għall-membri ta' l-Għaqdiet tal-Knisja, movimenti kattoliċi u membri tal-kunsilli parrokkjali. It-tema magħżula kienet "Il-Ministeru Lajkali". Ir-*Rally* beda fit-8.30am b'quddiesa mill-Isqof Elett Mons. Mario Grech. Wara l-quddiesa nżammet diskussjoni, liema diskussjoni dwar it-tema magħżula għal din is-sena, tmexxiet mill-Isqof Nikol Cauchi. Il-membri tal-*panel* li ħadu sehem ukoll fid-diskussjoni kienu dawn li ġejjin: is-sur Benny Mercieca li tkellem dwar 'Il-Ministeru tal-Kelma'; Dun Nazju Borg tkellem dwar 'Il-Ministeru tal-Liturġija'; u Miss Josette Vassallo li tkellmet dwar 'Il-Ministeru tal-Djakonija'. Ir-riżoluzzjonijiet li ħarġu minn dan ir-*Rally* ħa jiġu ppubblikati iktar 'il quddiem fl-Atti tal-Kurja.

## *L-Isqof Elett fl-ewwel laqgħa tiegħu ma' l-Equip Pastorali*

It-Tnejn 5 ta' Diċembru 2005, Mons. Isqof Grech mexxa l-ewwel laqgħa ta' l-*equip* tal-Pastorali, li huwa magħmul minn saċerdoti impenjati f'diversi oqsma tal-pastorali fid-djoċesi tagħna. Dawn is-saċerdoti huma: l-Arċipriet ta' Sannat Tarċisio Camilleri, l-Arċipriet tax-Xagħra Karm Refalo, ir-Rettur tas-Seminarju Anton Teuma, il-Kap ta' l-iskola tas-Seminarju Minuri Manwel Magro, u r-Rettur tal-Knisja taċ-Ċawla Eddie Zammit.

## *L-Isqof Elett iħabbar aktar ħatriet*

Nhar il-5 ta' Diċembru 2005, Mons. Grech ħatar lil Dun Eddie Zammit bħala assistant personali tiegħu. Dun Eddie Zammit kien direttur għal dawn l-aħħar 13 -il sena tal-*Lumen Christi Media Centre* u rettur tal-Knisja taċ-Ċawla. Barra minnhekk l-Isqof Elett ikkonferma lill-Mons. Giovanni B. Gauci, l-Arċidjaknu tal-Kapitlu tal-Knisja Katidrali fil-kariga tiegħu ta' Vigarju Ġenerali għad-Djoċesi. Mons. Gauci kien diġà qed jaqdi din il-kariga għal diversi snin ma' Mons. Nikol Ġ Cauchi.

## *L-Għoti tal-Ministeri lis-Seminaristi fil-Katidral ta' Għawdex*



Nhar San Nikola, fis-6 ta' Diċembru, waqt quddiesa kkonċelebrata li saret fil-Katidral ta' Għawdex, Mons. Ġ Cauchi ta l-ministeri tal-lettorat u l-akkolitat għall-aħħar darba fil-kariga ta' Isqof tad-djoċesi ta' Għawdex, lil tliet seminaristi. Joseph Vella mill-parroċċa tal-Katidral irċieva l-ministeru tal-lettorat, u Michael Curmi mill-parroċċa tax-Xagħra u Joshua Muscat mill-parroċċa tan-Nadur irċevew il-ministeru ta' l-akkolitat.

## *L-Isqof Elett fl-ewwel laqgħa tiegħu ma' l-Equip tal-Liturġija*

L-Isqof maħtur Mons. Mario Grech mexxa l-ewwel laqgħa ta' l-*equip* tal-Liturġija nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru 2005. Dan l-*equip* huwa magħmul miċ-ċerimonjier djoċesan Salv Tabone, miċ-ċeremonjier tal-Kapitlu Katidrali Frankie Sultana, mir-rev. saċerdoti Rueben Micallef, Nazju Borg, u Gerald Buhagiar.

## *L-"Anawim" - 25 sena ta' servizz b'risq il-komunità u d-Djoċesi Għawdxija*

Nhar is-sollennità ta' Marija Immakulata, 8 ta' Diċembru 2005, fil-kappella ta' l-Istitut ta' Lourdes f'Għajnsielem, saret konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Nikol Cauchi

flimkien ma' l-Isqof Elett Mons. Mario Grech sabiex ifakkru u jroddu ħajr lil Alla għal 25 sena tal-grupp "*Anawim*". L-"*Anawim*" huwa grupp ta' xebbiet li għamlu l-konsagrazzjoni personali tagħhom lil Alla li jwettqu xi ħidmiet ta' appostolat, bħal ma huwa l-ħsieb u t-tmexxija tad-Dar Ġużeppa Debono li tilqa' fiha tfajliet li jkollhom xi problema. Fl-omelija tiegħu Mons. Nikol Cauchi semma u spjega fil-qosor x'inhi l-konsagrazzjoni personali lil Alla u radd ħajr lill-membri ta' l-"*Anawim*" għall-kontribut siewi li taw f'ħidma ta' karità fid-djoċesi għawdxija.

## *Żjara ta' l-Isqof Mons. Nikol Cauchi fl-Iskola Primarja tan-Nadur*

Nhar id-9 ta' Diċembru 2005, wara stedina li kienet saritlu mill-Kap ta' l-Iskola Primarja tan-Nadur, l-Isqof Mons. Nikol Cauchi żar l-iskola fejn iċċelebra quddiesa għat-tfal u l-għalliema li jiffrekwentaw din l-istess skola. Għal din il-quddiesa kkonċelebra ukoll Dun Brian Meilak, ir-*Religious Councillor* ta' din l-iskola. Wara l-vanġelu, Mons. Isqof iddjaloga mat-tfal billi staqsihom u sema' t-tweġibiet tagħhom dwar Kristu fl-Ewkaristija u l-ġrajjiet ta' Kristu li hemm fil-vanġeli.

## *Il-Beata Kruċifissa Curcio mfakkra fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex*

Il-fundatriċi tas-Sorijiet Karmelitani Missjunarji, il-Beata Kruċifissa Curcio, ġiet imfakkra fil-Katidral ta' Għawdex f'konċelebrazzjoni li nżammet nhar is-Sibt 10 ta' Diċembru filgħaxija. Din il-komunità għandha żewġt idjar ġewwa Għawdex, waħda fil-Belt Victoria, u l-oħra fir-raħal ta' Kerċem. Fl-omelija Mons. Isqof faħħar il-virtujiet ta' din il-beata ġdida u stieden lill-miġemgħa preżenti sabiex jimitawha fil-qdusija tagħha. Fit-tmiem il-konċelebrazzjoni, b'tifkira ta' dik l-okkażjoni, tqassmu xbiehat tagħha lil dawk preżenti.

## *Għawdex ifakkar il-200 sena mill-mewt ta' l-Arċipriet tal-Matriċi u ta' l-Għawdxin Saverio Cassar*

Biex jiġi mfakkar il-biċentinarju mill-mewt ta' Arċipriet Saver Cassar fis-sena 1805, li kien mexxa l-kampanja ta' l-Għawdxin biex jeħilsu mit-truppi Franċiżi, il-Kumitat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex organizza quddiesa għat-tfal ta' l-iskejjel ta' Għawdex fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Din il-quddiesa saret nhar l-14 ta' Diċembru 2005 u kienet preseduta mill-Isqof Nikol Ġ Cauchi. Fl-omelija l-Isqof ħeġġeġ it-tfal biex iħobbu l-art twelidhom u fuq l-eżempji tal-personaġġi l-kbar ta' l-istorja ta' pajjiżna, bħal ma kien l-Arċipriet Saver Cassar, iżommu dejjem fil-għoli il-ġieħ ta' gżiritna. Fi tmiem il-quddiesa, barra li sar diskors ta' l-okkażjoni mill-istoriku Għawdxi Mons. Joseph Bezzina *(ara paġni 15-17)*, it-tfal ippreżentaw bukketti ta' fjuri li tqegħdu quddiem pittura ta' Saver Casser li kien hemm fuq il-presbiterju. Għal din l-okkażjoni kien preżenti l-Kap ta' l-Istat Malti, il-President Eddie Fenech Adami.

## *Laqgħa ta' Ferħ għall-Abbatini*

Nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru 2005, ġiet organizzata laqgħa għall-membri tal-*Piccolo Clero*. Mons. Isqof Cauchi fetaħ din il-laqgħa ta' ferħ permezz ta' quddiesa li kienet animata mis-seminaristi. Mons. Isqof, f'kelmtejn li għamel, kellem lit-tfal fuq il-misteru tal-Milied u t-tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa. Wara l-quddiesa, l-abbatini preżenti setgħu jiltaqgħu, jilagħbu u fuq kollox jifirħu flimkien fil-*premises* tas-seminarju maġġuri. Fi tmiem din l-attività ġew imqassma premjijiet u rigali lil dawk kollha preżenti b'tifkira ta' l-Milied.

## *L-Isqof Elett jipparteċipa f'Programm Televiżiv*

L-Isqof il-Ġdid Mons. Mario Grech ipparteċipa f'programm televiżiv fuq Super 1 TV li ġie rrekordjat fis-sala tat-tfal ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Aktar tard, filgħaxija huwa żar il-wirja tal-presepji li ttellgħet fis-sala ta' l-esebizzjonijiet fil-Ministeru għal Għawdex, liema wirja ġiet imtellgħa mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju.

## *L-Isqof Elett fi żjara fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex*

L-Isqof Elett Mons. Mario Grech, akkumpanjat mill-assistent personali tiegħu żaru l-morda fis-swali ta' l-irġiel u n-nisa fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Żaru wkoll il-ward tas-CCU. Barra li tkellem mal-morda li kienu rikoverati fis-swali rispettivi tagħhom, tkellem ukoll ma' l-istaff mediku li apprezzaw iż-żjara tiegħu.

## *Laqgħa għall-aspiranti ta' l-Azzjoni Kattolika*

Nhar l-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2005, Mons. Isqof Nikol Ġ Cauchi mexxa quddiesa għall-aspiranti ta' l-Azzjoni Kattolika ġewwa s-sala ta' l-Azzjoni Kattolika. Wara l-quddiesa nżamm riċeviment għal dawk kollha preżenti.

## *Is-26 Festival tal-Korijiet tal-Milied*



Bħas-snin l-imgħoddija, is-Segretarjat għall-Edukazzjoni u Kultura fi ħdan il-Kurja ta' l-Isqof bit-tħabbrik tas-segretarju Mons. Salv Pace, organizza l-festival tradizzjonali tal-Korijiet f'dan iż-żmien festiv tal-Milied. Dan ittella' nhar il-Ħamis 29 ta' Diċembru 2005, fil-Knisja Bażilika Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur. Għal din l-okkażjoni ħadu sehem il-korijiet mid-diversi rħula ta' Għawdex, liema korijiet jagħtu s-servizz siewi tagħhom matul is-sena kollha fil-parroċċi rispettivi tagħhom permezz ta' l-animazzjoni tal-kant waqt iċ-ċelebrazzjonijiet. Kemm l-Isqof Nikol Ġ Cauchi kif ukoll l-Isqof Elett Mons. Mario Grech attendew għal dan il-kunċert. Fi tmiem il-Festival Mons. Grech kellu kliem ta' tifħir u ta' inkoraġġiment għal-livell tassew għoli tal-korijiet kollha li ħadu sehem.

Filgħaxija ż-żewġ isqfijiet tagħna, Mons. Nikol Cauchi u Mons. Isqof Grech ipparteċipaw fl-Ikla organizzata miċ-*Circolo Gozitano*. F'din is-serata, li saret fil-lukanda ta' Ċenċ, ġew onorati b'*Ġieħ Għawdex* l-Isqof Mons. Nikol Ġ Cauchi, u persuni oħra *(ara paġna 14)*.

# X'għadda minn għalina



Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri

## Ġieħ ir-Repubblika lill-Isqof Cauchi

L-Isqof ta' Għawdex, Mons. Nikol Cauchi, ngħata l-unur bħala membru tax-Xirka "Ġieħ ir-Repubblika", mill-President ta' Malta, Edward Fenech Adami, f'ċerimonja li saret fil-Palazz fl-okkażjoni ta' Jum ir-Repubblika.

Mons. Cauchi kien ordnat Isqof tmienja u tletin sena ilu. Hu kien ġie maħtur Amministratur Appostoliku għal Għawdex u Isqof Awżiljarju bit-titlu ta' '*Vico d'Augusto*' fl-1967 mill-Papa Pawlu VI. L-Isqof Cauchi ġie ordnat saċerdot fl-1952 u wara kompla l-istudji tiegħu fl-Università Gregorjana u fl-Istitut tas-Soċjologija f'Ruma. Huwa ta kontribut kbir fl-edukazzjoni u l-formazzjoni ta' l-istudenti ġewwa s-Seminarju tad-Djoċesi Għawdxija, fejn fl-1955 assuma r-responsabbiltà tal-katedra tal-filosofija u s-soċjoloġija u ġie appuntat Prefett ta' l-Istudji fl-1963. Mons Isqof Cauchi hu wieħed mill-fundaturi tal-Moviment Azzjoni Soċjali u ħadem ħafna fl-organizazzjoni tal-ġemgħat soċjali tal-moviment f'Għawdex. Kien ukoll konsulent dwar il-morali għall-Moviment ta' Kana. Ħa parti attiva fit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku Għawdxi ta' dak iż-żmien. Hu wkoll awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet.

Mons. Isqof qalilna illi xtaq li jirringrazzja lill-President tar-Repubblika li għogbu jaħtru għal din in-nomina. "Ma kontx qed nistenna dan il-ġieħ, pero' dan li ġara jħeġġiġni biex inkompli nagħti mill-aħjar li nista' s-sehem tiegħi għall-progress ta' ħuti Maltin u Għawdxin".



*Ritratt: Il-President ta' Malta, l-E.T. Edward Fenech Adami hekk kif libbes l-unur lill-Mons. Isqof Nikol Cauchi, bħala membru tax-Xirka Ġieħ ir-Repubblika.*

## Maria Giuliana Fenech maħtura bħala "Iż-Żagħżugħa tas-Sena 2005"

L-E.T. il-President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami u l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono kienu fost il-mistednin distinti li nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru, imlew is-sala tal-konferenzi tal-lukanda Ta' Ċenċ f' Sannat, fejn saret iċ-ċerimonja tal-Għoti tar-Rikonoxximent 'Iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2005'.

Dan l-avveniment soċjo-kulturali ta' kull sena jittella' mill-Fondazzjoni OASI, bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi u mill-Kunsill Nazzjonali Żgħażagħ.

L-għan ta' din l-attività huwa wieħed ta' rikonoxximent pubbliku kif ukoll ta' inkoraġġiment lil dawk iż-żgħażagħ li jwettqu xogħol volontarju fil-komunità. Dan ir-rikonoxximent ma jingħatax liż-żgħażagħ li juru inizjattiva u kreattività filantropika, soċjali jew kulturali biss, iżda jkun ikkunsidrat ukoll li kull nominat jew nominata jkunu qdew dmirijiethom ordinarji b'onestà, dedikazzjoni u effiċjenza.

Ta' min jgħid li dan l-avveniment huwa differenti minn premjijiet simili, għaliex fih ma jintagħżilx rebbieħ jew rebbieħa, iżda dawk kollha nominati jiġu onorati u rikonoxxuti, biex fl-aħħarnett jintagħżel minn fosthom xi ħadd biex ikun l-ambaxxatur jew ambaxxatrici taż-żgħażagħ kollha quddiem is-soċjetà għal sena sħiħa.

F'din l-edizzjoni tas-sena 2005, li kienet l-erbatax-il waħda, kien hemm 8 nominazzjonijiet minn diversi organizzazzjonijiet madwar Malta u Għawdex. Kif titlob it-tradizzjoni ta' din iċ-ċerimonja, Dun Manwel Cordina, Direttur Ġenerali tal-Fondazzjoni OASI, mgħejjun miż-Żagħżugħa tas-Sena li għaddiet Jane Mifsud, ippreżenta lil kull nominat u nominata ċertifikat u trofew ta' rikonoxximent u tifkira.




L-aktar mument eċċitanti u kommoventi tas-serata kien meta s-Sinjurina Edel Cassar, Rappreżentanta tal-Kumitat ta' l-Għażla, qrat ir-rapport tal-President ta' l-istess kumitat u ħabbret fost applaws kbir l-isem ta' Maria Giuliana Fenech bħala "Iż-Żagħżugħa tas-Sena 2005".

Kif deher mill-istess rapport tal-għażla, il-membri tal-kumitat kellhom deċiżjoni verament diffiċli x'jieħdu din is-sena għaliex l-inizjattivi u l-impenn soċjali taż-żgħażagħ nominati kienu qawwija ħafna.

Maria Giuliana Fenech hija mill-Mosta u r-rikonoxximent tagħha kien riżultat ta' l-impenn kostanti tagħha mal-*21+ Group* fi ħdan il-CARITAS fejn hija tqatta' ħafna mill-ħin liberu tagħha. Maria tieħu ħsieb torganizza laqgħat u attivitajiet ma' dan il-grupp. L-inizjattiva u l-kreattività dehru ukoll fix-xogħol ta' Maria fejn taħdem biex tippromwovi l-kultura Maltija.

Maria Giuliana Fenech ingħatat ix-*shield* ta' "Iż-Żagħżugħa tas-Sena" għas-sena 2005 personalment minn idejn l-E.T. il-President ta' Malta, Dr Edward Fenech Adami. Hija ser iżżomm din ix-*shield* għal sena sħiħa, sakemm tnax il-xahar ieħor tkun mistiedna tgħaddiha lil xi żagħżugħ jew żagħżugħa oħra, f'edizzjoni oħra ta' dan ir-rikonoxximent.

*Ritratt: Hawnhekk jidher il-President ta' Malta, hekk kif ippreżenta s-'Shield' lil Maria Giuliana Fenech. Jidher ukoll Dun Manwel Cordina.*

## Żjara fir-Respite Centre "Dar Arka" f'Għajnsielem



Fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabbilità, kif ukoll fl-okkażjoni tal-5 Anniversarju mill-ftuħ uffiċjali ta' Dar Arka, il-President ta' Malta, l-E.T., Dott. Edward Fenech Adami, nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru, żar ir-*Respite Centre* f'Għajnsielem fejn inawgura l-'*Multisensory Optimusic Room*', li ġiet tiswa Lm7,000, Lm2,000 minnhom ingħataw mill-*Community Chest Fund* waqt li l-Lm5,000 l-oħra ngħataw minn diversi benefatturi.

Min-naħa tiegħu, id-Direttur tar-*Respite Centre*, Mons. Emanuel Curmi bħala tifkira ta' l-okkażjoni, fil-preżenza ta' l-Isqof il-ġdid Mons. Mario Grech, ippreżenta lill-President ta' Malta b'Sagra Familja tal-fidda.

## Barranin f'Għawdex



Bejn il-Ġimgħa 4 u l-Ġimgħa 11 ta' Novembru kien hawn fostna, f'Għawdex, sħab il-Konservatorju ta' l-Isqof fil-proġett *Comenius*. Dawn kienu ħames persuni mill-Greċja, tliet persuni mill-Ġermanja, żewġ persuni minn Spanja, u żewġ persuni minn Iceland. Kienu jonqsu l-membri mill-Polonja. Qegħdin jiddiskutu flimkien dwar l-inklużjoni, jiġifieri x'faċilitajiet u x'metodi jintużaw għal dawk bi bżonnijiet speċjali.

Kif dawn il-barranin kienu hawn Għawdex, ittieħdu jżuru anki skejjel oħra, biex ikollhom idea aktar wiesgħa. Filgħaxijiet imbagħad ittieħdu madwar Għawdex, fosthom Ta' Pinu, il-Ġgantija u d-Dwejra. Ġurnata Malta ma naqsitx. Żaru l-Belt, il-Villaġġ Ta' Qali u l-Imdina. Ittieħdu wkoll il-*Malta Experience*.

*Fir-ritratt il-Grupp ta' barranin jidhru fil-Konservatorju ta' l-Isqof, fir-Rabat, Għawdex.*

## L-Ewwel Twelid tas-Sena 2006: żewġ subien



Nhar l-ewwel jum tas-sena 2006, fis-sala tal-maternità fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, twieldu żewġ trabi subien, it-tnejn l-ewwel wild għal żewġ koppji mir-Rabat, Għawdex. L-ewwel tarbija, tifel li ngħata l-isem ta' Justin, twieled għall-ħabta ta' l-4.00 p.m. lill-koppja Warren u Kelly Grech (*xellug*). Tyler twieled siegħa wara, jiġifieri għall-ħabta tal-5.00 p.m. lill-koppja David u Debbie Theuma-Scerri.



## *"Ġieħ il-Qala" għal 4 soċji tal-MUSEUM*



Il-Kunsill Lokali Qala, wara li ddiskuta l-proposti u s-suġġerimenti li ġew mgħoddija mill-kumitati u l-għaqdiet tal-lokal, iddeċieda li l-Premju Ġieħ il-Qala - 2005 jingħata lill-erba' soċji tal-MUSEUM li għaddew ħajjithom jaħdmu f'din is-Soċjetà fost it-tfal u ż-żgħażagħ Qalin.

Waqt serata ta' talent lokali b'kant, daqq, qari ta' poeżiji miktuba u moqrija minn Philip Pisani u diskors ta' l-okkażjoni minn Euchar Mizzi, nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, fis-7.30 ta' filgħaxija, fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Qala, tħabbru r-rebbieħa ta' Ġieħ il-Qala 2005 li huma Cetta Magro, Carmena Mizzi, Toni Camilleri u Emanuel Camilleri.

Fi tmiem is-serata s-Sindku tal-Qala Paul Buttigieg irringrazzja lir-rebbieħa għal impenn, dedikazzjoni u ħidma siewja li wettqu fost il-Qalin. Ħidma mifruxa fuq medda ta' aktar minn 50 sena bħala soċi, liema ħidma twettqet b'ħafna sagrifiċċju u b'sens kbir ta' volontarjat li żgur issarrfet f'ġid kbir fost it-tfal, studenti, żgħażagħ u l-familji Qalin.

Wara s-Sindku ppreżenta tifkira lir-rebbieħa. Fl-assenza ta' Toni Camilleri u Emanuel Camilleri li minħabba l-eta' tagħhom ma setgħux jattendu għas-serata, it-tifkira ngabret mill-familjari tagħhom, Ġużepp Camilleri u Antoinette Agius.

*Ritratt: Waqt iċ-Ċerimonja tal-Premju Ġieħ il-Qala.*

## *Għajnuna finanzjarja lil żewġ teatri Għawdxin*



Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, nhar l-Erbgħa, 21 ta' Diċembru, 2005, ippreżentat għotjiet finanzjarji liż-żewġ teatri ta' l-opra f'Għawdex. L-għotjiet, li jammontaw għal Lm5,000, tqassmu b'konformità mal-ftehim bejn il-Ministeru għal Għawdex u t-Teatri Astra u Aurora. Dan, sabiex il-Gvern jgħin fil-produzzjoni ta' l-opra lirika annwali.

Fil-bidu ta' l-istaġun teatrali 2005-2006, it-Teatru Astra ppreżenta l-opra *La Bohème* ta' Giacomo Puccini bis-sehem tat-tenur Malti Joseph Calleja u s-sopran Tatiana Lisnic, filwaqt li t-Teatru Aurora ppreżenta l-opra *Fedora* ta' Umberto Giordano bis-sehem tas-sopran Laura Niculescu u t-tenur Mario Malagnini, fil-partijiet prinċipali.

*Fir-ritratt jidhru l-Presidenti tas-Socjetajiet Leone u La Stella, l-Avukat Michael Caruana (xellug) u s-Sur Dolindo Cassar (lemin) flimkien mal- Ministru Giovanna Debono.*

## *40 sena ta' ħidma mal-"Public Works Department"*



Bħala apprezzament lil Victor Scicluna, mir-Rabat, Għawdex, għall-ħidma dedikata ta' 40 sena servizz lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, il-ħaddiema sħabu għamlulu ikla fir-Ristorant *l-Iskoll*, Sannat nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ottubru 2005.

Scicluna daħal jaħdem mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fit-18 ta' Ottubru, 65, bħala '*Chainman*'. L-aħħar impenn ta' Scicluna kien dak ta' Uffiċjal Tekniku Prinċipali fit-18 ta' Marzu, '91 u sussegwentament Uffiċjal fi Grad 8, fit-18 ta' Marzu '99. Scicluna ħadem bi sħiħ biex jimmotiva lill-ħaddiema għal servizz aħjar u għas-sodisfazzjon tal-pubbliku. Kien jimmaniġġja fil-veru sens tal-kelma x-xogħol kollu fejn jidħlu proġetti u xogħlijiet oħra tad-Dipartiment. Proprjament, l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu hi nhar il-Ġimgħa, 7 ta' April 2006.

Is-Sur Saviour Tabone, Uffiċjal Prinċipali Anzjan fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet, għan-nom tal-ħaddiema, waqt li faħħar ħidmietu u awguralu għomor twil, ippreżenta lis-Sur Scicluna b'ikona tas-Sagra Familja u b'arloġġ ta' l-idejn.

*Ritratt: Waqt il-preżentazzjoni. Jidhru mix-xellug għal-lemin Joseph Caruana, Joe Muscat, Saviour Tabone u Victor Scicluna.*

## *Serata ta' Kant, Drama u Żfin fl-Oratorju*



Nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru sar il-'*Christmas Concert*' ta' l-Iskola Primarja tal-Konservatorju ta' l-Isqof. Bħal kull sena l-'concert' tal-Milied sar fl-Oratorju Don Bosco. Għalih attendew għadd kbir ta' ġenituri u ħadu sehem it-tfal kollha ta' l-iskola. Erġajna rajna tfal bi bżonnijiet speċjali jieħdu sehem bħat-tfal l-oħra. Is-serata ppreżentata minn Marvic Bajada u Margaret Camilleri, kienet imqassma f'kant, drama u żfin, u li għamlet dan il-'concert' wieħed interessanti ħafna f'atmosfera ta' ferħ u spirtu tal-Milied.

*Fir-ritratt jidhru uħud mill-istudenti tal-Year 5 u 6 jinterpretaw siltiet minn 'Disney's Classics'.*

## *Tiżjin fi Triq ir-Repubblika*

Triq ir-Repubblika, Victoria, kienet imżejna għall-festi tal-Milied u ta' l-Ewwel tas-Sena. Ritratt meħud minn Joseph Zammit minn Victoria u li għoġbu jibagħtulna għall-pubblikazzjoni f'din il-paġna. It-tiżjin matul it-triq kien ikkonċentrat fuq għadd kbir ta' kwiekeb kbar u żgħar, u sar b'inizjattiva tal-Kumitat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.



## *Wirja mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju*



*Ritratt: Il-Ministru Giovanna Debono qed tiġi murija d-diversi xogħlijiet esebiti fil-Wirja tal-Presepju, minn Joe Camilleri, teżorier tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, Għawdex, Malta.*

L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, Għawdex, Malta, li s-sena li għadha kif għaddiet, fakkret l-20 anniversarju mit-twaqqif tagħha, tellgħet il-wirja annwali tagħha tal-Presepju, f'waħda mis-swali li jinsabu fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex, fir-Rabat.

Il-wirja li nfetħet uffiċjalment mill-Ministru Giovanna Debono, tbierket mill-Isqof t'Għawdex, Mons. Nikol Cauchi, nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru.

Madwar 70 presepju magħmula mit-terrakotta, ġebel, tafal, ġablo u minjatura kienu għall-wiri. Wieħed seta' jara ukoll biċċa pittura ta' John Sammut, xogħol fis-smid. Xogħol ta' ammirazzjoni kien presepju magħmul ġo bettiegħa ta' l-inbid ta' Joe Camilleri. Kien hemm ukoll bambini tax-xema' u presepju magħmul fuq stil gotiku.

Il-wirja baqgħet miftuħa għall-pubbliku sa nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar.

*Ritratti: Xogħol esebit fil-wirja*



## *Ingawgurati u Mberkin l-Istudios Ta' Pinu*

Nhar il-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Ħamis 8 ta' Diċembru, ġew inawgurati u mberkin l-*istudios* tar-Radju fis-Santwarju Ta' Pinu, mir-rettur Fr Michael Galea. Sar ukoll kollegament dirett ma' Radju Marija fir-Rabat, Malta. Sar talb u kien hemm ukoll diversi interventi mis-semmiegħa.

L-iskop ta' dawn l-*istudios* huwa li jwassal l-leħen tas-Santwarju Ta' Pinu fuq bażi nazzjonali, b'kollegamenti wkoll ma' diversi stazzjonijiet ta' radjijiet lokali kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.



# DUN MARIO

## ISQOF TA' GĦAWDEX



## *Għawdex jifraħ bil-ħatra ta' Ragħaj, Xandar tal-Ħniena u t-Tjubija ta' Alla*

*Kitba ta' **Dun Eddie Zammit**, Assistent Personali*

**XAHREJN ILU,** bejn is-6 u l-10 ta' Novembru, grupp ta' 24 saċerdot Għawdxi nġbarna għall-Irtir Annwali tagħna f'Dar Manresa r-Rabat Għawdex. Il-predikatur il-Ġiżwita Fr. Mario Jaccarini bis-semplicità u t-tjubija kbira tiegħu wasslilna dak li aħna s-saċerdoti nkunu għatxana li nisimgħu mill-ġdid: aħna l-magħżulin t'Alla, aħna l-maħbubin tiegħu. Bħal f'kull esperjenza simili, inħolqot klima ta' ġabra u ta' talb. Il-qlub tagħna s-saċerdoti waqt dawn il-mumenti intrefgħu lejH u ħarġu talb ħerqan għall-ħtiġijiet tal-insara kollha, għad-djoċesi tagħna, għall-Isqof il-ġdid li konna qegħdin nistennewh bil-ħerqa sa minn dak il-jum li l-Isqof Cauchi b'sens ta' sottomissjoni u distakk, kif ukoll b'sens ta' kompletezza ta' missjoni, offra li jgħaddi t-tmexxija tad-djoċesi f'idejn iktar żagħżugħa. Fost dawk is-saċerdoti imsieħeb magħna f'dan il-talb ħerqan lil Alla, hemm f'Dar Manresa, kien hemm diġa' il-magħżul tal-Mulej, dak li konna qed nitolbu li jingħatalna: l-Isqof t'Għawdex, Dun Mario Grech. Hu ukoll magħna talab li jingħatalna saċerdot twajjeb u mimli ħeġġa għas-suċċessur deħen tal-Isqof Cauchi. L-għażla ta' Dun Mario Grech bħala Isqof t'Għawdex ġiet ikkonfermata s-Sibt, 26 ta' Novembru meta Dun Mario ġie l-Kurja biex jirċievi minn idejn is-segretarju tan-Nunzjatura f'Malta Mons. Gian Luca Perici, id-dokumenti tal-għażla tiegħu bħala t-8 Isqof Djoċesan t'Għawdex. F'ġest żgħir imma sinifikanti, Dun Mario niżel għarkupptejh quddiem l-Isqof Nikol Cauchi u dan poġġa fuq ras l-Isqof il-ġdid li kien għadu kemm inħatar f'dawk il-mumenti, il-karlotta l-ħamra, wieħed mis-sinjali esterni tal-episkopat. Dun Mario qam u għamel diskors qasir ta' ringrazzjament lil Alla, lill-Papa Benedettu XVI, u lill-Isqof Nikol Cauchi li 21 sena ilu permezz tat-tqegħid tal-idejn, daħħlu fost l-ordni tal-presbiterat u ordnah saċerdot għal dejjem. F'dawk il-mumenti fl-uffiċċju tal-Isqof Cauchi kienet qed tinkiteb paġna sabiħa fil-ħajja ta' Dun Mario u fil-ħajja sabiħa tad-djoċesi għażiża tagħna. L-Isqof u l-ftit saċerdoti li konna preżenti għal dawk il-mumenti fraħna bl-Isqof il-ġdid u tlabnieh biex jagħtina l-ewwel barka fuqna u fuq l-insara tad-Djoċesi tagħna, ġest li hu offra li jagħmel flimkien ma' L-Isqof Cauchi. F'kumment li ta ftit minuti wara fuq ir-Radju RTK, l-Isqof il-ġdid stqarr li l-missjoni tiegħu bħala Isqof hi li jwassal u jagħmel preżenti b'kull mezz lil Kristu "l-isbaħ fost ulied il-bnedmin".

**ID-DJOĊESI KOLLHA** laqgħet l-aħbar tal-ħatra tal-Isqof Mario b'ferħ kbir. Il-qniepen tal-knejjes tagħna daqqew mota twila ta' ferħ. Ferħet id-djoċesi kollha u feraħ ukoll l-Isqof Nikol Cauchi li ra wieħed mis-saċerdoti li hu stess ordna presbiteru, jintagħżel għal dan il-ministeru. Il-ferħ tal-Isqof Cauchi deher f'diskors li għamel l-għada l-Ħadd fil-Bażilika tan-Nadur. Meta tkellem dwar l-għażla tal-isqof il-ġdid, l-Isqof semma li l-poplu nisrani tad-djoċesi tagħna jinsab ħafna grat lejn Alla u lejn il-Papa talli għoġobhom l-ewwelnett jibgħatulna l-isqof għad-djoċesi tagħna li konna qegħdin nistennew, u t-tieninett li l-għażla waqgħet fuq wieħed minn fost il-Kleru Għawdxi, xewqa li l-Isqof kemm il-darba esprima fil-miftuħ. Il-ferħ tal-Isqof Cauchi quddiem din l-għażla, hu mingħajr dubju l-ferħ kemm tal-Għawdxin kollha kif ukoll ta' dawk kollha li xi darba ġew f'kuntatt ma' Dun Mario Grech.

**DUN MARIO** twieled u tgħammed fil-parroċċa tal-Qala Għawdex, nhar l-20 ta' Frar tal-1957. Ta' età żgħira missieru George u ommu Stella ħadu liċ-ċkejken Mario fir-raħal ta' Kerċem. Hemm Mario beda jattendi l-Iskola tas-Sorijiet Karmelitani u l-Iskola Primarja ta' Kerċem. Wara li temm l-istudji tiegħu fl-Iskola Sekondarja ta' Victoria fl-1977 beda l-Kors tal-Filosofija u iktar tard dak tat-Teoloġija fis-Seminarju t'Għawdex. Dak iż-żmien is-Seminarju tagħna kellna bħala superjuri lil Patri Anton Azzopardi S.J., Dun Mikiel Mintoff Viċi-Rettur, u lil Dun Mikiel Attard bħala Direttur Spiritwali. Lil Dun Mario niftakruh dejjem serju fuq xogħlu però fl-istess ħin attiv, speċjalment fir-Rivista Djoċesana li tagħha kien wieħed mill-assistenti edituri għal xi żmien, kif ukoll attiv fl-attività tal-Grupp tad-Drama, arti li Dun Mario dejjem ħabb u wera talenti partikulari fiha sa minn żmien l-iskola

sekonardarja. Wara l-ordinazzjoni tiegħu fil-Kattidral t'Għawdex nhar is-26 ta' Mejju tal-1984 minn idejn l-Isqof Nikol Cauchi, Dun Mario ntbagħat Ruma fejn kiseb il-liċenzjat fil-Liġi Kanonika u Ċivili fl-Università Pontifiċja tal-Lateran. L-attenzjoni għall-pastorali matul iż-żmien ta' Ruma, Dun Mario wettaqha billi żamm l-akkomodazzjoni tiegħu fil-parroċċa tal-Assunzjoni fiz-zona Tuscolana u ħa sehem attiv fil-pastorali kateketika ta' dik il-parroċċa. Fil-kamp tal-Liġi Kanonika Dun Mario kellu esperjenza fit-Tribunali tal-Knisja f'Ruma kemm fil-Vigarjat kif ukoll fis-Sacra Romana Rota. Mar-ritorn tiegħu f'Għawdex hu kien assenjat diversi ħidmiet pastorali kemm fil-Kurja Djoċesana fejn għal diversi snin kien l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Kurja, iktar tard fl-1993 il-Vigarju Ġudizzjali għat-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Għawdex u fl-istess waqt Imħallef fit-Tribunal tal-Knisja f'Malta. Dun Mario kien imdaħħal ukoll fil-proċess għall-Beatifikazzjoni tal-Qaddejja t'Alla Madre Margerita Debrincat, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Qalb ta' Ġesu, kif ukoll dik tal-Fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl Mons. Ġużeppi de Piro. Fuq livell Djoċesan jibqa' mfakkar is-sehem li ta Dun Mario fit-twaqqif tar-*Radio RTK* u l-parteċipazzjoni tad-Djoċesi Għawdxija f'din il-kumpanija, kif ukoll fil-bini tal-*Lumen Christi Media Centre* li llum jospita l-Uffiċċji tad-Dar tal-Kotba *Lumen Christi*, ir-Rivista Djoċesana *Il-Ħajja f'Għawdex,* il-*Book Shop* tad-Djoċesi u l-*istudios* li minnhom jittellgħu l-programmi fuq ir-*Radio RTK* fosthom il-programm popolari 'Il-Kelma tal-Isqof'. Dun Mario sab ukoll ħin li jgħin lill-persuni kkonsagrati permezz tal-ħidma tiegħu fost il-Grupp ta' Lajċi Kkonsagrati fil-grupp djoċesan tal-"*Anawim*" immexxi minn Miss Maria Attard. Dan il-grupp huwa magħruf għall-ħidma favur il-ħarsien għad-dritt tal-ħajja u l-appoġġ li jagħtu lil persuni f'diffikultà kif ukoll għat-tmexxija tad-*Dar Ġużeppa Debono* li nbniet għal dan il-għan bil-ħidma ta' Dun Manwel Curmi Direttur tal-*Caritas* Djoċesana. Barra din il-ħidma kollha, Dun Mario għatxan għall-kuntatt dejjem iżjed profond u għall-ħidma pastorali iktar diretta fost il-poplu, sena ilu, aċċetta li jidħol għat-tmexxija tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor f'Kerċem Għawdex. Ħidma li ġiet milqugħa b'entużjażmu kbir mill-membri tal-komunità kollha kif jixhdu d-diversi kummenti pożittivi tas-setturi kollha ta' din il-komunità.

**DUN MARIO** dieħel għall-ministeru ta' Ragħaj Djoċesan tal-merħla t'Alla li tinsab f'Għawdex b'fiduċja kbira li Dak li sejjaħlu għal dan il-ministeru ser jagħnih ukoll b'dawk il-kariżmi meħtieġa ta' ħeġġa, għaqal, għerf, tjubija, u qdusija li aħna s-saċerdoti u l-insara ta' pajjiżna dejjem rajna fil-mexxejja kollha tagħna. It-tjubija, il-ħlewwa u l-attenzjoni partikulari li tispikka fil-karattru ta' Dun Mario fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-oħrajn, żgur li ser tgħinu biex il-ħidma tiegħu tħalli frott bnin fost il-komunitajiet insara tagħna. Bħala saċerdot li ħadem mill-qrib fil-programmazzjoni pastorali spirata mill-Isqof Nikol Cauchi, Dun Mario bħala Isqof Djoċesan flimkien mal-Kleru tagħna ser ikun kapaċi bil-kelma u b'inizjattivi oħrajn jagħti spinta lill-proċess ta' rievanġelizzazzjoni fost is-setturi kollha tal-poplu tagħna. F'din il-ħidma tiegħu żgur li ser jagħmel teżor mid-diversi proposti, linji pastorali, u inizjattivi simili li ħa fil-kamp tal-evanġelizzazzjoni u kateketika u tal-ħidma soċjali l-Isqof Nikol Cauchi tul il-ħidma twila tiegħu mifruxa fuq 38 sena, snin kif jaf kulħadd għonja b'inizjattivi pastorali, tagħlim u eżortazzjonijiet b'kull xorta ta' mezzi. Dawn kollha għamlu mill-Isqof Cauchi mhux biss mexxej tal-Knisja f'Għawdex imma ukoll wieħed mill-mexxejja li ispiraw il-mixja tal-fidi tal-poplu tagħna f'dawn l-aħħar żmenijiet. Fil-kontinwazzjoni tal-ħidma pastorali fid-djoċesi tagħna, L-Isqof Mario se jsib ħafna għajnuna u rikkezza pastorali. Għall-grazzja t'Alla għandna Kleru ppreparat biex jilqa' l-isfdi li l-Knisja qed tħabbat wiċċha magħhom fid-dinja tal-lum, kif ukoll numru kbir ta' lajċi mpenjati li lkoll flimkien qed juru lill-Isqof il-ġdid l-istess fedeltà u spirtu ta' kollaborazzjoni li huma magħrufin għalihom. Għandu ukoll l-għajnuna u l-appoġġ ta' diversi reliġjużi kif ukoll numru sabiħ ta' seminaristi li huma l-futur tal-Knisja, u dan kollu se jkompli jgħin biex nagħmlu mill-Knisja li tinsab f'Għawdex sinjal tal-Imħabba t'Alla u Dawl għal dawk kollha għatxana għalih.

**L-ENTUŻJAŻMU U L-FERĦ** li qed jintwera fl-għażla tal-Isqof il-ġdid t'Għawdex insibuh espress fil-kummenti pożittivi tal-mexxejja ta' pajjiżna u personalitajiet oħra. Insemmu biss xi uħud. Il-Prim Ministri Gonzi f'messaġġ ta' awgurju lill-Isqof il-ġdid qal li filwaqt li jagħraf li minkejja r-responsabbiltajiet ta' kull min qiegħed f'pożizzjoni ta' tmexxija huma ħafna u b'waqtiet ta' diffikultajiet kbar "l-għaqal u d-dehen li dejjem urejt fil-ħidma tiegħek jimlewna b'kuraġġ." Dr. Alfred Sant Kap tal-Oppożizzjoni f'diskors li fih irrefera għall-ħatra ta' Dun Mario bħala Isqof il-ġdid semma li meta ltaqa' miegħu fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala kappillan ta' Kerċem baqa' mpressjonat bil-personalità, l-umanità, kif ukoll bit-trasparenza intellettwali li biha jitkellem l-Isqof il-ġdid. Ir-Rettur tal-Università Pontifiċja San Tumas d'Aquino: l-Angelicum, f'messaġġ ta' ferħ lil Dun Mario qal li "Il-ħatra tagħmel ġieħ lilek imma b'mod tagħmel ġieħ anki lilna l-Angelicum, billi d-dottorat tiegħek ħadtu minn Fakultà tad-Dritt Kanoniku ta' l-Università tagħna. Meta tħabbret il-ħatra ferħu ħafna l-professuri tagħna li ħdimt magħhom biex wasalt għad-dottorat" u jikkonkludi, "li minn mindu affiljajna s-Seminarju f'Għawdex mal-Fakultà tat-Tejoloġija tagħna, ir-rapporti bejn l-Università tagħna u d-Djoċesi ta' Għawdex kienu tajbin ħafna".

**SADANITTANT WASALNA** għall-Konsagrazzjoni tal-Isqof Mario Grech, funzjoni li ser titmexxa mill-Isqof Nikol Cauchi mgħejjun mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca u n-Nunzju Appostoliku Mons. Felix del Branco Prieto. It-22 ta' Jannar 2006 se jkun jum speċjali għal "Dun Mario" u jum ieħor storiku għal Għawdex tagħna.

# PROGRAMM TAĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET FIL-BIDU TAL-MINISTERU TA'

# MONS. MARIO GRECH

## *BĦALA ISQOF TA' GĦAWDEX*

## *6 - 31 ta' Jannar 2006*

## *"Għarfuh fil-qsim tal-ħobż" (Lq 24,35)*

**Il-Ġimgħa 6 ta' Jannar** *Media Centre*, Malta - 11.00a.m.

*Press Conference* dwar il-programm tal-bidu tal-ministeru ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.

**Is-Sibt u l-Ħadd 7 u 8 ta' Jannar**
Parroċċi u Knejjes tad-Djoċesi ta' Għawdex

Fil-knejjes kollha tad-Djoċesi ta' Għawdex tinqara l-istedina ta' l-E.T. Mons. Mario Grech marbuta ma' din il-ġrajja.

**Il-Ħamis 12 ta' Jannar**
Santwarju Madonna ta' Pinu - 6.00p.m.

Laqgħa ta' talb fis-Santwarju Nazzjonali Madonna ta' Pinu għas-saċerdoti kollha ta' Għawdex flimkien ma' l-Isqfijiet l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi u l-E.T. Mons. Mario Grech. Jitkantaw is-Salmi ta' l-Għasar animat mill-Kor tas-Seminaristi; is-saċerdoti jġeddu l-Wegħdiet Saċerdotali tagħhom u wara jsir Att ta' Affidament lill-Madonna.

**Il-Ħadd 15 ta' Jannar** Katidral ta' Għawdex - 5.00p.m.

L-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi jmexxi quddiesa ta' Radd il-Ħajr. Fi tmiem il-quddiesa d-Djoċesi tesprimi r-rikonoxximent tagħha lill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi għall-ħidma li wettaq matul il-ministeru tiegħu bħala Isqof ta' Għawdex.

Fil-parroċċi titqassam Ittra-Messaġġ ta' l-E.T. Mons. Mario Grech lill-familji kollha ta' Għawdex.

**It-Tlieta 17 ta' Jannar**
Knisja Parrokkjali, Kerċem - 5.00p.m.

Laqgħa ta' Talb għar-Reliġjużi Nisa u Lajċi Kkonsagrati, li fiha jieħu sehem l-E.T. Mons. Mario Grech.

**Il-Ħamis 19 ta' Jannar**
Knejjes Parrokkjali tad-Djoċesi ta' Għawdex

Fil-knejjes parrokkjali jkun hemm Jum ta' Adorazzjoni Sollenni u ssir katekeżi dwar il-Ministeru ta' Ragħaj Djoċesan.

**Is-Sibt 21 ta' Jannar** Knisja Parrokkjali, Xewkija - 7.30p.m.
Issir Velja ta' Talb għal kulħadd. Matul il-velja l-E.T. Mons. Mario Grech jagħmel Stqarrija ta' Fidi u jieħu Ġurament ta' Fedeltà lejn il-Knisja quddiem L-E.T. Mons. Felix del Blanco Prieto, Nunzju Appostoliku ta' Malta. Jiġu mbierka l-Insinji Pontifikali ta' l-Isqof il-Ġdid: iċ-Ċurkett, il-Mitra, u l-Baklu. Matul din il-Ġurnata jinżamm Jum ta' Sawm bħala tħejjija spiritwali u talba tal-poplu għall-Isqof il-Ġdid. Filgħaxija, fil-ħin ta' l-*Ave Maria*, tindaqq mota ta' kwarta. F'dan il-jum, kif ukoll l-għada l-Ħadd, jiġu mixgħula l-faċċati tal-knejjes u l-istituti tad-djoċesi u jittellgħu l-bnadar fuq il-bjut b'sinjal ta' festa.

**Il-Ħadd 22 ta' Jannar**
Knisja Katidrali: Jum il-Konsagrazzjoni u l-Ingress Sollenni

**8.15a.m.**
L-E.T. Mons. Mario Grech jingħaqad f'mument ta' talb flimkien ma' xi kollaboraturi tiegħu u mal-Komunità tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini.

**9.00a.m.**
Jitlaq Korteo mill-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini lejn il-Knisja Katidrali. Il-korteo jgħaddi minn Triq il-Kapuċċini għal Triq ir-Repubblika. Mis-salib tat-Tiġrija tul Triq ir-Repubblika, il-korteo jkun akkumpanjat mill-Kavallerija tal-Pulizija ta' Malta. Wasla tal-Korteo fi Pjazza Indipendenza. Akkumpanjat mill-Banda tal-Pulizija ta' Malta, il-korteo jimxi lejn il-Knisja Katidrali. Mal-wasla tal-korteo quddiem il-Knisja Katidrali, l-E.T. Mons. Mario Grech jiġi milqugħ minn Mons. Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi u Arċidjaknu tal-Kapitlu tal-Katidral, flimkien mal-Kapitlu Katidrali. L-E.T. Mons. Mario Grech isellem lil Ġesù Ewkaristija.

**10.00a.m.**
Pontifikal Sollenni tal-Konsagrazzjoni Episkopali ta' Mons. Mario Grech bħala t-tmien Isqof ta' Għawdex. Imexxi l-konsagrazzjoni l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, assistit mill-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta u l-E.T. Mons. Felix del Blanco Prieto, Nunzju Appostoliku ta' Malta, flimkien ma' Isqfijiet oħra. Waqt il-kant tat-Te Deum, l-Isqof il-Ġdid l-E.T. Mons. Mario Grech jgħaddi jbierek lill-ġemgħa miġbura. Il-Korteo u l-Pontifikal Sollenni se jkunu mxandra *live* fuq l-istazzjon nazzjonali TVM u Radju RTK.

**It-Tlieta 24 ta' Jannar** Sptar Ġenerali ta' Għawdex

Żjara fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn l-E.T. Mons. Mario Grech jiltaqa' mal-morda, mal-kappillani ta' l-isptar u ma' l-istaff mediku.

**L-Erbgħa 25 ta' Jannar** Djar ta' l-Anzjani

Żjara lill-anzjani residenti fid-Djar ta' l-Anzjani.

**Il-Ħamis 26 ta' Jannar**
Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Malta

L-E.T. Mons. Mario Grech jiltaqa' mar-residenti Għawdxin fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Malta.

**Il-Ħadd 29 ta' Jannar**
Kumpless Sportiv ta' Għawdex - 5.00p.m.

Festa-Familja għall-familji kollha Għawdxin. Ikun hemm kant, żfin u mużika, bil-parteċipazzjoni ta' tfal u żgħażagħ, u talent lokali. Jingħata l-"Premju Qalb tad-Deheb", organizzat mill-Moviment ta' Kana f'Għawdex. Ikun hemm messaġġi mill-Isqfijiet l-E.T. Mons. Mario Grech u l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi.

**Mit-Tlieta 31 ta' Jannar**
Żjara lill-Komunitajiet Parrokkjali tad-Djoċesi

Bejn il-31 ta' Jannar u s-26 ta' Marzu l-E.T. Mons. Mario Grech se jiltaqa' mal-komunitajiet parrokkjali tad-Djoċesi. Fil-jiem taż-żjara tiegħu, l-E.T. Mons. Mario Grech se jiltaqa' mal-Presbiterju Parrokkjali, Kunsill Parrokkjali, membri ta' Gruppi Ekkleżjali, Kunsill Lokali, tfal fl-iskejjel, persuni morda, kif ukoll gruppi kulturali u soċjali preżenti fil-parroċċa.




# L-Episkopat ta' Mons. Nikol Cauchi

*Kummentarju minn **Mons. Arċidjaknu Giovanni B. Gauci***
*Vigarju Ġenerali ta' Għawdex*

Skond il-kriterji mfasslin mill-liġi tal-Knisja, Monsinjur Cauchi mhux ser jibqa mgħobbi bir-responsabbiltà li kellu bħala Isqof ta' Għawdex. L-Isqof Cauchi kellu l-itwal episkopat fost l-Isqfijiet li mexxew id-djoċesi tagħna. Meta għalaq il-75, hu offra r-riżenja tiegħu lill-Papa kif kien obbligat jagħmel mill-liġi tal-Knisja... u nsista wkoll biex ir-riżenja tiegħu tiġi aċċettata malajr kemm possibbli. Fil-fatt, il-Papa ħatar suċċessur għall-Monsinjur Cauchi lill-Isqof Mons. Mario Grech.

Minkejja l-ħatra ta' Isqof ġdid u anke minkejja l-fatt li Monsinjur Grech dalwaqt jieħu f'idejh it-tmexxija tad-djoċesi tagħna, naħseb li jkun ħafna żbaljat jekk ikun hemm min jaħseb li l-Isqof Cauchi spiċċa!

Monsinjur Cauchi mhux biss kellu episkopat twil ħafna, iżda kien ukoll episkopat għani u ġab bosta riformi ta' siwi kbir. Meta Monsinjur Cauchi daħal għar-responsabbiltà ta' Ragħaj tal-Knisja Għawdxija, iż-żminijiet ma kenux faċli. Għawdex kien jeħtieġ bosta riformi f'ħafna oqsma. Kien ukoll iż-żmien meta kien għadu kif intemm il-Konċilju Vatikan II u għalhekk kull Ragħaj Djoċesan kien jeħtieġlu jħabbel sewwa moħħu biex jagħraf idaħħal il-Konċilju fil-qalb u fil-ħajja ekkleżjali tal-Knisja lokali afdata lilu. Għal din il-ħidma, l-Isqof Cauchi daħal b'ruħu u ġismu. U llum nistgħu ngħidu li s-suċċessur ta' Mons. Cauchi ser isib ħafna ħwejjeġ pożittivi. Sintendi, dan ma jfissirx li ġod-djoċesi ta' Għawdex kollox miexi fuq ir-rubini hekk li l-Isqof Grech jista' joqgħod bi kwietu u jħabbel moħħu biss bir-rutina ta' kuljum. Mhux kull tentattiv ta' Monsinjur Cauchi – kif hu stess bosta drabi ammetta – kien suċċess; barra minn hekk, allaħares Monsinjur Mario Grech kellu jirraġuna li l-Isqof ta' qablu firixlu s-sodda... u issa ma tantx għandu biex jinkwieta! Jien żgur li l-Isqof il-ġdid tagħna ma jasalx għal konklużjoni bħal din.



Però jibqa' wkoll fatt li l-ħidma twila ta' Monsinjur Isqof Cauchi kienet waħda rikka ħafna. L-applikazzjoni tad-direttivi tal-Konċilju Vatikan II ma kenitx biżżejjed. L-Isqof Cauchi ħa ħsieb ukoll li jsir it-Tieni Sinodu Djoċesan mibni fuq it-tagħlim tad-dokumenti konċiljari u aġġornat ukoll ma' l-aħħar ġabra tal-liġijiet tal-Knisja ppubblikati fis-sena 1983.

L-Isqof Cauchi kien iħobb ħafna t-tagħlim. Hu nnifsu qatt ma waqaf milli jkompli dejjem jaġġorna lilu nnifsu u hekk għadu sallum. Barra minn hekk, dak li kien jitgħallem kellu wkoll arti kbira biex iwasslu lill-oħrajn.

Il-kapaċità ta' l-Isqof Cauchi bħala għalliem tidher sewwa fil-predikazzjoni tiegħu, kif ukoll fil-kitba tiegħu. Hu awtur ta' bosta pubblikazzjonijiet u naħseb li, jekk il-Mulej jisilfu l-għomor, ikollu aktar ħin għal kotba ġodda. Jalla jkompli wkoll b'dawk l-interventi tiegħu regolari fuq il-mezzi tax-xandir, bħalma huwa dak ta' kull nhar ta' Ħamis fuq l-RTK.

Matul l-episkopat twil tiegħu l-Isqof Cauchi għadda minn bosta esperjenzi, uħud minnhom żgur li swewlu tbatija u fixkluh fil-ħidmiet pastorali tiegħu. Iżda anke meta kien imħabbat bis-sħiħ u b'kobba mħabbla ta' problemi ma' wiċċu, l-Isqof Cauchi qatt ma neża' l-ingwanti tal-karità pastorali tiegħu. Din kienet tattika li swietlu ħafna u bosta drabi ġabitlu wkoll l-umiljazzjonijiet għalih innifsu: l-Isqof Cauchi baqa' dejjem lest li jbati hu... basta jara kuntenti l-oħrajn, basta jsalva l-valur kbir tal-paċi.

Is-snin jitgerrbu għal kulħadd. Tgerrbu anke għall-Isqof Cauchi. Però naħseb li ż-żmien mhux se jnissi l-ħidma tiegħu. Anzi jien persważ li, aktar ma jgħaddu s-snin, aktar il-ħidma tiegħu tkun apprezzata u l-figura tiegħu bħala Isqof aktar tispikka fl-istorja tad-djoċesi Għawdxija li l-Isqof Cauchi tant ħabb.

Mons. Isqof Cauchi żgur li ser jibqa' fil-moħħ u fil-qalb ta' l-Għawdxin: l-istima lejn l-Isqof Nikol Cauchi u l-imħabba lejh għad joktru ħafna.

# TLIETA LI JIRRAPPREŻENTAW LILL-KNISJA GĦAWDXIJA MOGĦTIJA L-UNUR 'ĠIEĦ GĦAWDEX'

*Kitba ta' **Dun Rueben Micallef***







Nhar il-Ħamis 29 ta' Diċembru 2005, ġewwa Palazzo Palina, fil-kumpless tal-Hotel Ta' Ċenċ, inżammet l-ewwel edizzjoni ta' l-Għoti ta' l-Unur '*Ġieħ Għawdex*', imnedija miċ-'Circolo Gozitano' tal-Belt Victoria, li kien ukoll qiegħed ifakkar fl-istess okkażjoni l-200 sena mill-mewt ta' l-Arċipriet Saverio Cassar – Eroj u Patrijott Għawdxi.

Is-serata miżmuma waqt pranzu, kienet ippreseduta minn diversi persuni distinti, fosthom iż-żewġ Isqfijiet t'Għawdex l-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi u l-Isqof elett l-E.T. Mons Mario Grech; wieħed mill-ex-Presidenti tar-Repubblika ta' Malta, l-E.T. il-President Emeritus Ċensu Tabone; il-President tal-Kamra tad-Deputati l-Onor. Anton Tabone u l-Ministru għa Għawdex l-Onor. Giovanna Debono. Il-programm kien imżewwaq b' diversi interventi, ewlenin fosthom: l-indirizz tal-President taċ-*Circolo Gozitano* l-Avukat Dr. Grezzju Mercieca, diskors kommemorattiv mis-Sur Carmel Attard, bis-suġġett "L-Arċipriet Saverio Cassar – Eroj u Patrijott Għawdxi", kif ukoll diversi siltiet mużikali pprovduti minn Mro. Stephen Attard akkumpanjat mis-Sopran Għawdxija Dorianne Portelli.

Il-qofol tas-serata ntlaħaq meta bdew jiġu msejħa l-persuni jew l-istituzzjonijiet magħżula minn Bord apposta, biex jiġu mogħtija l-Unur '*Ġieħ Għawdex*'. Il-persuni u l-istituzzjonijiet magħżula kienu l-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi, l-E.T . il-President Emeritus Ċensu Tabone, il-Professur u Prim-Imħallef Emeritus J.J. Cremona, il-Professur Lino Briguglio, l-Arka *Respite Centre* – irrappreżentata min Mons. Emmanuel Curmi u '*Il-Ħajja f'Għawdex*' – rappreżentata mill-Editur Fr. Reuben Micallef. Qabel ma dawn il-persuni ġew mogħtija l-medalja kommemorattiva, inqrat fuq kull wieħed *curriculum vitae* jew informazzjoni fil-każ ta' l-Arka u 'Il-Ħajja f'Għawdex'. Il-persuni kollha mogħtija l-medalja għamlu diskors qasir li fih raddew ħajr għar-rikonoxximent li ġew mogħtija u fl-istess ħin faħħru inizzjattiva.

Is-serata ġiet fi tmiemha bil-kant ta' l-Innu 'Lil Għawdex' tal-Poeta Għawdxi Ġorġ Pisani, fuq mużika tal-Professur Joseph Vella, ukoll kompajżan tagħna.

Minn dawn il-paġni, nixtiequ l-ewwelnett nifirħu lil dawk kollha onorati b'dan il-ġieħ, b'mod speċjali lit-tlieta li kienu jirrappreżentaw il-Knisja f'Għawdex, jiġifieri l-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi, l-Arka *Respite Centre* u r-rivista tagħna '*Il-Ħajja f'Għawdex*', kif ukoll lill-organizzaturi kollha, b'mod speċjali lil membri taċ-*Circolo Gozitano* li kienu l-moħħ wara din is-serata. Kienet serata li tagħmel mhux biss unur lil dawk li l-ħidma tagħhom ġiet rikonoxxuta b'mod hekk simboliku, imma wkoll lill-organizzaturi li ħadu din l-inizjattiva sabiħa li tirrikonoxxi l-ħidma ta' dawk li ħadmu jew għadhom jaħdmu biex isem Għawdex tagħna jibqa' dejjem fil-għoli.



# L-ARĊIPRIET SAVERIO CASSAR

## *mitejn sena minn mewtu*

## 1805 – 16 ta' Diċembru – 2005

*kitba kommemorattiva ta'*
***Monsinjur Joseph Bezzina***

Nhar is-16 ta' Diċembru, 2005, ħabat għeluq il-mitejn sena mill-mewt ta' Saverio Cassar, Arċipriet tal-Matriċi, il-knisja ewlenija ta' Għawdex; Mexxej tal-Għawdxin kontra l-Franċiżi; u Gvernatur-Ġenerali ta' Għawdex. L-Arċipriet Cassar hu wieħed mill-ftit patrijotti ta' Għawdex, iżda qajla hu magħruf mill-Għawdxin. Il-gżira li hu tant ħabb qajla urietu gratitudni.

### *Arċipriet tal-Matriċi*

Saverio Cassar twieled fil-ħâra ta' Għajnsielem nhar id-29 ta' Diċembru, 1746 bin Mikiel u Maruzza Galea, familja tat-tajjeb. Ommu kienet oħt l-Arċipriet tal-Matriċi Dun Ġakbu Galea.

Wara li rċieva tagħlim b'mod privat f'Għawdex, għax skejjel kien għad m'hawnx, siefer u kompla l-istudji tiegħu fl-Università La Sapienza, Ruma, minn fejn kiseb dottorat fit-Teoloġija. Kien ordnat qassis Ruma minn Francesco Mattei, patrijarka ta' Lixandra, nhar it-30 ta' Marzu, 1771.

Il-Papa Klement XIV ħatru arċipriet tal-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex fl-20 ta' April, 1773, meta kellu sitta u għoxrin sena u kien għadu jistudja Ruma. Hekk sar arċipriet tar-Rabat kollu għax dak iż-żmien il-parroċċa ta' San Ġorġ kienet taħt l-Arċipriet tal-Matriċi. Fl-1 ta' Jannar, 1775, inħatar ukoll provigarju għal Għawdex. Fi żmien li Malta u Għawdex kienu djoċesi waħda b'isqof wieħed, hu kien jirrappreżenta lill-isqof ta' Malta ġewwa Għawdex.

Nhar id-29 ta' Diċembru, 1784, f'għeluq sninu, il-Granmastru Emmanuel de Rohan (1775–1797) ħatru Teologu konsultur tiegħu. Kienet ħatra ta' prestiġju u permezz tagħha kiseb diversi privileġġi, fosthom post ta' unur f'ċerimonji ta' l-Ordni. Dan il-fatt juri kemm Cassar kien miġjub anki mill-mexxejja ċivili tal-gżira.

### *Mexxej kontra l-Franċiżi*

L-arċipriet Cassar wera l-kapaċitajiet kbar tiegħu bħala mexxej tul il-perjodu mqalleb ta' l-okkupazzjoni Franċiża ta' Malta u fiż-żmien ta' wara.

Napuljun Bonaparte ħa 'l Malta u Għawdex taħt il-ħakma tiegħu nhar il-10 ta' Ġunju, 1798. Il-Maltin u l-Għawdxin mill-ewwel ħadu l-Franċiżi fuq demm id-dras. U nhar it-2 ta' Settembru, imxebbgħin mit-tmexxija kapriċċjuża tagħhom, qamu kontrihom. Il-Għawdxin għamlu l-istess fi ftit siegħat. Il-Franċiżi beżgħu u ngħalqu fiċ-Ċittadella u fil-Forti Chambray.

Nhar l-4 ta' Settembru, b'att legali magħmul għand in-Nutar Giovanni Cassar, it-tmexxija ta' Għawdex għaddiet f'idejn l-Arċipriet Saverio Cassar. Imbagħad nhar it-18 ta' l-istess xahar, tlaqqa' għall-ewwel darba





il-Kungress ta' Għawdex. Kienu rappreżentati r-Rabat u l-irħula kollha. Cassar kien formalment elett Mexxej ta' Għawdex u Kemmuna.

Il-Għawdxin fil-bidu ssieltu weħidhom; iktar tard kienu mgħejjuna mill-flotta Portugiża u minn dik Ingliża li offrewlhom armi u munizzjon ħalli jkunu jistgħu jkomplu l-imblokk. Nhar l-24 ta' Ottubru, l-Ammiral tal-flotta Ingliża, Sir Horatio Nelson wasal 'l barra mill-port ta' l-Imġarr. Tard fil-għaxija, l-Arċipriet Saverio Cassar iltaqa' ma' Nelson fuq il-frejgata Vanguard. Kienet l-ewwel laqgħa uffiċjali ta' Malti ma' Nelson.

Il-Franċiżi fehmu li kien għalxejn li jibqgħu jirreżistu u nhar it-28 ta' Ottubru, 1798, ċedew l-armi proprju f'din il-pjazza tat-Tokk u immarċjaw taħt għassa Ingliża lejn il-frejgati sorġuti l-port ta' l-Imġarr. L-Ingliżi tellgħu l-bandiera *White Ensign*, li allura kienet il-bandiera Ingliża, fuq it-torri ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella, dak li hemm preċiż wara l-kampnar tal-Katidral. Iżda l-għada niżżluha u minflokha ttellgħet il-bandiera tar-Re ta' Sqallija.

Nhar id-29 ta' Ottubru, 1798, l-Ingliżi formalment għaddew it-tmexxija tal-gżira lill-Arċipriet Saverio Cassar. Għawdex ma' Kemmuna saru Protettorat awtonomu fir-Renju ta' Sqallija u ta' Napli għax dak iż-żmien dawn ir-renji kienu taħt l-istess Re. Id-digriet tal-għoti ta' Malta mill-Imperatur Karlu V lill-Kavallieri ta' San Ġwann kien igħid ċar u tond li jekk il-Kavallieri jħallu l-gżira dawn kellhom jerġgħu jaqgħu taħt is-suċċessuri tiegħu, dak iż-żmien ir-re ta' Sqallija. Ftit wara Cassar bagħat lill-Avukat Franġisk Pace, li kien joqgħod fid-dar sabiħa u li għada wieqfa ta' wara l-Banka Ġuratali, biex jirrappreżentah Palermo.

## Għawdex Djoċesi

L-għada, it-30 ta' Ottubru, 1798, l-Arċipriet Saverio Cassar kiteb waħda mill-ittri l-iktar importanti f'ħajtu: talba formali lir-Re Ferdinandu III ta' Sqallija biex iressaq petizzjoni quddiem il-Papa Piju VI ħalli Għawdex ma' Kemmuna jinqatgħu djoċesi għal rashom.

Minnħabba l-gwerer u t-taqlib politiku li kien hemm, it-talba ma mxietx 'il quddiem. Nhar il-5 ta' Settembru, 1800, Malta u Għawdex għaddew taħt il-protezzjoni ta' l-Imperu Ingliż u l-petizzjoni ta' Cassar sfat fix-xejn.

## Gvernatur-Ġenerali ta' Għawdex

L-Arċipriet Saverio Cassar beda jmexxi 'l Għawdex u l-Kemmuna bħala Gvernatur-Ġenerali nhar id-29 ta' Ottubru, 1798, jiġifieri malli l-Ingliżi għaddewlu t-tmexxija tal-gżira.

Mexxa b'għaqal kbir. Minkejja dan fid-19 ta' Awissu, 1801, l-Ingliżi warrbuh mill-kariga bla kliem u bla sliem. Emmnu lil min fesfes f'widnejhom li Cassar kien ixaqqleb wisq lejn ir-Re ta' Sqallija u forsi seta' jittradihom. Dan ma kienx biżżejjed. Fetħu nkjesta kriminali ħalli mingħalihom jikxfu irregolaritajiet tul it-tmexxija tiegħu bħala Gvernatur-Ġenerali. Għarralhom, iżda Cassar baqa' taħt l-umiljazzjoni li ġarrab.

Immortifikat mill-Ingliżi u abbandunat mill-Għawdxin, Saverio miet bniedem diżappuntat fl-età ta' kważi 59 sena nhar is-16 ta' Diċembru, 1805 – mitejn sena ilu.



### *Għawdxi b'aġenda politika ċara*

L-Arċipriet Saverio Cassar mhux xi ikona silenzjuża li l-mewt siktet għal dejjem mitejn sena ilu. Cassar kellu ħsieb politiku preċiż fuq Għawdex u għalhekk leħnu għadu jidwi fi żmienna. Hu uriena t-triq li tista' twassal għall-akkwist ta' din l-aġenda. U tul il-ħajja qasira tiegħu beda l-programm ta' kisbiet politiċi u reliġjużi li kellhom idumu iktar minn seklu u nofs biex iseħħu.

Cassar kien ra lill-gżira ta' Għawdex imwarrba mix-xena politika u mill-progress soċjali taħt tliet saltniet – taħt il Kavallieri, taħt il Franċiżi, u taħt l Ingliżi. Kien ra wkoll li dan nuqqas ta' interess fil-Għawdxin mill-mexxejja ekkleżjastiċi. Il-Għawdxin rari kienu jaraw lill-isqof tagħhom f'Għawdex, fi żmien meta l-gżira kienet ħaġa waħda mad-djoċesi ta' Malta. Fehem li t-triq tal-progress għal Għawdex kienet iktar awtonomija fiż-żewġ oqsma: kemm ċivili, kif ukoll ekkleżjastika.

Il-Kolonjalisti Ingliżi raw f'Cassar bniedem perikoluż fil-programm tagħhom ta' ħakma sħiħa fuq il-Maltin. Cassar dan kien jafu, iżda ta' patrijott li kien ma biddilx il-ħsieb tiegħu biex jintgħoġob, kif għamlu mexxejja oħra Maltin ta' żmien il-Franċiżi. Baqa' jsostni ċerta awtonomija u dan għamlu bl-uniku mod possibbli, bis-simpatija tiegħu lejn ir-Renju Sqalli-Naplitan li kien irrikonoxxa dan l-istat ta' fatt. Kien għalhekk li l-Ingliżi ħatfu l-ewwel okkażjoni li kellhom biex iwarrbuh min-nofs.

Il-Knisja 'l barra minn gżiritna rat f'Cassar il-bniedem li, bit-taħbit tiegħu biex Għawdex isir djoċesi għal rasu, seta' inaqqas il-ġurisdizzjoni ta' l-isqof ta' Malta. Kien għalhekk li meta l-Ingliżi ppersegwitawh, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi Maltin ma żammewx miegħu u lanqas għenuh.

Il-Għawdxin ta' madwaru tul l-imblokk Franċiż u ż-żminijiet ta' wara lanqas tawh palata. Il-bniedem minn qaddisu ma togħġbux is-sottomissjoni lejn mexxej. Cassar kellu l-kwalitajiet kollha ta' mexxej u għaldaqstant il-ħbieb ta' qabel warrbuh. Warrbuh ukoll għax kienu opportunisti u xtaqu jinħabbu mal-ħakkiema ġodda. Cassar ma kienx qasba tixxejjer mar-riħ, iżda bniedem b'karattru sod li baqa' jżomm l-idejali tiegħu sal-mewt.

### *Idejali li saru realtà*

L-idejali li hu nissel fl-Għawdxin ma ndifnux miegħu f'qabar li llum lanqas nafu preċiżament liema hu fuq il-presbiterju tal-Matriċi-Katidral. Sitta u sittin sena wara l-ewwel talba tiegħu biex Għawdex isir djoċesi, nhar is-16 ta' Settembru, 1864, il-Papa Piju IX laqa' t-talba tal-Għawdxin u waqqaf id-djoċesi ta' Għawdex li dan l-aħħar ingħatat it-tmien isqof tagħha.

Mija u tlieta u sittin sena wara li hu sar Gvernatur, Għawdex kiseb awtonomija amministrattiva parzjali bit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex – proprju mill-istess Kolonjalisti Ingliżi li tant ippersegwitawh. Il-Kunsill kien inawgurat f'din il-pjazza storika fl-10 ta' Lulju, 1961. U fl-14 ta' Mejju, 1987, it-twaqqif tal-Ministeru għal Għawdex kompla saħħah l-għarfien mill-Gvern Malti ta' gżira bi ħtiġijiet partikulari.

Cassar naħseb li tqalleb f'qabru meta ġriet l-aħbar li r-raħal li nisslu kien żbranat minn Għawdex u meħmuż ma' Malta. Kieku missieru u ommu għadhom ħajjin kien ikellhom jivvutaw mal-Melleħin u n-Naxxarin. Ċert x'kien ikun il-messaġġ tiegħu lill-mexxejja ta' Malta kieku għadu ħaj: Lil Għawdex ħalluh sħiħ kif għamlitu n-natura; lil Għawdex għarfuh bħala reġjun.

*Din il-kitba nqrat mill-awtur innifsu fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' monument f'ġieħ Saverio Cassar fi Pjazza Indipendenza, nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Jannar, 2005.*

A Whole New Look
Sharmain's
Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Zala, Gozo
Tel: 2156 6236

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

VERSI RIFLESSIVI — Poeżiji ta' Francis Sultana

# TAJTNA L-WEGĦDA

## (Tislima lill-Isqof il-Ġdid Mons. Mario Grech)



Magħżul ġejt minn fost l-Aħwa ta' Xirka ħabrieka,
sabiex t'Għawdex id-Djoċesi trieġi t-tmun,
wara Ragħaj hekk ħawtieli 'l għal tant snin utieqa,
bl-ikbar għaqal u dehen saq id-Dgħajsa ta' Xmun.

Tajtna l-wegħda li ħajtek għal Kristu ser tagħti,
sabiex turi kif ġmielu 'l kull bniedem isebbaħ,
meta jagħraf jgħix ħajtu, bla le jħossu ħati,
li naqas li jwettaq id-dmir lilu mnebbaħ.

Tal-Ispirtu l-grazzja għal dan il-għan qaddis,
fik tkompli llum toħroġ dak il-bniedem t'Alla,
li lill-fidili jheġġeġ fit-tagħlim għażiż,
li dejjem fid-Djoċesi ħsad għammiel ħalla.

Ħa titla' llum minn fommna dit-talba ħerqana,
li Alla jżomm fuqek idejH, żgur se jismagħna.

# MISTRIEĦ MISTĦOQQ

## (B'Radd il-Ħajr lill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Cauchi)

Ma xtaqx li jidħol f'palazz magħluq,
għalih u waħdu, min-nies maqtugħ,
għax Seminarju l-ħobż għal snienu,
mnejn iktar nies jisimgħu kliemu.

B'daqqa ta' pinna, b'moħħ marsus għerf,
kif in-nisrani jeħtieġlu jgħix serv
t'Alla fil-proxxmu, miegħu ħanin;
b'tejps, radju, kotba fisser tagħlim.

B'leħen wisq umli, b'karattru sod,
bl-eżempju ħlejju, f'kull ħin, b'kull mod,
lill-Merħla mexxa b'galbu tul snin,
biex f'qalbna daħal, Maltin u Għawdxin.

Illum daw' l-Gżejjer il-ħajr jiżżuh,
waqt li mistrieħ mistħoqq, jgħix jixtiequh.



**VERSI RIFLESSIVI** — **Poeżija tal-Kav. Joe M. Attard**



# LIŻ-ŻEWĠ ISQFIJIET TAGĦNA



F'dir rivista djoċesana
min jaf kemm-il darba ktibt!
Iżda għal dil-ħarġa speċjali
versi sbieħ irqomt u ħsibt.

Kien fil-bidu ta' dis-sena
li sabuni żewġt iħbieb -
Dun Anton, miegħu Dun Reuben,
u tagħhom urewni l-ħsieb

illi ndomm xi ftit vrus ħelwa
lil tnejn fost ħutna l-Għawdxin
illi ċert li niesna kollha
għalihom wisq maħbubin.

Kif l-isem ta' dax-xogħol juri
dawn huma ż-żewġ isqfijiet
li fuqhom kulħadd itambar
speċjalment f'daż-żminijiet.

Ir-raġuni hija waħda:
għax Mons. Cauchi sa jħallina;
waqt li għamel ħiltu kollha,
suċċessur dehen hu jagħtina.

U jien naħseb illi l-għażla
illi saret f'dawn il-jiem
hija waħda "eċċellenti" -
ir-raġun jagħtina ż-żmien.

Daqshekk ieħor kienet f'postha
meta fis-Sebgħa w Sittin
l-isqof Cauchi wasal fostna;
ferħu l-kbar, ferħu ċ-ċkejknin.

Għax f'dar-Ragħaj aħna lkoll sibna
bniedem jaqra ż-żminijiet;
biddel, qalleb, irriforma,
introduċa l-liġijiet

illi bihom tagħna l-Knisja
passi għamlet u stagħniet;
il-kelma setgħana tiegħu
ma' kull rokna nstemgħet, dwiet.

Ma ħalliex lill-pinna rieqda,
użu minnha għamel sew;
stampa kotba u fuljetti,
sigħat twal żgur lilu swew.

Jien ukoll gawdejt mill-ħila
illi kellu fit-tagħlim;
it-Taljan lili għallimni
għalkemm ma kellux tant ħin.

Għadda ż-żmien, sirna ħbieb sewwa,
sa għarrasni u żewwiġni,
rispett lejh minn dejjem kelli
u ta' ħajti fdajtlu r-riedni.

Għalkemm illum qiegħed jerħi
ta' dal-poplu t-tmexxija,
magħna żgur illi sa jibqa'
b'dik il-pinna hekk qawwija!

Eċċellenza, ibqa'magħna,
għax fadlilna bżonnok wisq;
mur strieħ, iva, ġo "Taċ-Ċawla",
fejn sa ssib ħbieb, hena w risq.

Ħalli issa f'idejn Mario,
l-isqof ġdid tagħna l-Għawdxin,
li biċ-ċar diġà wriena
għal kulħadd hu għandu l-ħin.

Kompla lil raħlu jirranġa
għalkemm fi żmien limitat;
fuq spallejh piż ieħor għafas
biex hekk laħaq fl-ogħla grad

ħalli jmexxi lil did-djoċesi
żgur għal għadd sabiħ ta' snin
u ta' disgħa w erbgħin sena
isqof tefgħu d-destin!

Kemm inħossni jiena kburi
b'dana l-isqof ġdid fjamant,
dan għalija fil-kuruna
huwa żgur l-aqwa djamant.

Jekk Mons. Cauchi lili għallem,
lil Dun Mario għallimtu jien;
kien student ġentlom, ħabrieki,
ma jitlifx minuta żmien.

Kont nissaħħar narah jaħdem
fuq il-palk ma' sħabu t-tfal
u tiegħu l-parti jaħdem
bla ma jieħu l-ebda żball.

Tejatrin ferm differenti
sa taħdem issa fil-ħajja;
taqtax qalbek, ħabib tiegħi,
sa ssib inżul w anki tlajja.

Pass pass, iżda, jimxu miegħek
San Girgor u "Tas-Sokkors",
ħallihom triqtek idawlu
u ta' ħajtek l-aqwa għors.

Żomm dejjem dik it-tbissima
li tilgħab dejjem fuq fommok -
kwalità li saret rari,
fuq l-idejn din ser iżżommok.

Ċert ill'inti sa tmexxina,
tgħinna nħobbu lil xulxin,
ħabel wieħed ilkoll niġbdu
sabiex nibqgħu magħqudin.

Għax il-mira ta' kull wieħed
hi li nħobbu lil Ġesù;
urina kif naslu għandu -
għajn ta' mħabba u virtù.

Inwiegħduk, o maħbub Isqof,
ilkoll aħna nafdaw fik;
ma niqfux għalik nitolbu
biex bil-għerf Alla jagħnik,

sabiex din il-merħla kollha
illi Hu afda f'idejk,
lilha tagħraf tidderieġi
u tiġbidha aktar lejk,

sa ma tasal il-ġurnata
illi mmorru ngawduH
fil-ferħ u l-hena tal-ġenna,
fejn hemmhekk tistrieħ kull ruħ.

*Riflessjonijiet dwar il-familja meħuda mill-Ktieb tal-Kardinal Dionici Tettamanzi "Familja, Dove Sei" (Portalupe Editore 15033, Cassalo Monteferrato, Al Via Visconti 17)*

# XI ĠRALHA

Il-Kardinal Dionigi Tettamanzi, Arcisqof ta' Milan, espert tal-familja, ixebbah lill-familja ta' llum ma' dak ir-raġel li safa attakkat mill-ħallelin (Lq.10, 30-37). Il-Kardinal jaqbad il-Parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb, u bi ftit irtokki u tibdiliet 'l hawn u 'l hemm jagħmel verżjoni moderna ta' din il-parabbola addattata u applikata għall-familja.

## VERŻJONI "ADDATTATA" TAL-PARABBOLA

Il-familja kienet nieżla minn Ġeriko għall-Ġerusalemm. Mal-medda tas-snin, kienet ilha għaddejja minn mogħdijiet imwiegħra. U sa fl-aħħar iltaqgħet maż-**ŻMENIJIET MODERNI.**

Iż-**ŻMENIJIET MODERNI** donnhom ma ħamlux il-paċi fi ħdan il-familja u fetħu attakk aħrax kontra l-Familja. **SERQUHA, NEŻŻGĦUHA U ĦALLEWHA NOFSHA MEJTA** fil-ġenb tat-triq.

Għadda s-soċjologu... psikologu.... U s-saċerdot li b'atteġjament ta' "moralista" ikkundanna l-ħtijiet tal-familja... u baqgħu sejrin.

Sa fl-aħħar għadda s-Samaritan it-Tajjeb, il-Mulej, li ġietu ħniena minnha, raha u tħassarha lill-Familja u tbaxxa biex idewwilha l-ġrieħi biż-żejt ta' tjubitu u bl-inbid tal-Kelma qawwija tiegĦu.

Imbagħad refagħha fuq spallejh u wassalha għand il-Knisja u qalilha: "**HU ĦSIEBHA**. Diġa ħallast għall-Familja dak li kelli nħallas. Jien xtrajtha b'demmi. U nixtieq nagħmilha 'knisja ċkejkna'. Tħallihiex aktar mitluqa għal riħha fit-triq, maħbuta minn kull naħa mill-attakki qliel taż-**ŻMENIJIET**. Saħħaħha bil-**KELMA** u bil-**ĦOBŻ TIEGĦI**. Meta nerġa niġi, nitolbok rendikont tagħha".

## TIFSIRA TA' DIN IL-PARABBOLA MODERNA

### *X'ifissru "Żmenijiet Moderni"?*

Il-kultura li qed tiddomina llum permezz tal-*Mass Media* speċjalment tat-TV. Dawn il-*mass media* iddikjaraw gwerra kontra l-Familja. Qed jipproponu mentalita` u stil ta' ħajja li jirridikulaw u jkissru l-valuri fundamentali taż-żwieġ.

## TAĦT L-ATTAKK MILL-MASS MEDIA?

### *Iż-żminijiet moderni serqulna l-fidi*

Dan hu l-aktar valur fondamentali – ir-relazzjoni reliġjuża tal-Familja ma' Alla. Il-Familja bdiet tqis lil Alla żejjed. U waslet biex tkeċċih mill-għatba 'l barra.

Mingħajr relazzjoni ma' Alla, il-Familja saret realta` umana, mingħajr ebda relazzjoni mal-Pjan ta' Alla.



### *Serqulna l-valuri tal-unità u fedeltà*

Il-familja mingħajr ebda relazzjoni ma' Alla, tilfet il-ħtieġa li tkun mibnija

- fuq imħabba unika u esklussiva
- imħabba indissolubbli u fidila.

Għalhekk il-familja tilfet il-lingwaġġ oriġinali u profond ta' l-imħabba:

**"INĦOBB LILEK,**
**LILEK BISS**
**U LILEK DEJJEM".**

B'hekk infetħu l-bibien beraħ għas-separazzjoni u d-divorzji.

# L-FAMILJA???

### *Lill-Familja serqulha l-ferħ tat-tfal*

Il-valur tal-feondità jiġifieri li l-familja tkun santwarju tal-ħajja.

Tant li l-bniedem modern sar jaħseb li t-tfal huma "xkiel" u "ostaklu" li jxekkel il-libertà tal-koppja.

It-tfal jgħidulek huma "jasar intollerabbli għall-mara".

Dan kollu hu żbaljat għax it-tfal huma ferħ u barka fuq il-koppja.

### *Lill-Familja serqulha mis-Serenità tad-Djalogu bejn il-Koppji*

Id-djalogu bejn il-miżżewġin hu ħtieġa, u indispensabbli għax hu sinjal u frott tal-komunjoni bejn il-miżżewġin.

## X'IFISSER "IL-FAMILJA ĠIET IMĦOLLIJA NOFSHA ĦAJJA?"

Anzi ta' min jagħmel il-mistoqsija:
**IL-FAMILJA NOFSHA ĦAJJA, JEW SAĦANSITRA BLA ĦAJJA?**

Din il-mistoqsija hija leġittima quddiem il-ferita gravi li l-Familja ġarrbet miż-*ŻMENIJIET MODERNI*.

Il-Familja ġarrbet din il-ferita mortali minħabba interpretazzjoni żbaljata tal-**LIBERTÀ**.

Skond il-kultura dominanti, il-LIBERTÀ qed tiġi mifhuma bħala **VALUR ASSOLUT U INDIVIDWALISTIKU**.

Għalhekk l-individwi saru jirraġunaw hekk "L-inidividwu għandu libertà assoluta rigward iż-żwieġ. Hu 'dritt' tiegħu li jiddeċiedi xi kwalità ta' żwieġ irid u x'inhu l-iskop taż-żwieġ tiegħu. U ma jindaħallu ħadd".

### *Konsegwenzi*

Iż-żwieġ sar ħaġa privata u mhux fatt soċjali.

Għalhekk l-individwi saru jirraġunaw hekk "Ħajjitna tagħna, nagħmlu biha li rridu, mingħajr indħil ta' ħadd; la ta' l-istat u lanqas tal-liġijiet tal-Knisja".

"Dik affari tagħna kif ngħixu: ngħixux ta' miżżewġin, ngħixux ta' 'konviventi', ningħaqdux ma' *partner* ta' sess ieħor jew ta' l-istess sess. Dik affari tagħna u nagħmlu li rridu".

Raġunamenti bħal dawn huma żbaljati.

## KRISTU S-SAMARITAN IT-TAJJEB

Fil-parabbola wara li l-levita u s-saċerdot baqgħu għaddejjin, ġie s-Samaritan it-Tajjeb, ħares lejn il-Familja u b'ħafna imħabba u ħniena tbaxxa biex idewwilha l-ġrieħi u jerġa' jagħtiha s-saħħa.
Għaliex il-Mulej jagħmel dan kollu? Għax il-Familja hija realtà kbira u straordinarja.

***i) Il-Familja hi opra ta' Alla l-Ħallieq.***
Hu l-Mulej li ħalaq il-Familja. Hu ried li r-raġel u l-mara jingħaqdu f'komunjoni unika, indissolubbli u għammiela.
***ii) Il-Familja hi opra ta' Kristu l-FEDDEJ***
Kristu hu l-Għarus li jingħata lill-Knisja, l-għarusa tiegħu u fuq is-Salib miet għalina. B'hekk Kristu saffa u qaddes l-imħabba tal-miżżewġin.

**KRISTU HU S-SAMARITAN IT-TAJJEB GĦALL-FAMILJA. HU JĦOSS GĦALL-FAMILJA**

- jitbaxxa fuqha
- lest li jdewwilha l-feriti
- jerfagħha fuq spallejh
- u jafdaha f'idejn il-Knisja.

Il-Knisja trid tkun "**IS-SAMARITAN IT-TAJJEB**" **TAL-FAMILJA**.

Il-Knisja trid tħares, tiddefendi, tgħin u ssostni lill-familja.

## IL-KNISJA TRID TKUN "IS-SAMARITAN IT-TAJJEB" TAL-FAMILJA

Kristu jgħid lill-Knisja "Fejjaqha" lill-Familja bil-Kelma u bil-Ħobż tiegħi.

**IVA**

i) Il-Familja għandha bżonn il-Kelma t'Alla.
Hu propju l-Kelma ta' Alla li tixħet id-dawl u turina il-verità, id-dinjità u s-sbuħija tal-Familja.
ii) Il-Familja għandha bżonn "**IL-ĦOBŻ TA' ALLA**" jiġifieri **L-EWKARISTIJA**.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija hija l-aqwa rigal li l-Knisja tista tagħti lill-miżżewġin, lill-ġenituri u lill-ulied.

Kif qal Ġwanni Pawlu II fil-"*Familiaris Consortio*": "L-Ewkaristija hija l-għajn innifisha taż-żwieġ nisrani".

"Il-Ħobż Ewkaristiku jagħmel lid-diversi membri tal-Familja "ġisem wieħed"."

KTIEB X'TAQRA

# "NARĊIS U ĠIŻIMIN"

**Din hija l-aħħar pubblikazzjoni letterarja li għadu kemm ta lill-pubbliku l-poeta Għawdxi l-Kan. Joe Mejlak, ġabra ta' poeżiji maħsuba għat-tfal u ż-żgħażagħ.Kif jistqarr is-Sur Joe Camilleri f'kelmtejn ta' apprezzament li għamel għal din id-damma ta' poeżiji, huwa attentat diffiċli ħafna li bniedem bħal Joe Mejlak, bniedem matur biż-żmien u li trawwam f'ċertu ambjent soċjali, jasal jinfed il-psikoloġija ta' ġenerazzjonijiet żgħar li trabbew f'kultura differenti għal kollox.**

Dan ix-xogħol huwa mżewwaq b'poeżija ħafifa, ċara u nadifa, u b'eċċezzjonijiet rari, ħielsa minn profondità intellettwali u minn kunflitti psikoloġiċi, poeżija msawra bil-kelma ħafifa, iżda ċara u melodjuża, b'idjoma ordinarja iżda f'lokha, b'aċċenn fuq l-unità, fuq ir-ritmu mużikali u l-armonija fonetika.

Kultant f'Joe Mejlaq tinħass l-influenza ta' zitu Mary Mejlaq u għalhekk erħilu jikteb dwar suġġetti komuni u ordinarji li lanqas biss tisthajjel tikteb dwarhom u li partita minnhom iġibulek tbissima għax fihom trattament umoristiku.

Bla dubbju, f'din il-ġabra ta' poeżiji mmirata għat-tfal u ż-żgħażagħ, leħen il-qassis-poeta ma jistax jibqa' barra u għalhekk ma jinħass l-ebda konflitt f'moħħ l-awtur fejn tidħol il-poeżija għat-tfal, għalkemm jista' jixref xi kultant xi dibattitu f'dik immirata għaż-żgħażagħ li qed jgħixu f'dinja ferm differenti minn dik li tlajna fiha aħna li aħna ta' mpar il-poeta. It-tema reliġjuża f'Joe Mejlak fiha wkoll l-iżvilupp tradizzjonali tal-poeti reliġjużi Maltin bikrin u kif jistqarr Joe Camilleri, ħabib intimu tal-poeta, niltaqgħu mat-talba ħerqana, l-invokazzjoni divina, il-medjazzjoni tal-Madonna u l-qaddisin għall-għajnuna, għall-ħarsien mill-mard, għall-irfid spiritwali. Il-Madonna hija l-Omm, il-medjatriċi, u l-qaddisin huma l-protetturi assoluti. Għalkemm kultant tispikka l-fatalità, jirbaħ dejjem il-leħen appellattiv tal-qassis li jinvoka s-sedqa u l-barka tas-Sema li tnissel l-għaqda u s-sliem.

Fil-poeżija ta' Mejlak, għalkemm limitata, l-imħabba tieħu suriet differenti. Barra l-imħabba għall-Ewkaristija, għall-Madonna, għall-qaddisin protetturi, il-poeta jikteb ukoll dwar il-Patrija u ż-Żgħożija. Fit-taqsima "Ġiżimin" Joe Mejlak jagħtina poeżiji edukattivi bil-għan li jqanqal fit-tfal imħabba lejn in-natura flimkien ma' apprezzament tal-ħlejjaq sbieħ u ħelwin tagħha.

Lill-Kanonku, li ssibu dejjem fil-knisja ta' San Ġorġ jew qrib dan it-tempju tant għal qalbu, ifittxuh ħafna nies u ħbieb biex jiktbilhom xi erba' versi għal dik l-okkażjoni speċjali fil-familja: xi tieġ, xi twelid, xi *birthday*, preċett jew griżma ta' l-Isqof, meta mhux ukoll xi funeral. U f'din l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu hawn sabu posthom ukoll.




"*Narċis u Ġiżimin*" huwa stampat b'mod tassew pulit għand il-BCD Printing Ltd ta' Victoria u għandu disinn tal-qoxra xogħol tal-pittur il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. L-istudju għall-ktieb sar mis-Sur Carm Cachia, waqt li s-Sur Carmel Attard, Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni għal Għawdex għamel id-daħla tal-ktieb. L-istudenta Marija Marta Cachia tintroduċi t-taqsima tal-poeżiji għat-tfal, waqt li l-għalliem is-sur Stefan Said jintroduċi s-sezzjoni għaż-żgħażagħ u jisħaq dwar l-imħabba lejn ilsienna. Il-poeta nnifsu jiftaħ il-ktieb b'messaġġ qasir waqt li s-Sur Joe Camilleri jitkellem dwar is-sinifikat tad-disinn tal-qoxra.

Nagħlaq billi nistqarr li naqbel perfettament mal-kritiku tal-Malti s-Sur Carm Cachia, Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-iskola Post Sekondarja Sir Mikelanġ Refalo, li din l-antoloġija Mejlakjana tkompli ssaħħaħ il-fatt li l-Kan. Joe Mejlak huwa tassew poeta. Permezz tal-versi tiegħu dan il-poeta romantiku kontemporanju kellu l-ħila jnaqqax rokna fil-qasam letterarju tal-gżira għawdxija, ħaġa li ma tagħmilx għajb lill-qariba tiegħu, Mary Meylak, l-ewwel poetessa ta' Malta, li mafkar tagħha nsibuh fi Pjazza San Ġorġ fejn ta' kuljum tistgħu tiltaqgħu man-neputi tagħha.

***Kav. Joe M. Attard.***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt


FORTITER ET SUAVITER
GRAZZI!

# L-ISQOF NIKOL CAUCHI

## Benefattur Kbir ta' Għawdex u Ragħaj Dedikat ta' l-Għawdxin għal 38 sena.



Intervistat minn **Dun Eddie Zammit**

***Qrib it-tmiem ta' dan ix-xahar inti ttemm il-mandat tiegħek ta' Ragħaj tad-Djoċesi Għawdxija, ministeru li bdejtu fl-1967. X'kienu t-tamiet u l-viżjonijiet tiegħek dakinhar li dħalt għal dan?***

Il-viżjoni tiegħi tal-Knisja kienet dejjem waħda wiesgħa u universali. Dejjem emmint li l-Knisja mhix biss id-djoċesi, żgħira jew kbira, u inqas u inqas il-parroċċa, għad li t-tnejn huma strutturi meħtieġa għal vitalità u l-ħidma tal-Knisja ta' Kristu, f'kull żmien u f'kull pajjiż. Il-Konċilju Vatikan II, għad li ma ħadtx sehem fih jiena personalment, kien għadu frisk fil-memorja tiegħi u tal-kattoliċi kollha peress li kienu għaddew biss sentejn mit-tmiem tiegħu meta jiena dħalt għall-ministeru episkopali. L-istess Konċilju tana viżjoni iktar wiesgħa u iktar sabiħa milli forsi kellna fl-imgħoddi. Il-Knisja mhix biss soċjetà tal-bnedmin li jixtiequ jimxu wara Kristu iżda hija misteru għaliex barra mill-element uman hemm ukoll l-element divin. Kristu huwa l-Kap tal-Knisja għad li ma jidhirx u l-Ispirtu s-Santu ir-ruħ tagħha. Bil-ħidma li twettaq fiha t-Trinità Qaddisa, il-Knisja tinbena f'kommunità ta' fidi u ta' mħabba.

Il-Knisja m'għandhiex għanijiet politiċi iżda l-għan tagħha huwa dak illi tkompli l-missjoni mibdija minn Kristu li ssalva l-bnedmin u twassalhom għall-hena ta' dejjem. Sa minn żgħożiti kont ngħożż ħafna l-motto li kellu anke San Ġwann Bosco: "Agħtini l-erwieħ". Fi ftit kliem il-viżjoni tiegħi kienet dik illi nkun ta' siwi f'din il-ħidma għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ skond ir-rieda tal-Mulej.

It-tamiet tiegħi kienu li jirnexxili niskopri l-mezzi meħtieġa biex nasal għal dan il-għan ħalli sseħħ il-viżjoni tiegħi. Biex nagħti eżempju ta' dawn it-tamiet li mhux kollha seħħew, insemmi biss xi ftit minnhom: it-tama li d-djoċesi tasal biex tkun tabilħaqq komunità nisranija magħquda fil-fidi waħda u fil-karità nisranija kif jixtieqha Kristu; it-tama li l-membri tal-Kleru jkunu nies ta' ċerta kultura, ta' ħeġġa pastorali u fuq kollox ta' qdusija awtentika; illi l-poplu Għawdxi jkollu dejjem prosperità ikbar u li jgħożż il-wirt għażiż ta' missirijietna li hija r-reliġjon nisranija; u fl-aħħarnett ix-xewqa li jkun hemm progress fost il-poplu mhux biss sa fejn għandu x'jaqsam il-ġid materjali iżda wkoll fl-edukazzjoni u kull ġid spiritwali ieħor.

***Is-snin sittin-sebgħin kienu ż-żmien ta' wara l-Konċilju: żmien ta' stennija ta' aġġornament. Kif ippruvajt twassal l-aġġornament pastorali fid-djoċesi tagħna?***

Fil-fehma tiegħi, l-ewwel triq li tista' twassal biex jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet tal-Konċilju hija dik tat-tagħlim, jiġifieri tagħlim reliġjuż u aġġornat, tagħlim lil kull kategorija ta' nies u b'kull mezz possibbli. Għalhekk minn ta' quddiemnett fil-premura pastorali tiegħi kienet l-insistenza fuq il-katekeżi mhux biss tat-tfal imma anke taż-żgħażagħ u tal-miżżewġin. Jiena nemmen li barra mill-katekeżi orali jeħtieġ ukoll li l-insara ta' pajjiżna jirċievu tagħlim dwar il-messaġġ nisrani permezz ta' kotba u perjodiċi tajbin li jaslu f'idejhom. Barra minn hekk jiena napprezza ħafna l-mezzi tal-*media* moderni bħalma huma r-radju, televiżjoni, internet, eċċ., u għalhekk inħoss li għandhom ikunu ukoll strumenti siewja f'idejn il-Knisja biex igħinu fil-proċess ta' evanġelizzazzjoni.

Barra mit-tagħlim hemm ukoll ir-riformi liturġiċi għax l-Konċilju Vatikan II taha importanza kbira lil-Liturġija hekk li l-ewwel kostituzzjoni tiegħu kienet is-*Sacrosanctum Concilium,* li titratta proprju fuq dan is-

suġġett. Barra mis-simplifikazzjoni tar-riti u funzjonijiet u barra mill-vernikular, ċioe l-użu tal-lingwa tal-post biex l-insara jifhmu dejjem iżjed dak li jsir fil-liturġija, il-Konċilju insista ħafna fuq il-parteċipazzjoni attiva ta' dawk li jattendu għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi; "sehem sħiħ, ħaj u li jiftiehem u mifhum" (S.C.n.14). Sa mill-bidu ta' l-episkopat tiegħi, sar kemm il-tentattiv serju sabiex kulħadd ikollu formazzjoni liturġika xierqa skond ix-xewqat tal-Konċilju; però għad li beda snin ilu jiena naħseb li għadu ma ntemmx għax fadal affarijiet xi jsiru biex il-parteċipazzjoni fil-liturġija ssehħ tabilħaqq.

***Kont tħoss li d-djoċesi tagħna qiegħda tirrispondi għall-indikazzjonijiet pastorali li ppruvajt iddaħħal permezz tal-ministeru tiegħek?***

Ta' min jinnota l-ewwelnett illi dan il-programm ta' tagħlim u ta' riformi konċiljari mhux xi ħaġa li tista' titwettaq fiż-żmien qasir iżda huwa proċess gradwali li jieħu s-snin u li taf meta beda u ma tafx meta ser jispiċċa. Ħaġa oħra ta' min jiftakar hi illi meta jkun hemm proposta jew rakkomandazzjoni mhux kulħadd jaċċetta bl-istess mod u bid-doċilità kollha: hemm min jobdi b'għajnejh magħluqa; hemm ukoll min dejjem jirnexxilu joħloq xi pretest biex ma joqgħodx għar-rieda ta' l-Awtorità. Madanakollu fil-maġġoranza tagħhom in-nies meta jkollhom tagħrif dwar il-ħtieġa ta' tibdil li jkun ser isir jaslu biex jaċċettawh u jagħtu l-koperazzjoni tagħhom. Fl-aħħar mill-aħħar hija kwistjoni ta' mentalità illi mhux kulħadd lest li jibdilha biex jaċċetta fehmiet li ma kellux qabel. Għall-grazzja ta' Alla diversi riformi ġew aċċettati bla tlaqliq bħal ma huma l-użu tal-lingwa Maltija u parteċipazzjoni ikbar fil-liturġija. Barra minn hekk il-lajċi, skond ix-xewqa tal-Konċilju, fil-kotra tagħhom wieġbu għas-sejħat li għamlitilhom il-Knisja biex ma jibqgħux passivi imma jagħtu ukoll il-kontribut tagħhom fil-ħidmiet ta' l-appostolat.

***Waħda mill-innovazzjonijiet konċiljari kien is-sehem sħiħ tal-lajċi fil-ħajja tal-Knisja. X'kienu dawk l-inizjattivi sinifikanti li ttieħdu fil-Knisja Għawdxija biex il-lajċi jgħixu l-vokazzjoni u s-saċerdozju tagħhom?***

Forsi ta' min isemmi hawnhekk il-ministeri lajkali illi kienu s-suġġett tar-*Rally* ta' l-Għaqdiet Kattoliċi li sar fl-4 ta' Diċembru 2005. Il-lajċi t'Għawdex kienu saru attivi ħafna fil-kamp tal-Ministeru tal-Kelma; biżżejjed insemmu n-numru sabiħ ta' katekisti, irġiel u nisa, u anke xi wħud li jaċċettaw li jagħtu anke taħdidiet reliġjużi skond il-kompetenza tagħhom. Fil-kamp tal-liturġija għandna wkoll lajċi li jwettqu ċerti ministeri bħalma huma dawk ta' animaturi, letturi u ministri straordinarji tat-tqarbin. Imma aktarx il-kamp li fih kien jidher l-iktar l-involviment tal-lajċi kien dak tal-volontarjat nisrani, bħalma hija l-għajnuna li tingħata lill-morda, lill-anzjani u lill-persuni b'diżabilità.

***Kulħadd jaf kemm kellek għal qalbek is-Seminarju u l-formazzjoni saċerdotali. Għaliex ħassejt li għandek tagħti daqshekk importanza lill-formazzjoni intellettwali, umana, spiritwali u pastorali tal-futuri saċerdoti u x'effetti ħallew dawn l-inizjattivi djoċesani fuq il-kleru u fuq il-ħajja ta' l-insara f'Għawdex?***

Kemm fl-atti tal-Konċilju Vatikan II kif ukoll f'dokumenti oħra tal-Ġerarkija li ħarġu warajh saret ħafna enfasi fuq ir-rwol tas-Seminarju u l-formazzjoni intellettwali tal-kandidati għas-saċerdozju. Hija ħaġa ovvja illi l-Knisja ta' Kristu tiddependi wisq mill-ħajja u mill-ministeru tas-





saċerdoti tagħha; għaliex il-qdusija tal-poplu hija dejjem proporzjonata mal-qdusija tal-Kleru li jmexxih.

Huwa ovvju daqshekk ieħor li ma jistax ikun hemm saċerdoti tajbin jekk dawn sa minn żgħożithom, anzi minn tfulithom stess, ma jkunux ġew imrawmin biex iħobbu lil Alla u lill-proxxmu u jiddedikaw ħajjithom għal dan l-ideal. Hija wisq meħtieġa għalhekk il-formazzjoni inizjali li tingħata mis-Seminarju u l-formazzjoni kontinwata li tkompli sejra matul il-ħajja tas-saċerdot.

Fl-opinjoni tiegħi dawn l-inizjattivi, bħalma huma l-affiljazzjoni tas-Seminarju mal-Università ta' San Tumas ta' Ruma u l-laqgħat għall-Kleru, swew sabiex jinżamm dejjem fil-għoli il-livell spiritwali u ntelletwali tal-Kleru lokali. Difatti mis-Seminarju tagħna joħorġu saċerdoti ppreparati biżżejjed biex jistgħu jwettqu il-ministeru tagħhom kemm f'pajjiżna kif ukoll f'pajjiżi oħra.

***Inizjattiva tiegħek kienet li s-saċerdoti jgħaddu l-ewwel snin tal-ministeru tagħhom f'pastorali barra minn Malta, min fuq studju u min fuq ħidma fil-parroċċi. X'kien l-għan ta' din l-inizjattiva? X'evalwazzjoni tagħmel tagħha llum?***

Din l-inizjattiva kellha iktar minn skop wieħed: l-ewwelnett biex wara li jkunu temmew il-kors tas-Seminarju f'Għawdex, il-kors tal-filosofija u tat-teoloġija, is-saċerdoti ġodda jkunu jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom f'universitajiet tal-Knisja barra minn pajjiżna. Barra minn hekk, peress li ħafna minnhom jagħtu wkoll xi servizz fil-parroċċi tal-pajjiżi fejn ikunu, is-saċerdoti żgħażagħ tagħna jkunu jistgħu jakkwistaw esperjenza pastorali iktar wiesgħa milli jistgħu jakkwistawha f'pajjiżna stess. Is-saċerdoti li għamlu xi snin jistudjaw jew iħaddmu l-ministeru tagħhom barra minn pajjiżhom ikollhom opportunità ikbar li jissuperaw il-mentalità insulari li xi drabi dawk li jkunu jgħixu fi gżira żgħira iħossu ruħhom magħluqin fiha. Min-naħa l-oħra, is-saċerdoti Għawdxin li qegħdin jgħixu barra qegħdin jagħtu kontribut siewi għall-pastorali ta' fejn ikunu, peress li f'ċerti djoċesijiet tinħass ħafna l-ħtieġa ta' iktar saċerdoti minħabba in-nuqqas ta' vokazzjonijiet.

Għad li fil-bidu kien hemm xi kritika għal din il-"policy" u kien hemm min deherlu li qegħdin nissuġġettaw is-saċerdoti tagħna għal ħafna sagrifiċċji bla bżonn, iżda llum is-saċerdoti li kellhom din l-esperjenza huma rikonoxxenti għal din l-opportunità li ġiet offruta lilhom.

***Inti kellek għal qalbek il-ħidma missjunarja u ppromovejtha. Kellek ukoll żjarat fil-postijiet tal-missjoni. Kemm taħseb li huwa importanti li l-Knisja Għawdxija tibqa' Knisja Missjunarja?***

Inħoss li d-djoċesi tagħna għandha tirringrazzja lil Alla għan-numru sabiħ ta' vokazzjonijiet missjunarji u dan mhux biss ta' saċerdoti djoċesani imma wkoll ta' patrijiet, sorijiet u missjunarji lajċi. Barra minn dawk li jiddedikaw ruħhom għall-evanġelizzazzjoni f'artijiet imbegħda għal żmien twil, hemm ukoll il-gruppi missjunarji li waqt li jgħinu lill-missjonijiet bit-talb u l-kontribuzzjonijiet li jagħtu, ġie li jorganizzaw ukoll, minn żmien għal żmien, żjajjar ta' xi ġimgħat biex jagħtu personalment is-servizz tagħhom fl-artijiet tal-missjoni.

F'dan il-kuntest bil-kelma "pajjiżi tal-missjoni" qiegħed nifhem ukoll artijiet tat-Tielet Dinja fejn hemm il-faqar u anke miżerji spiritwali oħra, ngħidu aħna l-Brażil, il-Perù, il-Gwatemala, eċċ. Jiena stess stajt nara b'għajnejja kemm hi siewja u apprezzata il-ħidma tas-saċerdoti tagħna f'dawn l-artijiet meta żort il-Brażil fl-2002.

Jiena naħseb li l-Knisja Għawdxija għandha tapprezza dejjem iktar din il-ħidma missjunarja u tkompli tagħmel din il-ħidma anke għal li ġej.

***Ngħaddu għas-solidarjetà. Minn fejn ġejja din il-ħeġġa kollha li tgħin lil dawk li jħossuhom fil-marġini tas-soċjetà? Min kienu dawn fil-bidu tal-ministeru episkopali tiegħek u min taħseb li huma llum? X'inizjattivi ttieħdu tul l-episkopat tiegħek biex tgħinhom? Għad baqa' bżonn li l-Knisja tkompli tagħmel il-proġetti ta' karità?***

Is-solidarjetà għandha l-bażi tagħha fil-Vanġelu għax Kristu għallimna nħobbu lill-proxxmu, ngħinu lil min hu fil-bżonn u nwettqu l-programm tal-opri tal-ħniena, filwaqt li qalilna wkoll li "l-foqra issibuhom dejjem magħkom" (*Mt*.26,11). Madwar nofs seklu ilu jew ftit iktar qabel, kienu għadhom ma daħlux is-servizzi soċjali ta' l-istat, iżda anke llum li jeżistu dawn is-servizzi għad fadal min hu fil-bżonn u li l-Knisja trid tiskoprihom u tipprova tgħinhom.

Il-Papa Pawlu VI kien semma l-foqra ta' żminijietna bħal ma huma l-foqra, l-anzjani, dawk li tilfu ħwejjiġhom f'xi disgrazzja u oħrajn. Fid-djoċesi xi snin ilu kienet ġiet imwaqqfa il-Caritas Djoċesana li fil-bidu kienet tissejjaħ "Kummissjoni tal-Promozzjoni Umana". Il-Caritas Djoċesana għandha r-rappreżentant tagħha f'uffiċċju fil-Kurja li jieħu ħsieb jinterveni meta jiġu mressqa lilu xi każijiet ta' familji jew individwi fil-bżonn.

Fid-djoċesi ssir anke "Il-Ġurnata tal-Karità" mhux biss bl-iskop li jinġabru fondi imma anke biex titqanqal kuxjenza dwar id-dmir ta' l-insara li jgħinu lil min hu inqas xxurtjat minnhom: f'pajjiżna stess. Jidher li anke fi żminijietna għadu jinħass il-bżonn li jkomplu jaħdmu ċerti proġetti ta' għajnuna lill-oħrajn bħal ma huma dak "*Dar ta' Ġużeppa Debono*", tal-"*Little Flower*" u bħal l-"*Arka Respite Centre*".

***Ħaġa li hija ħafna għal qalbek hija l-Media. Għal dawn l-aħħar snin barra mill-kitba mexxejt ukoll programmi regolari fuq ir-radju RTK. X'taħseb li għandha tkun ir-relazzjoni tal-Knisja mal-Media? Hemm post għal Media tal-Knisja? X'jista jsir biex l-insara tagħna jidraw jedukaw ruħhom biex jifformaw relazzjoni b'saħħitha fuq livell spiritwali u uman ma' dak li jaraw u jisimgħu fil-Media?***

Aħna nafu li l-Media hija rejaltà ambivalenti jiġifieri daqskemm tista' sservi għall-ħażin daqs hekk ieħor tista' sservi għat-tajjeb. Il-Knisja f'kull pajjiż inklużi l-gżejjer tagħna fi żminijietna ma tistax tgħaddi mingħajr dawn il-mezzi moderni, kemm billi tinqeda bil-mezzi li huma propjetà ta' l-oħrajn kemm billi tinqeda bil-mezzi propji tagħha. B'dan il-kliem qiegħed nifhem kemm il-kelma stampata jiġifieri il-publikazzjoni ta' kotba u ta' perjodiċi kif ukoll mezzi elettroniċi bħal ma huma ir-radju u t-televiżjoni. Fil-prattika l-Knisja mhux kullimkien jista' jkollha ir-radio u t-televiżjoni li jiddependu totalment minnha, għax dan ifisser spiża kbira ta' flus biex jinxtara l-apparat u jingħataw is-salarji lil dawk li jkunu mpjegati f'dan il-qasam.

Barra minn hekk hemm ħtieġa kbira li jiġu ttrenjati irġiel u nisa ħalli jkunu kompetenti biżżejjed biex il-messaġġ li jwasslu jkun konformi mat-tagħlim tal-Knisja u jitwassal b'mod professjonali. Hija meħtieġa edukazzjoni biex l-insara jidraw jagħmlu għażliet għaqlin dwar dak li jaraw u jisimgħu fuq ir-radju u t-televiżjoni u jitgħallmu anke japprezzaw dak li huwa sabiħ u veru, filwaqt li jwarrbu dak li jista' jkun ta' ħsara għall-ħajja spiritwali tagħhom. Din il-formazzjoni jeħtieġ li tibda tingħata sa mit-tfulija kemm fl-iskejjel kif ukoll fil-lezzjonijiet tal-katekiżmu.

***Int kont għal xi żmien editur ta' din ir-rivista. Kif tħares lejn din l-esperjenza u lejn ir-rivista tagħna? Taħseb li għad baqgħalha postha fil-Knisja llum? X'taħseb li huma d-dmirijiet tal-insara lejn il-Media djoċesana?***

L-esperjenza tiegħi bħala editur tal-*Ħajja f'Għawdex* għallmitni mhux biss kemm jiswa l-frott li tista' tagħti rivista djoċesana, imma anki s-sagrifiċċji u t-tħabit li huma meħtieġa biex tkun tista' ssir regolarment din il-publikazzjoni. Ir-rivista *l-Ħajja f'Għawdex* minn mindu kont editur jien sa llum għamlet progressi kbar u laħqet livell għoli kemm fil-kontenut kif ukoll fil-preżentazzjoni tagħha. Fl-opinjoni tiegħi għad baqgħalha postha fid-djoċesi tagħna, u hu meħtieġ li l-insara ta' pajjiżna jħossu d-dmir li jgħinu b'kull mezz il-Media li tkun tista tiddisponi minnhom id-djoċesi. Għalhekk għadni nsostni li "*Il-Ħajja f'Għawdex*" jeħtieġ li tidħol f'kull dar Għawdxija.









***Bħala Isqof kellek ix-xorti tiltaqa' ma' diversi Papiet kemm f'udjenzi privati kif ukoll waqt laqgħat sinodali? Kif tħares lejhom dawn l-esperjenzi?***

Nista' nsemmi l-Papa Pawlu VI li kien ħatarni Isqof u li kont iltqajt miegħu ftit ġranet wara l-għażla tiegħi u f'okkażjonijiet oħra, kif ukoll il-Papa Ġwanni Pawlu II u reċentement il-Papa Benedittu XVI. Jiena kont ħadt sehem fis-Sinodu ta' l-Isqfijiet fis-sena 1974 li sar taħt il-Papa Pawlu VI u mbagħad f'żewġ Sinodi oħra taħt il-Papa Ġwanni Pawlu II li kienu fl-1994 u 2002. Mal-Papa Ġwanni Pawlu I ma kellix ix-xorti niltaqa' miegħu fit-tlieta u tletin ġurnata li dam Papa imma kont iltqajt miegħu meta bħala Kardinal ta' Venezja kien ħa sehem fis-Sinodu ta' l-1974 u f'dik l-okkażjoni konna anki nitkellmu flimkien kordjalment, u nibtet bejnietna ċerta ħbiberija.

***Int kellek ix-xorti li tilqa' lill-Papa Ġwanni Pawlu II f'pajjiżna darbtejn, darba minhom f'Għawdex stess. Illum li għadda ftit taż-żmien minn dawn il-ġrajjiet xi tħoss x'ħin tiftakar f'dawk il-mumenti?***

Iż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II kienet okkażjoni ta' ferħ kbir għall-poplu, wisq iktar għalina ir-Ragħajja Spiritwali. Jiena konvint illi ġrajja bħal din tibqa' dejjem impressa fil-memorja tiegħi u kull darba ġġedded fija l-ammirazzjoni u l-imħabba li għandi lejn dak il-Papa li ħalla isem hekk kbir fl-istorja tal-Knisja.

***Tul dawn it-38 sena is-soċjetà għawdxija inbidlet. Fejn taħseb li saret l-ikbar bidla? X'taħseb li hemm bżonn inbiddlu l-iktar fis-soċjetà tagħna ? X'taħseb li hemm bżonn ngħożżu iżjed?***

Huwa fatt illi kien hemm diversi bidliet u uħud minnhom profondi ħafna fis-soċjetà għawdxija, imma sfortunatament mhux il-bidliet kollha kienu għall-aħjar. Il-moviment turistiku żgur li ġab miegħu kuntatt ma' nies barranin u żgur li ħoloq bidla fil-livell tal-ħajja. Fejn qabel Għawdex kien jiddependi kważi esklusivament mill-biedja u s-sajd, f'dawn it-38 sena ra wkoll jitwieldu ndustriji ġodda illi għenu fil-prosperità tal-pajjiż. Madanakollu l-iktar bidliet kbar kienu dawk li ġiebu magħhom il-Mass Media għaliex meta saru komuni l-programmi tar-radju u tat-televiżjoni l-Għawdxin raw quddiemhom tieqa miftuħa lejn id-dinja u bdew jitħajjru għal stil ta' ħajja iktar komda u differenti ħafna minn dak li kellhom qabel, u l-mentalità nbidlet mhux ftit.

Filwaqt li għandna ngħożżu l-valuri spiritwali u naturali li writna minn għand missirijietna, tinħass il-ħtieġa ta' iktar progress veru u ġenwin fl-edukazzjoni, fil-ħarsien tas-saħħa u fis-solidarjetà għall-ġid ta' gżiritna.

***Int wieħed mill-Għawdxin u kburi li int wieħed minnhom. Minn fejn ġejja din l-imħabba kbira tiegħek għall-gżira tagħna? Fuq xhiex taħseb li għandha tinbena l-imħabba ġenwina lejn il-gżira tagħna?***

Dejjem għoġbitni l-istorja ta' art twelidna li għad li hija gżira żgħira kellha wkoll mumenti ta' glorja kif ukoll mumenti ta' qtiegħ il-qalb u ta' inkwiet. Biżżejjed insemmu l-invażjonijiet tal-gżira mill-kursari misilmin u



dak li ġara fit-Tieni Gwerra Dinjija. L-imħabba lejn art twelidna fl-aħħar mill-aħħar mhiex ħlief korollarju tar-raba' kmandament, ħobb lill-missierek u 'l ommok. Difatti meta ngħidu "patria" nifhmu mhux biss l-art u l-ġebel ta' pajjiżna iżda l-bnedmin li ftit jew wisq jiġu minnha, kemm dawk li jgħixu f'pajjiżna kif ukoll dawk l-emigranti li jgħixu f'artijiet oħra li jġorru magħhom ukoll il-kultura tagħna. L-imħabba ġenwina lejn gżiritna għandha tfisser qabel xejn rispett lejn l-Għawdxin bħalna u ħeġġa li naraw 'l Għawdex jagħmel progress. Kulma hu għawdxi għandu jinteressana bħala familja waħda għawdxija.





***Kif ħadtha l-għażla ta' Mons Mario Grech bħala suċċessur tiegħek?***

Kif diġa fissirt ruħi f'intervisti oħra u anke fiċ-ċirkulari tiegħi, kien ta' sodisfazzjon kbir għalija li ġie magħżul bħala suċċessur tiegħi Mons Mario Grech, iben denn tal-gżira Għawdxija u kollaboratur mill-qrib fil-ħidma pastorali tiegħi sewwa bħala kappillan kif ukoll bħala uffiċċjal tat-tribunal ekkleżjastiku tad-djoċesi tagħna.

***Xi pjanijiet għandek għall-futur qarib?***

Dejjem sakemm Alla jżommni f'saħħti u skond il-possibiltajiet limitati tiegħi, jiena nixtieq li jirnexxili ntemm ċerti xogħolijiet li bdejt xi żmien ilu u għadhom m'humiex lesti. Jiena nispera li nkompli nagħti s-servizz saċerdotali tiegħi skond il-ħtieġa li jkun hemm u li nkompli nwassal il-messaġġ nisrani sewwa bil-kelma ħajja kif ukoll bil-kitbiet u b'mezzi oħra.

***X'messaġġ tixtieq taqsam mal-qarrejja tagħna?***

Fi ftit kliem, dan nixtieq li l-qarrejja jżommu quddiem għajnejhom: l-papiet u l-isqfijiet jixjieħu u jmutu imma l-Knisja ta' Kristu tibqa' dejjem ħajja u żagħżugħa. Jeħtieġ li aħna bħala wlied il-Knisja nħobbuha, nemmnu fiha u ngħinuha biex tkompli l-missjoni afdata lilha minn Kristu l-Feddej.





# MUMENTI MILL-QUDDIESA

TA' RADD IL-ĦAJR
FIT-TMIEM TAL-MINISTERU
EPISKOPALI TA' L-E.T. MONS.
NIKOL Ġ. CAUCHI
BĦALA ISQOF TA' GĦAWDEX
IL-ĦADD 15 TA' JANNAR 2006
FIL-KNISJA KATEDRALI











Arkivju Nazzjonali Għawdex

# Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -141

Riċerka ta'
Joseph Bezzina
©2006

# Rikors biex jinħatar Tabib għal Għawdex

*Għall-erbatax-il sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" ir-rubrika dwar Għawdex fil-qedem. Tul l-ewwel tmien snin ġibna dokumenti ta' 400 sena ilu, mid-disa' sena bdejna nġibu dokumenti ta' 300 sena ilu, għax ta' 400 sena ilu huma nieqsa. Sejrin inkomplu b'dawn ta' 300 sena ilu. Id-dokumenti huma bħas-snin ta'qabel meħudin mill-Acta ta' l-Universitas, il-Gvern Amministrattiv ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Hu ttamat li 'l quddiem dawn il-paġni jiġu stampati fi ktieb.*

Id-dokument numru mija u wieħed u erbgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni ta' rikors għal impjieg minn tabib. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1705–1706), folju 47r (NAG, UG, Acta, 9/1705–1706, f. 47r).

Din hi traskrizzjoni ta' l-ewwel parti tar-rikors:

***Giovanni Garsin, servo umilissimo e vassallo di Vostra Vostra Altezza Serenisssima espone rivererentemente come sin dall'anno 1695; dal Predecessore dell'A.V.S. in riguardo del matrimonio che sin d'allora havea contrattato con una figlia del fu Giuseppe Cassini, già chirurgo della sua Isola del Gozzo, e delli servitii di questo è stato provisto del suddetto posto di chirurgo di detta Isola del Gozzo in vece del detto Cassini suo suocero con esserli stato riservato per il mantenimento di detto Cassini il salario durante la vita del detto Cassini, come dalla collegata supplica, e da detto tempo in qua e sin al presente l'oratore ha servito con tutta esatezza in detto suo posto e con sodifattione del pubblico senza soldo alcuno, giache questo veniva somministrato al detto Cassini, ma perchè detto Cassini giorni sono passò a miglior vita...***

***L'Oratore ricorre dall'A.V.S. supplicandola perchè in riguardo delli sudetti servitii prestati in detta Isola del Gozzo senza soldo e di quelli moltissimi resi nel suo Sacro Ospedale da prattico e nella Burmla in tempo del mal contaggioso si compiacesse di confrimarlo in detta carica et ordinare che li sia dato il solito salario, acciò possa godere il frutto di tante fatiche fatte con ogni calore...***

Dan ir-rikors kien indirizzat mill-kirurgu, it-tabib Giovanni Garsin, lill-Granmastru Ramon Perellos (1697–1720) fil-bidu ta' Jannar 1706, tliet mit sena ilu sewwa.

It-tabib Garsin kien miżżewweġ lit-tifla tat-tabib Giuseppe Cassini, it-tabib uffiċjali tal-*Universitas* ta' Għawdex. Cassini kien għaldaqstant responsabbli mill-morda ta' Għawdex.

It-tabib Garsin kien ħadem kemm Malta, kif ukoll Għawdex. Malta ħadem fis-Sagra Infermerija, l-isptar modern u kbir li l-Kavallieri ta' San Ġwann kienu bnew in-naħa ta' Sant'Iermu l-Belt, Valletta. Matul imxija ta' mard li jittieħed kien ħadem ukoll fost l-infettati ta' Bormla.

Għawdex kien ħadem minn żmien għal żmien biex jissupplixxi lil missier martu, it-tabib Cassini. Kull meta ħadem flok missier martu kien ħadem b'xejn għax is-salarju kien baqa' jieħdu Cassini. Għamel hekk minn rajh biex missier martu jkollu biżżejjed għall-manteniment tiegħu. It-tabib Cassini kien issa għadda għall-ħajja aħjar ftit jiem qabel.

It-tabib Garsin għalhekk talab lil Granmastru ħalli minħabba s-servizz li ta kemm Malta kif ukoll Għawdex jinħatar minflok Cassini bħala tabib ta' l-*Universitas* ta' Għawdex.

Ir-rikors tat-tabib Garsin kien ikkunsidrat il-Palazz, il-Belt Valletta, nhar it-23 ta' Jannar, 1706. Il-Granmastru laqa' t-talba tiegħu.





# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IS-SEBA' PARTI)*

## L-EWKARISTIJA, L-IKBAR SAGRAMENT

**Matul is-sekli l-Knisja, immexxija mill-Ispirtu s-Santu, għarfet li fost iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tagħha, hemm seba' ċelebrazzjonijiet li huma fis-sens propju tal-kelma, sagramenti istitwiti mill-Mulej (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, n.1117). Huma s-seba' sagramenti tal-Liġi l-Ġdida, kif iddefinixxa l-Konċilju ta' Trentu.**

Meta ngħidu "Sagrament tal-Liġi l-Ġdida", nifhmu sinjal viżibbli, jiġifieri li nistgħu ngħarfuh bis-sensi tagħna, imwaqqaf minn Kristu li jagħti l-grazzja li jqaddes lir-ruħna. Is-sagramenti huma l-mezzi ewlenin li bihom il-grazzji tar-Redenzjoni, li kisbilna Kristu bil-Passjoni u l-Mewt tiegħu, jiġu mqassma u mogħtija lilna l-bnedmin.

### *L-Ewkaristija, Sagrament tal-Liġi l-Ġdida*

Għandna bosta xhieda mill-Maġisteru tal-Knisja li l-Ewkaristija hija sagrament: Hekk, per eżempju, il-Konċilju ta' Firenze għallem li fost is-sagramenti "t-tielet wieħed hu s-Sagrament ta' l-Ewkaristija, li l-materja tiegħu hi l-ħobż tal-qamħ u nbid mid-dielja." Il-Konċilju ta' Trentu ttratta fit-tul il-Misteru Ewkaristiku fis-sessjoni XIII u meta ddefenixxa li hemm seba' sagramenti, fosthom inkluda wkoll it-Tqarbin (l-Ewkaristija). Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija, "*Sacrosanctum Concilium*" (n. 47) l-Ewkaristija jsejħilha "sagrament ta' tieba, sinjal ta' unità, rabta ta' karità, l-ikla tal-Għid li fiha nirċievu lil Kristu, ir-ruħ timtela bil-grazzja, u jingħatalna rahan tal-glorja ġejjiena." Hekk ukoll fl-Istruzzjoni "*Eucharisticum Mysterium*" (n.3) ( 26/5/67 ) insibu li l-Ewkaristija hija, mhux biss sagrifiċċju u tifkira tal-mewt u r-riżurrezzjoni ta' Kristu, iżda hija wkoll "l-ikla mqaddsa li fiha waqt li jieħu sehem mill-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, il-Poplu ta' Alla jieħu sehem fis-sagrifiċċju tal-Għid u jġedded il-patt bejn Alla u l-bnedmin, imwettaq bid-Demm ta' Kristu." Fil-Kredu tal-Papa Pawlu VI jingħad: "Għalhekk nistqarru li, barra milli hija sagrifiċċju, l-Ewkaristija hija wkoll sagrament," għaliex fiha hemm rit sagru mwaqqaf minn Kristu biex ifisser u jagħti l-grazzja.

Mill-kotba tar-Rabta l-Ġdida nitgħallmu li Kristu ried tabilħaqq li jwaqqaf l-Ewkaristija bħala sagrament ġdid. Difatti, sabiex ikun hemm veru sagrament, tliet elementi huma meħtieġin u t-tlieta nsibuhom fl-Ewkaristija:

(i) **sinjal sensibbli:** li jidher u jaqa' taħt is-sensi tagħna, li fl-Ewkaristija jikkonsisti fil-ħobż u l-inbid;

(ii) **sinjal magħżul minn Kristu**, biex bih iwaqqaf rit permanenti u mhux biss għal ftit taż-żmien. Dan ġara fl-aħħar ikla, meta Ġesù wera li ried li l-Ewkaristija tibqa' ssir bħala tifkira tiegħu. Dan ir-rit ma kellux idum biss għal xi żmien, imma li jibqa' jsir mid-dixxipli tiegħu, biex il-bnedmin kollha sa l-aħħar taż-żmien ikunu jistgħu jirċievu Ġismu u Demmu, għaliex mingħajru ma jistax ikollhom il-ħajja spiritwali; difatti qal "Tassew tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-Ġisem ta' Bin il-Bniedem u ma tixorbux Demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom" (Ġw.6,53).

(iii) Ikun **sinjal li jagħti l-grazzja**, għaliex fl-Ewkaristija hemm Kristu, li huwa l-għajn ta' kull grazzja u kull qdusija, u minnha nieħdu wkoll il-grazzja li twassal għall-ħajja ta' dejjem, u dan nafuh mix-xhieda ta' Kristu stess li qalilna: "Min jiekol Ġismi u jixrob Demmi għandu l-ħajja ta' dejjem u jiena nqajmu mill-mewt fl-aħħar jum".



# Il-Preżenza ta' Kristu

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħidilna: "Fis-Santissimu Sagrament ta' l-Ewkaristija jinsabu verament, realment u sostanzjalment il-ġisem u d-demm tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, bir-ruħ u bid-divinità, u għalhekk Kristu sħiħ".

(Ġw.6.54). Hija propju l-grazzja santifikanti, l-mezz neċessarju li bih nistgħu naslu għall-ħajja ta' dejjem, u din il-grazzja tipproduċiha l-Ewkaristija.

Id-Duttur tal-Knisja, San Tumas ta' Aquino, (*Summa Theologica,* p III, q.73,a 1) jagħmel paragun bejn il-ħajja spiritwali tal-bniedem u l-ħajja tal-ġisem. Il-ħajja korporali titwieled u tikber, imma biex tibqa' tgħix u iżżomm f'saħħitha, teħtieġ il-ħobż jew ikel ieħor. Hekk ukoll il-ħajja tar-ruħ, titwieled għall-ħajja sopranaturali permezz tal-Magħmudija, tikber bil-Konfirmazzjoni, imma biex tibqa' f'saħħitha spiritwalment teħtieġ l-ikel tagħha u dan huwa l-Ewkaristija.

## *L-Ewkaristija hija l-akbar sagrament, għaliex:*

(i) Is-sagramenti l-oħra fihom il-qawwa li jipproduċu l-grazzja; it-Tqarbin mhux biss jagħti il-grazzja imma fih hemm realment preżenti Kristu nnifsu, l-Awtur ta' kull grazzja, u li minnu ġejja kull qdusija.

(ii) Xi wħud mis-sagramenti nirċevuhom darba biss f'ħajjitna, bħal ma huma l-Magħmudija, il-Griżma ta' l-Isqof u l-Ordni Sagri; oħrajn nirċievuhom f'ċerti okkażjonijiet u ħtiġijiet speċjali, bħal ma hu l-Qrar, li neħduh biex nitnaddfu minn dnubietna; il-Griżma tal-Morda tingħata lil min ikun marid b'marda perikoluża; iż-Żwieġ jeħduh dawk li jkunu ser jibdew il-ħajja tal-familja; iżda l-Ewkaristija hija magħmula biex nirċievuha ta' spiss u anki ta' kuljum.

(iii) Is-sagramenti l-oħra għandhom l-Ewkaristija bħala ċ-ċentru tagħhom, għaliex kif jgħallimna San Tumas ta' Aquino, xi wħud minnhom iħejju għaliha, bħal ma huma l-Magħmudija, il-Griżma ta' l-Isqof, l-Ordni Sagri u l-Qrar, u s-sagramenti kollha jieħdu l-qawwa tagħhom mis-sagrifiċċju ta' Kristu li jinsab fl-Ewkaristija.

(iv) L-Ewkaristija hija l-uniku sagrament, li fl-istess ħin huwa wkoll sagrifiċċju, is-sagrifiċċju uniku tal-Liġi l-Ġdida, mwaqqaf minn Kristu awl il-lejl qabel ma miet.

L-Ewkaristija hija sagrament tal-ħajjin, l-ikel mhux għall-mejtin iżda għall-ħajjin. L-ikel jagħti l-ħajja u s-saħħa iżda mhux lill-iġsma mejta. L-Ewkaristija hija l-ikel spiritwali tagħna iżda hija għal dawk li huma ħajjin spiritwalment, u mhux għal dawk li huma mejtin fid-dnub. San Pawl jagħmilha ċara, li l-Ewkaristija ma għandhomx jirċievuha dawk li huma fid-dnub, iżda qabel jirċievuha għandhom jeħilsu minn ħtijiethom. Din hija kundizzjoni meħtieġa biex wieħed jitqarben. Dawk li jkunu ser jitqarbnu, qabel ma jersqu biex jirċievu l-Ewkaristija, għandhom jaraw u jaċċertaw ruħhom li huma ħielsa mid-dnubiet gravi. San Pawl iwissi: "Kull min jiekol il-Ħobż jew jixrob il-Kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, mbagħad jiekol il-Ħobż u jixrob il-Kalċi" (I Kor 11, 27-28).

*(Jissokta)*




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tnejn u Erbgħin Parti )*

## IL-PATATA

**Żewġ prodotti tar-raba' importanti ħafna huma l-patata u t-tadam. Imma sa daqs mitejn sena ilu, dawn il-prodotti f'Malta u Għawdex ma kinux jafu bihom. Dan għaliex dawn ġew mill-kontinent Amerikan wara li kien instab minn Kristoforu Kolombu fis-sena 1492. U lanqas ma ġew mill-ewwel! Isimgħu l-istorja.**

***L-Istorja tal-patata***

Il-patata (*Solanum tuberosum* tal-familja *solanaceae*) kienet tikber selvaġġa fil-muntanji ta' l-Ekwador u l-Perù fl-Amerika ta' Isfel. Imbagħad daħlet fl-Ewropa. Ħadd ma jaf min daħħalha l-ewwel fl-Ewropa, jekk hux l-Ingliżi jew l-Ispanjoli. Ħaġa waħda hi żgura: li għall-ewwel kulfejn daħlet kienet mistmerra. Kien hemm min qalagħha li tmarrad il-moħħ. Oħrajn ma riduhiex għax ma tissemmiex fil-Bibbja. Fil-Ġermanja s-Sultan Federiku l-Kbir tal-Prussja kellu joħroġ bandu biex iġiegħel lill-bdiewa jiżirgħuha. Fir-Russja tant kienu kontra tagħha li laqqmuha t-"tuffieħa tax-xitan". Imma fi Franza ċertu Parmentier żera' l-patata u biex iħajjar in-nies jiżirgħuha ta bukkett fjuri tal-patata biex jiżżejnu bihom ir-Re Lwiġi Sittax u r-Reġina tiegħu. Il-patata tagħmel ukoll fjura sabiħa lewn abjad bil-vjola ċar.

***Meta l-patata daħlet Malta***

Il-pjanta tal-patata kienet magħrufa f'Malta fi żmien il-Kavalieri, imma kienu jkabbruha biss f'xi ġnien botaniku bħala pjanta kurjuża u rari. Il-patata bħala pjanta li tagħtina l-ikel daħlet Malta fi żmien l-Ingliżi madwar is-sena 1803, jingħad bis-saħħa ta' ċertu Patri Ġjaċintu, professur tal-Botanija. Fis-sena 1805 ċertu bidwi minn Ħaż-Żabbar, Ġużeppi Scicluna, żera' erbgħa u għoxrin ratal patata f'erba' sigħan raba' u minnhom ġabar tnax-il qantar patata li biegħhom għoxrin lira (£20), somma sabiħa għal dak iż-żmien. Il-bdiewa għall-ewwel ma ridux jiżirgħu minnha għax qatt ma kienu raw pjanta li tagħmel il-frott taħt il-ħamrija, imma biż-żmien bdiet dieħla għax kien hemm is-suq għaliha fost is-Servizzi Ingliżi. Iż-żrigħ tal-patata laħaq l-aqwa tiegħu fis-snin 1854-5 fi żmien il-gwerra tal-Krimea u ħafna bdiewa għamlu flus mhux ħażin minnha.

***Tipi ta' patata***

Hemm diversi kwalitajiet ta' patata: **tal-qatgħa safra,** li meta ssajjarha tinħall xi ftit, **tal-qatgħa bajda,** aktar fina imma trid tieħu ħsiebha biex ma timradx, **patata kidnija**, **patata romblija** - skond il-għamla tagħha, **patata ta' kull staġun**, **patata tal-Kanada**,u tipi oħra inqas magħrufa ta' patata. Hemm, saħansitra, patata magħrufa bħala l-**Fina ta' Malta**. Xi patata m'hix veru patata, bħal ngħidu aħna l-**patata ta' Ġerusalemm,** jew **artiċokk** (*Helianthus tuberosus* tal-familja *asteraceae*, qabel imsejħa *compositae*), jew inkella l-**patata ħelwa** (*Ipomoea batatas* tal-familja *convulvulaceae*).

Issa l-patata li għandna llum (dawk it-tipi tal-familja *solanaceae*), m'hix bħal dik li kienet inġiebet mill-Perù għax bil-għażla u l-kultivazzjoni, il-patata bdiet tkun aktar kbira minn dik selvaġġa. Imma tista' timrad bil-ġlata u bil-mess, u għalhekk il-bidwi jrid ibixxha kontra l-mard.

***Il-patata m'hix għerq, imma zokk***

Minkejja li tikber taħt l-art, il-patata mhix għerq imma zokk, u għalhekk meta tara d-dawl tiħdar. Iż-żerriegħa tal-patata aktarx tiġi mill-Irlanda. Din tkun patata b'ħafna għejun minfejn tnibbet. Il-bidwi jqatta' l-patata f'biċċiet hekk li kull biċċa jkollha għajn u jiżragħha. Il-għajn tnibbet u ssir xitla tal-patata. Iż-żrigħ isir f'Jannar u l-patata tinqala' f'Mejju. Il-patata l-ħoxna tingħażel skond il-qies u tinbiegħ barra minn Malta f'pajjiżi bħall-Olanda. Il-patata rqiqa ħafna, imbagħad, tinżera' f'Settembru/Ottubru u l-bidwi jieħu wiċċ ieħor.

Meta ma tinbiegħx, il-bidwi ma jistax iħalli l-patata fid-dawl għax inkella tiħdar. Patata ħadra m'hix tajba għall-ikel u hija velenuża. Għalhekk, biex jaħżinha għal ftit taż-żmien, dari kien iħaffer ħofor kbar qishom oqbra

fondi xi pied u nofs jew żewġ piedi u jferra' l-patata ġo fihom, jordom bi ftit trab niexef u jgħatti kollox bix-xkejjer. Xi bdiewa jħobbu jgħattu wkoll bil-faxxina, imma dan m'hux sewwa minħabba l-mard. Il-faxxina hija s-siġra tal-patata li m'għandha ebda użu. Hekk ukoll jordom iż-żerriegħa (il-patata l-irqiqa) sakemm jiżragħha f'Settembru jew Ottubru.

### *Ikel mill-patata*

Il-patata llum tintuża ħafna fl-ikel. Hekk il-mara tad-dar issajjar: patata l-forn, patata moqlija (*chips/French Fries*), patata mgħaffġa (patata *mash*), patata mqattgħa fil-minestra, fl-istuffat, u patata mgħollija u mixwija. Saħansitra hemm min jgħalliha u jgħassidha lit-tiġieġ!

### *Il-biedja tal-patata*

Biex wieħed jieħu prodott tajjeb u kotran tal-patata, wieħed għandu jaħdem l-art tajjeb u fil-fond? M'hux minnu għax il-patata xxenxel l-egħruq fil-wiċċ, allura m'għandhiex bżonn li wieħed jaħdem l-art tajjeb. Għażiq u taqlib tal-ħamrija jżomm ir-raba' f'kundizzjoni tajba, l-ilma minnu jissaffa malajr u jinżel iżjed fil-fond fejn iżomm it-tira għal prodotti oħra.

Kien hemm żmien meta kienu jaħsbu li l-bdiewa ta' dawn il-gżejjer ma baqgħux jaħartu bil-baqar, u lanqas iqallbu l-ħamrija fil-fond, imma bdew jaħdmu bil-ħmir, xogħol fuq fuq, tort taż-żrigħ tal-patata, li ma teħtieġx art imgħobbija bit-trab, għalkemm id-demel xorta waħda tridu. Dan għandu mnejn għax il-patata d-demel tagħha tridu fil-wiċċ, li hu aħjar għax fis-sajf id-demel fil-wiċċ, bl-arja iżjed u iżjed jerħi u jerħi, u dan jisfa ta' ġid lix-xitla.

Imma llum ix-xogħol bil-ħmir spiċċa wkoll, u l-ħart, bħalma jaf kulħadd isir bil-magni. L-art qatt m'għandha tinħadem meta tkun imxarrba għax il-ħamrija tiqras, u l-patata ma tħaxxinx kemm imissha. Il-patata hija wiċċ li jitlob li r-raba' jkun imdemmel sewwa. Għalhekk biex tirnexxi tajjeb il-patata trid tkun imkabbra fuq il-għażiq bid-demel.

Il-għażla taż-żerriegħa u t-tqattigħ huma wkoll importanti ħafna. U dan għandu jsir qabel iż-żrigħ. Patata taż-żerriegħa li jkun fiha l-iċken sinjal ta' mard għandha titwarrab malajr. Min jiżra' patata marida jkun qiegħed jiżra' l-mard. Hekk ukoll it-taħlit. It-taħlit taż-żerriegħa jista' jġib l-inkwiet mhux biss lill-bidwi, iżda wkoll lin-neguzjant li jixtri l-prodott.

Wara l-għażla tal-patata jkun imiss it-tqattigħ taż-żerriegħa. U dan għandu jsir bil-għaqal. Il-bċejjeċ għandhom ikunu kbar biżżejjed li jagħtu xitel b'saħħtu. Min jipprova jqatta' l-patata taż-żerriegħa fi tmienja jew disa' biċċiet ikun qiegħed jissogra li jekk tagħmel ħafna xita, il-patata titħassar kollha u ma tinbitx.

Hawn min wara t-tqattigħ jagħti l-patata xi ftit kubrit biex jeħlisha minn xi mard (l-aktar tal-moffa). Fl-antik, imbagħad, kienu jgħaddu l-patata mill-ħalib tal-ġir.

Wara t-tqattigħ wieħed jista' jħalli l-patata titrewwaħ ftit, imbagħad ikun jista' jibda ż-żrigħ. L-aħjar trab għaż-żrigħ tal-patata hu l-ħamri. Iżda l-patata tikber ukoll fil-bajjad, l-aktar jekk ikun bajjad xkett. Art żejtnija u taflija m'hix tajba għall-patata.

Meta jiżra' l-patata, wieħed għandu joqgħod attent li ma jiżrax sfiq, jiġifieri qrib iżżejjed. Bejn pjanta u oħra għandu jkun hemm ta' l-inqas 18-il pulzier. Jekk tinżera' qrib iżżejjed, il-patata ma tħaxxinx u timrad iżjed. Billi din tibqa' dgħajfa, bla ma tista' titrewwaħ u tissaffa mill-qtar tan-nida sakemm tisħon l-arja, iż-żerriegħa tal-marda (l-ispori tal-mell), malli ssib ruħha mill-indewwa għas-sħana, f'daqqa waħda timraħ fiha u tagħmel tagħha.

Meta l-pjanta tal-patata tkun kibret xi sitt pulzieri, wieħed għandu jimburġaha l-ewwel darba, jiġifieri jitfa' l-ħamrija għal maz-zokk biex iżomm wieqaf aħjar. Wara xi tliet ġimgħat wieħed għandu jerġa' jimborġa. Ma ninsewx li l-imburġar mhux biss isawwar l-egħqiedi, imma jgħin ukoll biex iżomm iz-zokk u l-faxxina weqfin.

Wieħed m'għandux jiżra' għall-wiċċ wisq, għax il-patata tgħaqqad 'il fuq miż-żerriegħa. Jekk wieħed jiżra għall-wiċċ, il-patata tgħaqqad għall-wiċċ wisq u ħafna minnha tiħdar.

Wara l-ewwel inqix wieħed għandu jieħu ħsieb ibixx il-patata għal kontra l-mard. Billi l-faxxina tikber il-ħin kollu, wieħed għandu jara li l-partijiet li jikbru jkunu wkoll imħarsa mill-mard. Għalhekk il-bexx għandu jsir kif ikun meħtieġ. Wieħed ma għandux jistenna li jitfaċċa l-mard biex jibda jilqa' għalih.

### *Il-ħażna tal-patata*

Meta l-patata tilħaq, trid inġabar u tinbiegħ, inkella tinħażen. Jekk ikun staġun li fih tkun ħakmet il-għlata, il-patata aħjar tinqala' malajr biex ma tinħakimx mill-mard. Imma jekk tkun inħakmet mill-mard aħjar ma tinqalax malajr. F'dan il-każ qabel ma tinqala' għandha l-ewwel tinġabar il-faxxina.

Qabel ma tinħażen il-patata jeħtieġ li tkun xotta u mfarfra mill-ħamrija. Il-post fejn tintrefa' jeħtieġ li jkun kondizzjonat tajjeb. L-umdità tgħin fit-taħsir tal-patata. Patata li tkun mimsusa mill-mard m'għandha qatt titħalla jew tintrefa' mat-tajba, għax tisħon, issaħħan il-gozz kollu u xxerred il-mard.

Meta l-bidwi jerfa' l-patata għax il-prezz ikun baxx, irid jiftakar li l-patata titlef mill-piż meta tkun merfugħa. It-telf tal-piż hu ta' minn 2 sa 4 fil-mija l-ewwel xahar, u bejn 2 u 5 fil-mija fi tliet xhur. Dan jiġri jekk il-patata ma tkunx mimsusa bil-mard. Patata mimsusa titlef wisq iżjed. Patata maqlugħa fil-bikri jerġa' titlef iżjed miċ-ċifri li tajna hawn fuq.

Fil-ħażna tal-patata qatt m'għandha titħalla l-faxxina magħha, minħabba l-mard. Fejn tinħażen il-patata jeħtieġ li jkun post imrewwaħ sewwa u miżmum frisk. F'temp shun dan il-post għandu jinghalaq sewwa bin-nhar u jinfetaħ bil-lejl. *(jissokta)*

# 10. Il-Fanal ta' Ġordan u Wied l-Għasri

*Essay ta' Simon M. Cachia*




Hi d-drawwa ta' ħafna familji Maltin u Għawdxin li nhar ta' Ħadd fix-xitwa, wara l-ikla ta' nofsinhar, joħorġu flimkien dawra bil-karozza. L-aktar postijiet iffrekwentati minn ħutna l-Għawdxin huma x-Xlendi, Marsalforn u x-Xatt ta' l-Imġarr. Għalhekk, mas-sagħtejn jew it-tlieta tibda tara sriebet ta' karozzi sejrin lejn dawn il-postijiet. Meta jaslu, ħafna nies lanqas biss joħorġu mill-karozzi tagħhom. Jippreferu joqogħdu jitkellmu, jaraw min hu għaddej, u minkejja l-ikla li jkunu għadhom kemm temmew ftit qabel, jitħnulek xi tużżana pastizzi jew xi ġelat frisk. Addio dieta jew *cholesterol*.

Il-familja tiegħi u jien inqattgħu l-Ħadd wara nofsinhar kwazi bħal dawn in-nies. Infatti, meta t-temp ma jkunx sabiħ ħafna, nintefgħu ġol-karozza xi mkien u ma noħorġux. Imma meta jkun bnazzi jew mhux bard wisq, arana nfittxu xi post imwarrab min-nies u nerħulha għal għonq it-triq. Din l-istess ħaġa kont nagħmilha meta kont immur għall-passiġġata ma' tal-Mużew. Wieħed minn dawn il-postijiet pittoreski jinsab fit-tramuntana t'Għawdex: in-naħat ta' l-Għasri.



Ir-raħal tal-Għasri hu raħal żgħir u kwiet. Għal min ma jafx dan ir-raħal, ma jobsor qatt li l-Għasri għandu wkoll is-seħer tiegħu, kif għandhom irħula oħra ferm akbar minnu. Donnhom it-turisti, kemm dawk barranin kif ukoll dawk Maltin, għarfu dan is-seħer għax ħafna minnhom għażlu li jixtru propjetà f'dan ir-raħal, li għal xi wħud hu minsi u mwarrab. Tabella mal-ħajt int u dieħel l-Għasri, hekk kif tħalli t-triq id-dritta tas-siġar u tkun se taqbad il-pjazza, turik minn fejn għandek tgħaddi biex tasal ta' Ġordan. Imbagħad, malli tħalli l-knisja ta' l-Għasri, il-fanal dritt jitfaċċa quddiemek fuq il-lemin, b'dik il-pożizzjoni imponenti tiegħu.

Sa ftit tas-snin ilu mhux la kemm kont titla' fuq l-għolja ta' Ġordan. Kien ikollok tħalli l-karozza tiegħek isfel, f'tarf it-triq, u titla' dik it-telgħa wieqfa u dejqa bil-mixi. Imma llum le. Tista' tibqa' tiela' l-aktar parti wiegħra tat-telgħa u tieqaf fin-nofs. Jekk ikollok xi *jeep*, tant l-aħjar. Imbagħad, f'nofs it-telgħa hemm speċi ta' *parking* żgħir, bi spazju biżżejjed fejn tħalli l-karozza, iddawwar u terġa' tinżel.

Wara li tħalli l-karozza, taqbad l-aħħar parti tat-telgħa. Tgħaddi minn taħt siġar tal-ħarrub u bajtar tax-xewk, iddur ma' palma xiħa u ssib ruħek fuq nett. Malli tasal fil-quċċata ta' l-għolja ssib wita kbira u fil-ġenb tagħha, fuq xifer ta' sies hemm il-Fanal. Dan il-Fanal jew *lighthouse* jinsab mibni fuq speċi ta' dar li sa ftit snin ilu kienet isservi bħala d-dar ta' l-għassies tal-Fanal. Fl-antik, dan il-Fanal li min jaf kemm wennes vapuri fil-maltemp, kien jaħdem bil-lampi tal-pitrolju. Wara kien ġie kkonvertit għad-dawl elettriku. Illum hu għal kollox awtomatiku u lanqas

għassies ma għad hemm bżonn. Malli ddur mal-fanal issib ruħek qalb qabda bini mwaqqa u abbandunat, li dari kien jintuża mill-militar ingliż, l-aktar fi żmien il-gwerra. Imma kos, donnu l-gwerra hawn fuq ma waqfet qatt għaliex kull fejn iddawwar ħarstek ma tarax ħlief skrataċ vojta mifruxa ma' kullimkien, xhieda tal-gwerra dejjiema kontra l-gamiem imsieken. Ambjent sabiħ, imma taskurat. X'ħasra li ma tnaddaf qatt mill-Gwerra 'l hawn...

Mogħdijiet dojoq jiġru ma' kull naħa tal-għolja u jwassluk sas-sisien. Imbagħad, għal min irid tassew jieħu gost u ma jiddejjaqx jitħammeġ, jista' jinżel minn passaġġ dejjaq fuq in-naħa ta' wara ta' l-għolja, in-naħa li tħares lejn it-tramuntana, u jinżel 'l isfel lejn ħotob kbar tat-tafal taħt ir-riħ ta' l-għolja. Iż-żurżieqi ta' l-"*isplash and fun*" m'huma xejn ħdejn dan it-tafal lixx u jiżloq daqs is-sapun. Id-daħk u t-twerżiq tat-tfal jiżżerżqu jidwu madwar l-għolja u jinstemgħu anke miż-Żebbuġ, ir-raħal li jinsab fuq ix-xaqliba tal-wied li jifred din il-għolja mill-kumplament ta' Għawdex.. Dawn il-ħotob tat-tafal li jinsabu taħt l-għolja ta' Ġordan, issa qed iservu ta' passatemp ukoll għas-sewwieqa tal-muturi. Dawn jiġġerrew fuq dawn il-ħotob u qalb il-ġebel, jaqbżu l-ħitan u jimmarkaw kull fejn jgħaddu bit-tajers tal-muturi tagħhom. Jekk tinzerta tkun fuq l-għolja ta' Ġordan u tisma' t-twerdin riesaq lejk, taħsibx li jkunu ġejjin xi *extra*-terrestri. Ikunu dawn l-għefiered tal-muturi li mhux biss ma jħallukx tgawdi l-kwiet u s-sliem ta' hemm fuq, imma lanqas iħallulek sabar toqgħod tarahom. Għax jekk xi ħadd minnhom ikorri, min u kif se jiġbru minn hemm?

Imma mill-Għasri nistgħu naqbdu triq oħra, dik li tieħdok għal ħdejn il-knisja tal-Patruċinju, knisja ċkejkna li tinsab fil-ġenb ta' pjazzetta 'l barra mill-Għasri. Biex tinżel ħdejn din il-kappella, li hi ġawhra tal-patrimonju għawdxi, trid taqbad it-triq li mill-Għasri tieħdok lejn iċ-ċimiterju taż-Żebbuġ, imma qabel ma toħroġ mir-raħal, tikser max-xellug, sewwa sew fejn hemm niċċa kbira u antika fuq erba' kolonni f'kantuniera.

It-triq li tieħdok lejn il-kappella tal-Patruċinju, ma tiqafx malli tilħaq il-knisja, imma tibqa' sserrep qalb l-għelieqi u twasslek sa ħdejn numru ta' vilel u *farmhouses* irrestawrati, bil-ġonna tagħhom itarrġu mal-ġnub ta' l-għoljiet u mal-faldi ta' Wied l-Għasri. Għax tassew, Wied l-Għasri minn hawn jibda.

It-triq sa ħdejn dawn il-*farmhouses* hi asfaltata. Iżda aktar ma tmur 'il bogħod minnhom, it-triq issir aktar ħażina u dejqa, kollha ħofor u torba. Jekk tkun bil-karozza, allaħares tiltaqa' ma' xi oħra ġejja fid-direzzjoni opposta għax tnejn bil-kemm jgħaddu. Aktar ma' titbiegħed mill-Għasri aktar toqrob lejn il-baħar. Meta tkun tbiegħedt biċċa ġmielha, fuq in-naħa tal-lemin tat-triq tiegħek titfaċċa telgħa wieqfa li tieħdok lejn iż-Żebbuġ. Din hi t-telgħa tas-Sagħtrija. Aktar 'l isfel, fuq in-naħa tax-xellug, hemm bħal trejqa jew passaġġ wiesa' biżżejjed biex tgħaddi karozza. Din tgħaddik minn qalb ħafna tħarbit u blat għeri sa ma twasslek sal-bokka ta' Wied l-Għasri.

Il-passaġġ dejjaq li minn fuq is-sies iniżżlek sal-bajja jinħeba qalb il-ġebel u min mhux midħla ta' dan il-post jista' faċilment ma jindunax bih. Dan il-passaġġ, jew aħjar taraġ, jidher li hu maqtugħ kollu bl-idejn fil-ġenb tas-sies u d-daqqiet tal-baqqun għadhom jidhru. Int u nieżel minn mal-ġenb ta' l-irdum, f'waqt wieħed tista' tieqaf u tħares 'l isfel lejn il-wied, maqtugħ bejn żewġ sisien għoljin u weqfin ħafna. Dan il-post qisu xi ħaġa tal-leġġendi. Qisu kien hemm xi muntanja kbira u xi darba, forza qawwija ħafna, bħal xi terremot, qasmet il-muntanja min-nofs u ħalliet il-baħar jidħol ġewwa qalbha, minn dan il-gandott dejjaq u mgħawweġ.

X'ħin tinżel mill-passaġġ u tilħaq iċ-ċagħak f'qiegħ il-wied, tara dan il-gandott ta' ilma jserrep bejn l-irdumijiet. L-ilma baħar hawnhekk ġieli jkun nadif u ċar daqs il-kristall. Imma ġieli ma jkunx, speċjalment meta l-kurrent ikun 'il ġewwa. Meta jkun hekk l-ilma mhux biss ikun imdardar, imma x-xtajta tkun mimlija fliexken tal-plastik, qatran u sufri bojod tal-ġablow. Imbagħad, meta jkun il-maltemp, dan il-ħmieġ jibqa' dieħel biċċa sewwa 'l ġewwa fil-wied. Ma nafx jekk qatt jitnaddaf...

Meta kont żgħir kont nisma' lin-nannu tiegħi jgħid li hawn kienu jidħlu d-dgħajjes tal-kuntrabandu. Naħseb li dan hu post perfett għal dan ix-xogħol. Hu post imwarrab, u mhux milħuq faċilment. Anke xi żewġt ikmamar imħaffra fil-blat hemm. Jingħad ukoll li l-ewwel nies li ġew Malta minn Sqallija, in-nies tal-preistorja, hawn kienu niżlu l-ewwel darba. Min jaf! Forsi għalhekk Wied l-Għasri donnu fih seħer...

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

TA' KENUNA
Bar & Restaurant

*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*

Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GHAWDEX

*Informazzjoni u rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Il-Fortizza ta' Sant'Antnin f'Ras il-Qala

## *Pass kbir 'il quddiem għar-restawrazzjoni*

**minn Paul Buttigieg, Sindku tal-Qala**

***Illum saret tal-Qalin kollha!***

Ma kienx jidher li hemm tama li xi darba l-Fortizza ta' Sant'Antnin jew kif inhi magħrufa aħjar it-Trunċiera tkun propjetà tal-Qalin kollha.

Anke, l-istess Kunsill Lokali tal-Qala ma kien qed jara l-ebda xaqq ta' dawl li xi darba kien għad jasal iż-żmien li din il-Fortizza tgħaddi f'idejn il-Kunsill Lokali.

- Tħabbat u ħlief bibien magħluqa ma ssibx.
- Tikteb l-ittri lil min suppost hu fid-dmir li jħares monumenti simili u mank jirrispondik lura.
- Awtoritajiet li flok jgħinuk....ifixkluk.

Kulħadd jaqbel li din il-Fortizza hi ta' Patrimonju Nazzjonali imma ĦADD ma ried irodd dan il-patrimonju lill-poplu tal-Qala u lill-Maltin u l-Għawdxin li għandhom għal qalbhom il-wirt storiku li ħallewlna missirijietna.

Fl-aħħar għamilna pass kbir. Il-Kunsill Lokali tal-Qala kiteb żewġ ittri oħra, waħda ndirizzata lill-Prim Ministru ta' Malta l-Onor. Dr. Lawrence Gonzi LL.D. u oħra ndirizzata lill-Eċċ. Tiegħu Dr. Edward Fenech Adami, President ta' Malta.





Dawn kienu ser ikunu l-aħħar żewġ ittri li l-Kunsill kien ser jibgħat dwar din il-Fortizza. Konna qtajna qalbna. Konna qtajna kull tama li xi darba għad xi ħadd jinteressa ruħu fuq din il-Fortizza. Għax mhux billi jkollok il-permess maħruġ mill-MEPA sabiex tirrestawra l-Fortizza, imma trid ukoll ikollok il-jedd li tmidd riġlejk ġo fiha.

U waslet ir-risposta ta' l-ittri mibgħuta. L-ewwel risposta pożittiva wara pataflun ta' ittri mibgħuta dwar din il-Fortizza. Ir-risposta maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru kienet tgħid hekk:

"Wara li dan is-Segretarjat għamel kuntatt mal-Ministeri kkonċernati jirriżulta li l-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern huwa lest li jieħu din il-Fortizza taħt it-titlu ta' *Possession and Use* u wara jgħaddiha lill-Kunsill Lokali b'*encroachment*". Din ir-risposta tefgħet raġġ ta' dawl fuq il-futur ta' din il-Fortizza. Fl-aħħar għamilna pass importanti. Għax għalkemm għaddew is-snin u partijiet mill-Fortizza ġġarrfu, issa kienet feġġet tama ġdida.



### *Id-digriet u d-devoluzzjoni*

Kien propju s-27 t'April 2005 meta fil-Gazzetta tal-Gvern deher digriet iffirmat mill-President ta' Malta fejn il-Fortizza ta' Sant'Antnin ġiet mgħoddija lid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Dan kien l-ewwel pass. Pass importanti, pass li wassal sabiex propju nhar il-Ġimgħa 5 t'Awissu 2005, il-Fortizza ta' Sant'Antnin ġiet mgħoddija minn għand id-Dipartiment ta' l-Artijiet u mogħtija lill-Kunsill Lokali Qala jew aħjar lill-poplu tal-Qala kollu, mingħajr "*claims*" tal-privat.

### *Il-pass li jmiss*

Ikun inutli li la issa ħadna l-Fortizza ta' Sant'Antnin f'idejna, noqogħdu niftaħru li issa hi tagħna u ma nibdewx naħsbu kif ser nirrestawrawha. Immedjatament iltqajna ma' l-Għaqda Din l-Art Ħelwa li mill-bidunett tat kull għajnuna possibbli sabiex il-Fortizza tiġi restawrata. Iddiskutejna kif hu l-aħjar mod u x'miżuri rridu nieħdu għar-restawr ta' din il-Fortizza.



Ilħaqna ftehim u llum bi pjaċir nista ngħid li r-restawr tal-Fortizza ta' Sant'Antnin ser isir b'kordinament u b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali Qala, l-Għaqda Din l-Art Ħelwa, kif ukoll bl-għajnuna tal-MEPA li allokat somma ta' flus f'*planning gain* sabiex propju jintefqu fuq ir-restawr ta' din il-Fortizza. Żgur li lkoll flimkien Kunsill Lokali, Din l-Art Ħelwa u MEPA jirnexxilna naslu sabiex dan il-monument ta' Patrimonju Nazzjonali nirrestawrawh bl-aħjar mod possibbli u nerġgħu nrodduh lill-poplu Għawdxi kif jixraq.

### *Fl-aħħarnett, Grazzi!*

F'isem il-Kunsill Lokali Qala ma nistax ma ngħidx "Grazzi" ta' l-għajnuna mogħtija lil kull min b'xi mod għen sabiex din il-Fortizza tintradd lura lill-Qalin. Grazzi b'mod speċjali tmur lill-Viċi Prim Ministru l-Onor. Dr. Tonio Borg LL.D. ta' l-interess personali li ħa sabiex din il-Fortizza tgħaddi f'idejn il-Kunsill Lokali. Grazzi tmur ukoll lill-Għaqda Din l-Art Ħelwa ta' l-għajnuna mogħtija u li għad trid tagħti sabiex finalment il-Fortizza tiġi restawrata. U finalment l-aħħar ringrazzjament idur lejn il-Qalin kollha ta' l-appoġġ u s-sostenn kontinwu li taw lill-Kunsill Lokali għax żgur li kien is-*support* kontinwu tagħhom li wassal sabiex finalment ilkoll kemm aħna nistgħu ngħidu li l-Fortizza ta' Sant'Antnin illum hi wirt li ser jerġa' jieħu l-ħajja.



**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet jew proġetti ġodda li jkunu saru fil-lokalità tagħkom. Ibagħatu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar.




## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# *Salvu Camilleri (1903 - 1990)*

Wieħed mis-Soċji tal-Mużew tal-bidu f'Għawdex kien proprju Salvu Camilleri li qatta' ħajtu jaħdem fil-għalqa tal-katekeżi.

Salvu twieled fil-25 ta' Ottubru 1903 il-Qala, Għawdex. X'aktarx li ġie għall-ewwel darba f'kuntatt mas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija billi kien jiffrekwenta d-dar tad-duttrina li kien waqqaf il-Kappillan Dun Ġużepp Vella fil-Qala. Kienet tissejjaħ Mużew. Ta' 18-il sena emigra għax-xogħol fl-Ingilterra u ħadem għal ħames snin fuq il-vapuri merkantili u wara mar l-Amerika.

Billi Salvu kien jgħix ħajja miġbura xtaq jidħol mal-Ġiżwiti bħala *brother*. Meta kellu erbgħin sena huwa daħal f'din is-soċjetà bħala *brother* u għalhekk intbagħat Bagharia fi Sqallija fejn kien għal qalbu ħafna. Dam kważi sentejn u għamel il-voti sempliċi. Iżda l-providenza ta' Alla kienet qiegħda tmexxih lejn post ieħor. Għal raġunijiet personali kellu jħalli minn mal-Ġiżwiti.

Meta rritorna lejn Għawdex iltaqa' mas-Superjur Emmanuel Bianco u beda jattendi l-Mużew. Darba mar ikellem lil Dun Ġorġ. Salvu qallu: "Nixtieq nidħol fis-Soċjetà tiegħek" u dlonk Dun Ġorġ beda jgħajjat u jgħidlu: "Is-Soċjetà mhix tiegħi iżda ta' San Pawl". Ftit ħin wara l-Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija qallu: "Sewwa, billi għandek vuċi sabiħa u taf tkanta – m'għandekx biex tiftaħar". Għal dan il-kliem Salvu baqa' miblugħ għaliex Dun Ġorġ qatt ma kien semgħu jkanta. Minn meta ġie f'kuntatt mal-Mużew qatt ma fittex triqat oħra u sar Soċju f'Jannar ta' 1945.

Salvu baqa' midħla ta' Dun Ġorġ, li aċċertah li ladarba jħossu kuntent fil-Mużew, dan kien sinjal li din kienet ir-rieda ta' Alla għalih. Aktar tard qallu: "Fis-Soċjetà intom sibtu xortikom u jiena sibtha magħkom".

Kien strumentali biex jinbeda u jinbena l-Mużew tal-Qala, li tiegħu sar l-ewwel Superjur. Fl-1948 beda jibni d-dar tad-duttrina f'dan ir-raħal. Trid altru jkollok kuraġġ sabiex f'dawk iż-żmenijiet tidħol għal biċċa xogħol bħal dik. Huwa ħaddem lil ħutu wkoll u nefaq flusu fuq dan il-bini kbir u sabiħ fil-Qala.

Fl-1964 kellu jmur l-Amerika għal xi żmien u għalhekk ħalla minn Superjur tal-Mużew tal-Qala. Meta rritorna lejn Għawdex kompla jgħallem id-Duttrina kemm-il Qala kif ukoll f'Għajnsielem u l-Għasri. Għen ukoll sabiex jinfetaħ il-Mużew tan-Nadur, serva ta' Superjur fix-Xewkija wkoll, u għalkemm kien imdaħħal fiż-żmien baqa' jmur jgħallem Għajnsielem u l-Għasri.

Kif għidna Salvu kien iħobb il-ħajja miġbura. Kien bniedem ta' talb u quddiesa u tqarbina ta' kuljum ma falliha qatt. Kien assidwu wkoll fl Irtiri fil magħluq u baqa' jagħmilhom anki meta għal xi żmien reġa' mar l-Amerika. Kellu mħabba kbira lejn il-Verġni Marija u San Ġużepp. Fejn is-sodda kien iżomm kwadru bil-kelmiet: "*Verbum Dei caro factum est.* Aħdem bħallikieku ser tgħix għal dejjem u għix bħallikieku ser tmut għada".

Is-Superjur "Salvu tal-Furnar" ħalla din id-dinja fis-6 ta' Marzu 1990. Għadu ħaj fil-qalb ta' ħafna soċi tal-Museum f'Għawdex.

***Angelo Xuereb***









### *L-ewwel Enċiklika ta' Benedittu XVI*

Il-portavuċi tas-Santa Sede qal li l-Papa ser jippubblika l-ewwel enċiklika tiegħu fix-xahar ta' Jannar bit-titlu "*Deus Caritas est*", jiġifieri "Alla hu Imħabba". Skond ma qal Joaquín Navarro-Valls lill-aġenziji ta' l-aħbarijiet taljani ANSA u Apcom, id-dokument ġie ffirmat mill-Qdusija Tiegħu fil-jum tal-Milied. L-ewwel verżjoni ta' l-enċiklika, bil-Ġermaniż, ġiet kompilata mill-Papa s-sajf li għadda, tul il-vaganzi tiegħu f'Valle d'Aosta. Ta' min ifakkar li f'sitta u għoxrin sena ta' pontifikat, Ġwanni Pawlu II kien ippubblika 14-il enċiklika.

### *Relazzjonijiet diplomatiċi tas-Santa Sede*

Attwalment hemm 174 stat li jżommu relazzjonijiet diplomatiċi sħaħ tas-Santa Sede. Ma' dawn jiżdiedu l-Komunitajiet Ewropej u l-Ordni Sovran Militari ta' Malta u żewġ Missjonijiet b'karattru speċjali: il-Missjoni tal-Federazzjoni Russa, mmexxija minn Ambaxxatur u l-Uffiċċju ta' l-Organizzazzjoni għall-Ħelsien tal-Palestina, ggwidata minn Direttur. Is-Santa Sede tipparteċipa f'diversi Organizzazzjonijiet Internazzjonali, bħall-Ġnus Magħquda, li fiha għandha l-istatut ta' Osservatur Permanenti, u oħrajn reġjonali, bħal-Lega Għarbija u l-Organizzazzjoni ta' l-Istati Amerikani. Meta Ġwanni Pawlu II intgħażel bħala Isqof ta' Ruma, fl-1978, is-Santa Sede kellha relazzjonijiet diplomatiċi ma' 86 pajjiż fid-dinja.

### *Ċina: rebbiegħa ta' vokazzjonijiet f'xi reġjuni*

Xi reġjuni taċ-Ċina għaddejjin minn rebbiegħa ta' vokazzjonijiet, spjega saċerdot mill-pajjiż. "Il-provinċja ta' Shaanxi (Ċina ċentrali), bit-tmien djoċesijiet tagħha, tgħodd madwar 280,000 kattoliċi. Attwalment, 260 saċerdot jassistu l-insara u aktar minn 600 reliġjużi nisa jgħinu lil dawk fil-bżonn, il-morda u l-anzjani u jaħdmu fl-ambitu ta' l-edukazzjoni", fisser Dun Stephen Chen, saċerdot li jmexxi ċ-Ċentru Soċjali Kattoliku tad-djoċesi ta' Xi'an, provinċja ta' Shaanxi. Żied jgħid li ż-żgħażagħ qed jinteressaw ruħhom dejjem aktar fil-fidi. "Id-djoċesi tiegħi tgħodd żewġ seminarji u vokazzjonijiet numerużi, tant għas-saċerdozju kemm għall-ħajja reliġjuża femminili". Qal ukoll li fl-aħħar għoxrin sena nbnew madwar 400 knisja fil-provinċja, imma hemm bżonn ta' aktar, speċjalment fil-villaġġi żgħar.

### *Indja: it-Testment il-Ġdid bil-Punjabi*

Miljuni ta' Indjani jistgħu jibbenefikaw mill-qari fil-lingwa tagħhom, il-Punjabi, ta' l-ewwel edizzjoni Kattolika tat-Testment il-Ġdid. It-traduzzjoni kienet possibbli grazzi għax-xogħol ta' ħafna persuni għal għaxar snin. L-ewwel tiratura hija ta' 40,000 kopja. Il-lingwa Punjabi hi l-ilsien uffiċjali ta' l-Istat Indjan ta' Punjab u hi l-aktar preżenti fil-provinċja Punjabi tal-Pakistan. Hu kkalkulat li tiġi mitkellma minn madwar 100 miljun ruħ.






*Għawdxin li għadna niftakru - 30* *Minn Pawlu Mizzi*

# CHARLOTTE TA' ĊIKKA TA' WRINJIW

Lil Miss Charlotte sirt nafha b'kumbinazzjoni. Konna qed inġorru s-siġġijiet u l-bankijiet mill-oratorju ta' sqaq il-ġiżimin (dik id-dar wara saret il-forn ta' l-għaġina), għal dar oħra ma' ġenb iz-zuntier ta' Sant Wistin.

'*Dak sa tkorru taqbduhom hekk*,' wissietna bil-ħlewwa.

Dun Pawl hemiżna u ħares lejha donnu biex jgħidilha: '*Wasal is-soprastant!*'

U kif, dak il-ħin għadda minn ħdejh Frankie ta' Fonzina jidħak nitfu minn tarf xagħru. '*Ajma! Ajma! Ziju qed tweġġagħni!*' u niżel kokka.U kompla jidħak. T'urajh, Ġiġi tal-Patri u Ġorġi tal-Kaċċatur, kif ħassewh riesaq lejhom, irħew il-bank fl-art b'sabta u ħarbu jiġru 'l barra.

'*Dok li ma kurrawx mite weqew el-banavostroj,*' żguraha Dun Pawl, '*ma jkurru qatt!*'

U baqa' jnewlilhom siġġu wara ieħor. jidħak u jirraġġa magħhom. U t-tfal baqgħu jġorru u jinbuttaw u jkaxkru. Qishom qed jiġbdu karrettun bla roti.

'*Dun Pawl dawt-tfal sa jkorrulek!*' reġgħet tennietlu Miss Charlotte bla sabar. '*Issa tara!*'

Imbagħad kif lili ratni skantat inħares lejhom ġibditni ħdejha.

'*Hux int l-iktar bravu fosthom!*' qalti. '*Urihom x'taf!*'

Kliemha laqgħuh bil-briju! Tassew, ma nafx kienx hemm ħoss li ma smajtx dak il-ħin.

'*Ussa ktajta!*' għajjat ta' Fonzina jfaqqa' bid-daħk.

Charlotte bħal inkisret u riedet turihom kemm kienet mara. '*Għidilhom, għidilhom, x'taf tagħmel?*' staqsietni.

'*Nilgħab u nittanta!*' weġibtha.

Charlotte inħasdet. Kienet l-aħħar ħaġa li stennietni ngħidilha. U ħmaret bil-mistħija.

Hekk kienet l-ewwel laqgħa tiegħi magħha!

Charlotte kienet *teacher*, waħda minn dawk ta' żmien id-direttur Laferla. Tinkwieta, stretta, imma qalbha tajba! Malli ddoqq il-qanpiena kulħadd *fall-in* quddiemha u kulħadd *stop talking*. Bħal suldati f'parata! Fil-klassi *sit down* flimkien. Imbagħad lezzjoni tad-duttrina, somom, u *dictation*. Wara r-*recreation*, Malti, *reading* ta' l-Ingliż, u *history* jew *geography*. U kif iddoqq il-qanpiena *stand-up*, u allaħares min jitkellem sa ma jinfetaħ il-bieb u joħorġu.

Forsi, minħabba f'hekk, li sikwit is-sinjora Fiorini kienet iżżommha fl-uffiċċju tagħha, tieħu ħsieb *time-tables* u torganizza x'kellu jsir.

Kienet taf tmidd idejha għal kollox. Tħejt, tinnittja, tirrakkma, taħdem il-bizzilla, issajjar, tagħmel il-pasti... kollox! Kull ħaġa li setgħu jagħmluha t-tfal tal-klassi tagħha. Basta għall-missjoni.

Kienet temmen li l-idejn huma l-enerġija naturali li tana l-Bambin. Li jekk jitħaddmu b'għaqal huma l-għana tal-pajjiż. Aqwa mid-deheb. Flimkien bi ftit ħidma nistgħu ngħinu ħafna lil min hu fil-bżonn. Il-missjoni, b'mod partikolari. Jew il-foqra ta' madwarna.



'*Ma tafux x'qed nitilfu*,' kienet tgħid lit-tfal tal-klassi tagħha. '*Kif teħilsu mill-faċendi, aqbdu l-labar u aħdmu booties, ingwanti għall-missjoni! Jien nagħtikom is-suf u intom agħtuni x-xogħol! B'idejna nistgħu noħolqu ħafna ġid u pajjiżna jkun iktar sinjur!*'

Hekk ukoll kien jgħidilhom lit-tfal tal-*Casa Industriale* Dun Ġużepp Diacono sittin sena qabel. U Madre Margerita Debrincat lix-xebbiet tagħha bit-talb birkitilhom idejhom u bl-enerġija li ħarġet minnhom waqqfet l-Ordni Reliġjuż tagħha.

Charlotte kellha l-istess ambizzjoni għalkemm iżgħar u iktar lajka. Kien jinteressaha x-xogħol voluntarju. U f'moħħha kellha li toħloq xogħol li jista' jissarraf f'għajnuna għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ.

U x'aktarx, minħabba f'hekk li wara ħin l-iskola fil-ħin liberu tagħha ntefgħet tgħin lil Dun Pawl fl-Oratorju.

'*Dun Pawl*,' kienet tgħidlu, '*taqtax qalbek. Żgur li l-Bambin jgħinek!*'

Id-dar ta' Ġanduwa li Dun Pawl sab fejn iz-zuntier ta' Sant Wistin ma kenitx tant żgħira.

Kellha żewġ sulari. Fil-pjan terren, mogħdija msaqqfa u warajha bitħa, bi stalla u remissa fuq naħa, u b'taraġ mikxuf fuq l-oħra li jwasslek għal setaħ. U fuq, fl-ewwel sular, dar tħares fuq nofsinhar u żewġt għorof, faċċata ta' xulxin, waħda b'ħafna rwieħat mas-saqaf qisha barumbara u l-oħra bla bieb mimlija mbarazz.

Din kienet id-dar kollha ta' Ġanduwa. Sempliċi u fqira!

Għadu quddiem għajnejja Dun Pawl, idur fil-kmamar mudlama tagħha jħokk rasu. Fil-veru sens tal-kelma ma kienx jaf mnejn jew kif sa jibda.

U Marija tal-Piżatur u Charlotte jduru warajh, igedwdu bejniethom kemm kemm jinstemgħu.

'*U agħmel kuraġġ!*' kienu jgħidulu. '*Aħna ngħinuk!*'

Dun Pawl kien qaddis fil-veru sens tal-kelma, u b'tama f'Alla li tgħaġġbek. Ma kienx, għalhekk, qed jara biss il-flus li kien jeħtieġ. F'moħħu kellu viżjoni bħal dik ta' Don Bosco: mijiet ta' tfal u żgħażagħ jiffullaw l-oratorju tiegħu jiġru u jaqbżu fuq xulxin.

'*U ussa billej tejdew intum! Bħal ussa nies neħtiġ mewx flews!*'

Kienet iċ-ċanfira li ħeġġitha iktar fil-voluntarjat lil Charlotte!

Pajjiżna minn dejjem bata minn nuqqas ta' għajnuna minn ħaddiema żgħar. Benefatturi kbar kellu. Imma nies li jgħinu fil-benefikati tagħhom ftit li xejn. Fl-1618 Meccanuzio Mahnuc ħalla ġidu biex tinfetaħ skola. U nfetħet l-iskola. Imma damet biss sentejn. U fl-1727 il-Kan. Camilleri kien ta kull sold li kellu biex jinbena l-isptar. Imma miet mgħarraq f'demmu ġo daru u li kieku ma kienx għall-Granmastru de Vilhena kieku l-isptar ma nbeniex. U l-istess ġara meta l-Kav. Chambrai bi flusu bena l-fortifikazzjoni fl-Imġarr. Is-swar telgħu imma min imexxihom ma kellniex u sa fi żmienna għadna bilkemm nafu x'sa nagħmlu bihom!

Minn dak inhar Charlotte tat ħinha kollu tfittex nies li jistgħu jgħinu u tirrekluta l-voluntarjat. Bennejja, bajjada u kaħħala, qassisin u rġiel li jgħallmu, xebbiet li jaħslu jew jikinsu, min jaħdem nitting jew iħejt purtieri jew vestwarju għall-palk. Kulmin kien jaf imidd idejh għal xi ħaġa. Anke dawk li jagħmlu il-pasti tal-ġamm. U lil min ma kienx jaf għallmitu.

Dawn il-pasti tal-ġamm ta' Charlotte kellhom togħma partikolari. Ifakkruni fiż-żmien meta f'San Ġorġ kien għadu jsir il-katekiżmu nhar ta' Ħadd wara nofs inhar. Għax wara l-prietka kont ġirja waħda mill-knisja għal għand ta' Wrinjiw biex nixtri minnhom. Għalija ma kienx jeżisti ħelu aħjar. U kemm meta kont għadni d-dar t'ommi u kemm wara li żżewwiġt bqajt kultant u tant nixxennaq għalihom. Għalija marti għadha tagħmilhom.

U għadni sallum, li ilni nieqes minn Għawdex ħamsa u erbgħin sena, kulmeta jiġu xi ħbieb id-dar tiegħi minnhom noffri max-xorb.

'*Dawn pasti Għawdxin!*' qalli darba meta ġie għandi l-Imdina l-Monsinjur Dun Karm Scicluna. '*Dawna ta'Awrelio. Dawn ma ssibhom fl-ebda dolċerija oħra f'Għawdex*'.

Jien bħalu għidt. U żidt: 'Lanqas f'Malta!'

Darba, imma, rajthom f'ħanut tal-kafè Pariġi quddiem l-Opera. Ma ridtx nemmen lil għajnejja. U iktar stagħġibt meta ħadt minnhom u sibt li anke fit-togħma bħal ta' Wrinju!

Din skoperta storika għidt f'qalbi. U meta ġejt Malta għidt bl-istorja lill-Avukat Testa li kien għadu kemm kiteb *"The French in Malta"*.

'*Jista' jkun li l-pasti t'Wrenjiw huma riċetta Franċiża?*' staqsejtu.

'*Kollox jista' jkun,*' qalli. '*Fil-ftit xhur li għamlu Għawdex għadd ta' Franċiżi kienu żżewġu nisa Għawdxin. Mhix ħaġa kbira li mal-pourè kienu għallmuhom jagħmlu ukoll dawn il-pasti!*' qalli jitbissem.

Jekk ir-riċetta tal-pasti tal-ġamm kenitx Franċiża bħal isem Charlotte bqajt ma sirtx naf. Jien persważ, imma, li r-riċetta tal-voluntarjat tagħha ħadem u ħadem bi sħiħ.

F'inqas minn tliet xhur id-dar ta' Ġanduwa saret l-isbaħ palazz tat-tfal. Isfel, flok ir-remissa, *gymnasium,* b'bandla tal-ħabel minn ħnejja għall-oħra. U l-istalla ħanut tal-mastrudaxxa b'bank u srieraq u varloppi u l-għodod kollha li kienu meħtieġa. Fuq, dawk iż-żewġt ikmamar li kienu jgħidulhom 'id-dar' tniffdu ma' xulxin u saru teatru b'palk u b'magna qadima taċ-"*ċine*" li Dun Pawl kien iddobba mingħand Mikiel ta' Botu. U l-għorof ġew imbajda u ċċangati b'madum ġdid m'għand ta' Pawla: dik ta' wara, saret parti mill-palk, kamra ta' l-irtokk, u stamperija żgħira, torkju u ħafna tipi żgħar taċ-ċomb. U l-għorfa l-oħra ta' fuq l-intrata saret kamra tal-laqgħat u klabb tal-futboll.

Hawn twieldu is-*Salesian Youths*: b'Ġużeppi ta' Rixu, it-tlett aħwa ta' Sufa, Leli, Ġorġ, u Ġużeppi, Karmnu ta' Xaqqaq, Fonzu ta' Gejtan, Ċikku ta' Frellillu, Toni tal-Murella, Toni tagħna, il-Kaptanijiet Ġanni u Ċikku, Ġorġ tal-Kaċċatur, Fridew ta' Farina, Pawlu u Ġurġi taz-zija Marċella, u jien.

Inħossni kburi nħares lejn ir-ritratt ta' dak l-ewwel tim tagħna. B'ger isfar (li wara sar aħdar) u qalziet abjad meħjut minn dawk l-ewwel voluntarji ta' Charlotte.

Jalla barkiet il-Mulej jisseddqu f'dawk l-idejn li tawna dak il-palazz. B'mod speċjali idejn il-ġenituri tagħna li tawna l-ewwel għajnuna. Immobilitajna gżira sħiħa! Atturi mir-Rabat u mix-Xewkija, kantanti mix-Xagħra, mastrudaxxi mit-Triq ta' l-Għajn, ħaddieda mill-Għarb, bennejja miż-Żebbuġ, ħajjata mill-Qala. Kulmin kien jaf imidd idu għal xi ħaġa sab fl-Oratorju dirgħajn Charlotte miftuħa, lesti biex jilqgħuh.

'*Il-voluntarjat, il-mirakli jagħmel!*' niftakarha tistqarr darba waqt fiera tal-Milied fl-Oratorju. Konna kulħadd imdawwar mal-mejda tagħha. Nixxenqu iktar milli nammiraw il-firxa ta' qagħaq ta' l-għasel, pasti tal-ġamm, u pasti bil-ġelu li kellha quddiemha. Kollox magħmul minn volontarji.

Kienet l-ewwel darba li smajniha l-kelma 'voluntarjat'. U bħali ħafna oħrajn. U f'dak l-ispirtu ta' ferħ Ġużeppi tal-Kaptan bis-soltu ċajt tiegħu qal minn taħt l-ilsien: '*Din pasta ġdida! Ara li kulħadd iduqha*'.

Qasam lil kulħadd bid-daħk. Fosthom lil Toni ta' Charlie. Kien, imma, distratt u ma qabadx dritt għal xhiex konna qed nidħku. Kien sama' biss l-aħħar kelmiet ta' Charlotte u l-kumment ta' Ġużeppi. U billi komplejna nidħku staqsih: '*Xinew! Xinew! X'pasta tamil el mirukloj?*'

U Ġużeppi, bla ma ħares lejh u bis-soltu arja ċajtiera tiegħu wiegħbu: '*Tal-marmorat!*'

Aħna komplejna nidħku. Imma minn dak inhar mat-togħma tat-torti tal-marmorat għadna sallum nitpaxxew bil-ħlewwa tal-voluntarjat ta' Charlotte ta' Ċikka ta' Wrinjiw.

## Passiġġata Biblika - 13

*"Dak li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih."(Ġw 2:11)*

# IT-TIEĠ F'KANA TAL-GALILIJA

**minn Fr. Charles Buttigieg**

**L-episodju tat-tieġ ta' Kana nsibuh irrakkontat biss fil-vanġelu ta' San Ġwann (2:1-12) fejn l-awtur sagru jitkellem minn l-ewwel sinjal li għamel Ġesù.**

### *Il-Post*

Ir-raħal ta' Kana tal-Galilija li nsibu fil-Bibbja huwa aktarx dak li llum huwa magħruf bħala Kefr Kenna, raħal tassew sabiħ li jżuruh diversi pellegrini u li jinsab madwar sitt kilometri 'il bogħod minn Nazaret fejn kien jgħix Ġesù mal-familja tiegħu. Aktarx ukoll ir-rabta ta' Ġesù ma' dan ir-raħal tkompliet tikber meta proprju Natanjel wieħed mill-appostli, kif isejjaħlu San Ġwann (ara 1:45-49 jew Bartilmew kif insibu f'Mt 10:3), kien minn dan ir-raħal. Żgur li n-nies ta' Kana kienu jħobbuh lil Ġesù għax stiednu lilu u lill-Madonna ukoll għal dan it-tieġ.

### *Il-Jum*

San Ġwann fl-oriġinal grieg tiegħu jikteb li din il-festa saret 'fit-tielet jum'. It-'tielet jum' li jħabbar il-jum tal-Qawmien tal-Mulej, il-jum li ġab is-salvazzjoni tal-bnedmin. Aktarx ukoll li 'dan it-tielet jum' fil-lingwaġġ semitiku jista' jirriferi ukoll għall-ġurnata tat-Tlieta, (anke fil-malti għat-tielet jum tal-ġimgħa ngħidu: 'It-Tlieta'). Dan żgur ikompli jissaħħaħ meta niftakru li l-preparazzjonijiet għat-tieġ, fejn il-festi kienu jdumu jiem sħaħ, kienu jibdew il-Ħadd dritt wara il-jum qaddis u tal-mistrieħ tas-Sibt, fejn minbarra l-preparazzjoni tal-ikel, kienet tiġi ivverfikata l-lista tal-mistednin qabel it-tieġ għall-aħħar konferma. It-Tnejn kienu jkomplu l-aħħar preparazzjonijiet u t-Tlieta l-jum tat-tieġ. Kitbiet ġudajċi bħal '*Ketubot*' jurina biċ-ċar li t-tieġ tal-verġni kellu jiġi ċċelebrat fit-tielet jum.

### *L-Għerusija*

L-għerusija (bl-ebrajk: *qiddushin* jew *'erusin*, bħal 'għerusija' fil-malti) kienet torbot lill-għarajjes daqs ir-rabta taż-żwieġ. L-għerusija kienet biex ngħidu hekk, il-kuntratt bil-kitba taż-żwieġ bejn il-ġenituri għal uliedhom u għalhekk l-għarusa kienet tkun diġà meqjusa bħala l-mara tal-għarus. Iż-żwieġ proprju (bl-ebrajk: *nissu'in*), bħala ċerimonja festiva u sollenni kienu jiċċelebrawh madwar sena wara, wara li l-għarus kien iħejji l-post, id-dar, fejn seta' joqgħod hu u martu. Ġeneralment l-għarusa kien ikollha bejn 13 u 15-il sena u l-għarus bejn 18 u 25 sena. Din kienet biex ngħidu hekk l-ikbar festa fil-ħajja ta' kull individwu lhudi, il-festa ta' meta żżewġu. Infatti l-anġlu Gabrijiel deher lill-Madonna sabiex iħabbrilha li kellha ssir Omm Alla, meta Marija kienet għarusa diġà lil San Ġużepp u għalhekk meqjusa diġà bħala l-mara tiegħu (ara Lq 1:26-38).

### *It-Tieġ*

Meta kien jasal il-jum iffissat għat-tieġ, l-għarus liebes l-ilbies sabiħ tat-tieġ u bil-kuruna tal-fjuri fuq rasu kien joħroġ u akkumpanjat minn ħbiebu kien imur fid-dar fejn kienet toqgħod l-għarusa tiegħu, jiġifieri għand il-ġenituri tagħha biex jeħodha lura miegħu b'mod sollenni lejn id-dar ġdida li huwa ħejja. L-għarusa kien ikollha ilbies tassew sabiħ, u mżejna b'ħafna ġojjelli u b'kuruna fuq rasha ukoll. Lejn id-dar tagħhom il-miżżewġin kienu jimxu taħt il-baldakkin bħala simbolu tal-barka ta' Alla fuqhom. Il-korteo tal-miżżewġin kien ikun akkumpanjat b'atmosfera festiva, ta' kant, u ta' ferħ. Il-festa kienet issir fejn kien ser joqgħod l-għarus u kienet iddum madwar tmien t'ijiem.

Element qawwi fil-festa kien l-inbid, simbolu ta' ferħ u ta' festa, l-inbid "li jferraħ qalb il-bniedem" (ara Salm 104:5). Ma tistgħax timmaġina festa mingħajr nbid. L-inbid hu assoċjat ukoll mat-tiġdid tal-patt ta' Alla mal-poplu tiegħu kif naraw f'Amos 9:13-14; Hos 2:24; Ġoel 4:18 u Ġer 31:5. Dan is-simboliżmu tal-inbid insibuh ukoll fil-profeta Isaija 54:4-8 u 62:4-5, fis-simboliżmu tat-tieġ messjaniku. L-inbid għat-tieġ kien ikun wieħed speċjali, kien magħruf infatti bħala 'l-inbid tat-tieġ' u kien ikun ilu maħżun għal din l-okkażjoni speċjali minn ħafna żmien qabel.

Il-ġarar tal-ħaġar li jissemmew fl-episodju kienu jintużaw għall-purifikazzjoni tal-lhud qabel il-ikel, sabiex jaħslu idejhom. Waqt it-tieġ kien ikun hemm bżonn ta' ħafna ilma għaliex kien ikun hemm ħafna nies u għalhekk il-ġarar kienu kbar ħafna u kienu jesgħu madwar 120 litru jew madwar 25 gallun kull wieħed.

### *Il-Persunaġġi*

Festa tat-tieġ tinvolvi ħafna nies, insibu l-protagonisti tal-festa li huma l-għarajjes stess, il-familjari tagħhom, dawk



li jorganizzaw il-festa u l-mistednin. Ma nafux l-ismijiet tal-koppja tat-tieġ. Xi uħud isostnu għalkemm mhux ta' min joqgħod fuqhom li seta' kien it-tieġ ta' Natanjel l-appostlu.

Ġesù u Marija jaċċettaw din l-istedina tal-ħbieb tagħhom. Fil-kultura biblika li ma taċċettax invit għal din it-tip ta' festa huwa insult kontra l-mistednin u ukoll, fil-każ tat-tieġ, kontra Alla ukoll għaliex huwa Alla li jgħaqqad lill-miżżewġin u jixħet il-barka tiegħu fuqhom, kif imfisser tajjeb bil-purċissjoni bil-baldakkin jindokra fuq il-miżżewġin. Din l-importanza tal-festa tat-tieġ narawha b'mod partikulari fil-vanġeli sinottiċi fejn naraw diversi drabi s-Saltna ta' Alla mxebbħa ma' festa tat-tieġ.

Il-Madonna għanda rwol importanti f'dan l-episodju, infatti l-omm ta' Ġesù hi msemmija tliet darbiet hawnhekk. Hija l-Madonna li tinduna li naqas l-inbid tal-festa; l-inbid naqas għaliex forsi kien hemm ħafna nies jew li saru xi kalkoli żbaljati bħalma dejjem jista' jiġri. Marija tintervjeni biex issalva l-unur tal-miżżewġin għaliex żgur kien ikun ta' diżunur u mistħija kbira għalihom, il-fatt li jispiċċa l-inbid tat-tieġ. Ma' Ġesù żgur kien hemm l-ewwel grupp tal-appostli: Pietru, Indrija, Ġwanni, Ġakbu, Filippu u Natanjel.

L-organizzatur tal-festa tat-tieġ jissemma b'mod tajjeb fil-vers 8, u żgur li beda jinfixel x'ħin ra jonqos l-inbid. Kien hemm ikollu l-qaddejja, dawk li kellhom iservu u li kienu huma li mlew is-sitt ġarar bl-ilma minn xi bir fil-qrib.

## L-Ewwel Sinjal li jħabbar l-Ikbar Sinjal

Ir-rwol tal-Madonna huwa wieħed ċentrali f'dan l-episodju għaliex tkun hi li tippreżentalna lil Kristu: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (Ġw 2:5). Permezz ta' dan is-sinjal kif isejjaħlu San Ġwann, Ġesù juri l-glorja li tilħaq il-qofol tagħha f'dik l-ikbar 'siegħa' tas-salib fejn ukoll jagħtina lil ommu bħala Ommna lkoll (ara Ġw 19:27). Marija hija dik l-omm li tassew tinsab qrib Ġesù, li trid dejjem twassalna għal għandu.

Ġesù bħala mistieden f'dan it-tieġ ukoll jurina l-barka tiegħu fuq il-vokazzjoni taż-żwieġ u l-importanza tal-familja nisranija. Is-sitt ġarar li mtlew bl-ilma jfakkruna fis-sitt t'ijiem tal-ħolqien tad-dinja fejn Alla jistrieħ fis-seba' jum (in-numru perfett). Permezz ta' dan is-sinjal Ġesù jrid jurina ħolqien ġdid, mhux iktar il-liġi mnaqqxa fuq il-ġebel imma dik miktuba fil-qalb ta' kull bniedem. Dan is-sinjal tal-ilma mibdul f'inbid iħabbar dak li kellu jseħħ fl-Ewkaristija fejn il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Dan l-ewwel sinjal fit-'tielet jum' iħabbar fuq kollox l-ikbar sinjal, dak tal-qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu fit-'tielet jum'.

## Biblijografija


Barret, C.K., *The Gospel according to St. John*, London 1970.

Brown, R.E., *The Gospel according to John*, I, AB 29, New York 1966.

Buzzetti, C., *Il Vangelo di Giovanni*, Roma 1984.

Cardellino, L., *"Leggere Giovanni"*, in *Bibbia e Oriente* 38 (1996) 129-201.

Derret, J.D.M., *"Water into Wine"*, in *BZ 7* (1963) 80-97.

Kilmartin, E.J., *"The Mother of Jesus was there"*, in *ScEccl 15* (1963) 213-226.

Schneider, J., *Das Evangelium nach Johannes*, Berlin 1976.

Zanchettin, L. (ed.) *John. Meditations on the Gospel according to St. John*, Bandra 2000.



# L-Istorja Soċjali tal-Mediċina

miġbura minn Dr. Mario Saliba

### (L-EWWEL PARTI)

## Daħla

**F'din is-sena li għadna kemm bdejna ser nagħti ħarsa qasira lejn l-istorja soċjali tal-mediċina kif żviluppat mal-mixja taż-żminijiet. F'din is-sensiela ta' artikli, b'mod ġenerali, ser nipprova nwassal lill-qarrejja tal-*Ħajja f'Għawdex* fi kliem li jifhmu kulħadd, ir-relazzjoni storika li hemm bejn il-bniedem, il-mard u l-kura, fil-kuntest ta' soċjetajiet u żminijiet differenti. Minħabba problema ta' spazju llimitajt ruħi għall-mediċina tal-Punent. Dan bl-ebda mod ma jfisser li kienu jseħħu żviluppi f'dan il-qasam fl-Ewropa biss. Ser nipprova nsemmi kull qasam tal-mediċina u mhux ser nintrabat bil-kronoloġija għax fl-opinjoni tiegħi hekk il-kitba tkun monotona. Bħala tabib ser nagħti l-interpretazzjoni personali u l-ħsibijiet tiegħi fuq diversi suġġetti li ser insemmi.**

Il-mediċina hija parti mill-ħajja ta' kuljum bit-tbatijiet tagħha u għalhekk ma tistax titkellem fuq storja tal-mediċina mingħajr ma titratta ċ-ċivilizzazzjoni tal-bniedem u l-ġlieda kontinwa tiegħu kontra l-mard u l-mewt. Il-mard minn dejjem kien xi ħaġa personali li jġiegħel lill-bniedem isaqsi l-mistoqsija: "Għaliex jien?" Biex iwieġeb din il-mistoqsija l-bniedem għaqqad il-mard mar-reliġjon u pprova jagħti spjegazzjoni reliġjuża tal-ħafna tbatijiet li naraw madwarna. Għalhekk il-bniedem beda jiddistingwi bejn mard "ħażin" bħal lebra u l-pesta, mard "tajjeb" bħat-tuberkulożi għax mietu bih ħafna qaddisin jew mard "tas-sinjuri" bħal gotta li kienet taħkimhom iktar minħabba l-abbundanza ta' ikel u xorb li kien ikollhom. Kien hemm min jaħseb li l-mard huwa kastig ta' Alla, idea żbaljata li ġejja mill-Antik Testment. Illum din l-idea erġajna qajjimniha minħabba l-mod kif qed tinfirex il-marda tal-HIV/AIDS.

Ser nipprova nagħti ċerti dettalji importanti mingħajr ma ntawwal fir-rakkont tiegħi minħabba l-ispazju. Għalhekk ser nitratta s-suġġett, iktar mill-att soċju-mediku, milli mill-aspett ta' storja biss. Ser nitkellmu l-ewwel dwar il-mard b'mod ġenerali u kif il-mard daħal fid-dinja u beda jinfirex. Nitkellmu dwar il-kawżi tal-mard. Nagħtu ħarsa lejn kif żviluppat il-professjoni ta' dawk il-persuni li jieħdu ħsieb il-morda: in-nersis, it-tobba u l-professuri. Nitkellmu dwar ir-rwol tat-tabib matul iż-żmenijiet u fis-soċjetà tallum. Naraw kif il-bniedem beda jinvestiga l-mard permezz tal-istudju tal-anatomija u l-użu tal-mikroskopju. Nitkellmu dwar kif il-bniedem ivvinta diversi testijiet u magni biex igħinuh jinvestiga l-mard. Nitkellmu dwar il-laboratorji u l-avvanzi li saru fix-xjenza u t-teknoloġija. B'mod speċjali nitkellmu dwar il-mediċini u t-terapiji ġodda, l-iskoperta tal-oppju, il-kirurġija u l-isptarijiet. Fl-aħħar nitkellmu dwar l-aspetti soċjo-politiċi u l-implikazzjoni tal-mediċina moderna fid-dinja tallum u ta' għada.

## Il-Mediċina fil-Bidu

Il-ġlieda kontra l-mard għandha l-bidu tagħha u n-nofs tagħha imma ma għandhiex tmiem. Minkejja l-progress fil-qasam tax-xjenza u l-mediċina l-mard ser jibqa' għal dejjem. Fi kliem ieħor l-istorja tal-mediċina mhix sempliċiment ġrajja ta' suċċessi wieħed wara l-ieħor. Sa mill-ibgħad żminijiet fuq wiċċ id-dinja, minn żmien għal żmien, ifeġġ mard li joqtol numru kbir ta' nies. Hekk għamlet il-pesta, l-Influwenza u ż-żminijiet moderni, l-virus tal-HIV/AIDS. Iżda l-iktar ħaġa komuni bejn dawn il-mardiet hija li dawn huma tista' tgħid tort tal-bniedem stess jekk ukoll ma ġabhomx hu stess fid-dinja. Kull epidemija hija prodott tas-soċjetà. Iċ-ċivilizzazzjoni ġabet magħha mhux biss żvilupp imma mard ukoll!

Madwar ħames miljun sena ilu l-antropoloġisti jgħidu li fl-Afrika deher l-ewwel antenat tal-bniedem li kien jixbah lix-xadini għax kellu l-għadam ta' moħħu

baxx u tax-xedaq ta' isfel imqabbeż 'il barra. Dan il-bniedem - xadin biż-żmien żviluppa fil-bniedem kif nafuh illum. Biex wasal sa hawn għaddew tlett miljun sena u sar *Homo erectus* li tgħallem kif iqabbad in-nar, jagħmel il-għodda l-ewwel mill-ġebel u mbagħad mill-metall u fl-aħħar tgħallem jitkellem u sar *Homo sapiens*. Dan l-ispeċi ilu jeżsti madwar 150,000 sena Qabel Kristu u tferrex ma' l-Asja u l-Ewropa kollha.

## Il-bniedem - kaċċatur

Il-bniedem - kaċċatur kien imdawwar minn perikli kbar u ma tantx kien igħix. Madankollu ma kellux dak il-mard li kellu jaħkem soċjetajiet iktar tard. Dawn in-nies li kienu jgħixu fl-egħrien ma kienux jimirdu bil-ġidri, ħożba jew l-influwenza. Dan il-mard kien għadu ma jeżistix għax il-mikrobi jew virus li jikkawżaw dan il-mard jeħtieġu populazzjonijiet densi biex jitferrxu. Dawn in-nies li kienu għadhom imferrxin lanqas setgħu jniġġsu l-ilma tax-xmajjar jew bil-ħmieġ naturali tagħhom joħolqu tniġġiz fuq l-art għax in-numru tagħhom kien limitat. Barra minn hekk dawn in-nies kienu għadhom ma bdewx jimmansaw l-annimali u jżommuhom fid-djar tagħhom. Dawn l-annimali flimkien man-numru kbir ta' nies li bdew joktru u jiżdiedu wassal biex jiżdied ukoll il-mard. Dan minħabba li l-bniedem fih innifsu jġorr fuqu numru kbir ta' mikrobi, virus, bakterji, insetti, dud u parassiti oħra li jgħaddihom lill-bnedmin oħra. Dan huwa l-iktar mod komuni kif jinfirex il-mard: minn bniedem għal bniedem.

## Mill-bniedem tal-qedem għall-bniedem modern

Wara li l-bniedem ma sabx iktar ikel beda jara kif jakkwista ikel ieħor billi jaħdem l-art u jrabbi l-annimali fl-irziezet tiegħu biex jużahom bħala għodda biex jgħinuh fix-xogħol tar-raba' kif ukoll bħala mezz ta' ikel. Għalhekk il-bniedem sar bidwi u produttur tal-ħxejjex u frott. Dan wassal biex il-bniedem beda jorganizza ruħu fi gruppi u hekk inħolqu villaġġi, irħula u anke bliet u pajjiżi sħaħ. Il-bniedem beda jsir soċjevoli u tgħallem igħix ma' bnedmin oħra. Dan wassal biex il-bniedem joktor fin-numru u sar dominanti fuq l-annimali billi għamel regolamenti u liġijiet, ħatar mexxejja u gvernijiet biex jamministraw il-ġid tas-soċjetà. Meta l-bniedem kien għadu nomadu, jiġġerra minn post għall-ieħor, il-popolazzjoni tad-dinja kienet biss 5 miljuni. Fi żmien il-perjodu tad-deheb tal-Griegi tal-qedem (500 qK) il-popolazzjoni kienet diġa laħqet il-100 miljun. Sat-tieni seklu WK il-popolazzjoni rdoppjat u sas-sena 2005 laħqet il-figura ta' 6 biljuni u nofs. Dan in-numru kbir ta' nies ġab miegħu iktar tixrid ta' mard speċjalment fejn hemm popolazzjoni densa, jiġifieri numru kbir ta' nies f'post wieħed. Dan minħabba faqar u nuqqasijiet bażiċi bħal ikel u ilma.

Dan in-numru kbir ta' nies wassal biex minn żmien għal żmien tfaqqa' xi epidemija li toqtol miljuni ta' nies. Fi żminijiet oħra ftit kellhom mezzi kontra l-mard u wara xi epidemija bliet sħaħ kienu jinqerdu mill-mard minħabba nuqqas ta' kura u anke ta' iġjene. Anke fit-Testment il-Qadim naqraw dwar diversi mard li ġarrab il-poplu t'Alla.

## Il-Pesta jew il-Mewt is-Sewda




Fi żmien il-Griegi ukoll insibu li eluf ta' nies mietu minħabba diversi mard ikrah li għalkemm ma nafux x'kien eżatt wieħed jista' jassumi li kienet xi forma ta' pesta. Fi żmien l-Imperatur Ġustinjanu, madwar 540 WK, il-pesta qatlet kwart tal-popolazzjoni ta' dak iż-żmien. Wara, fis-sena 1300 il-pesta jew il-Mewt is-Sewda kif kienu jsejħulha bdiet toqtol il-miljuni u bejn l-1346 u l-1350 mietu madwar 20 miljun ruħ jew kwart mill-popolazzjoni tal-Ewropa ta' dak iż-żmien. Dan kien l-ikbar numru ta' imwiet minn marda waħda fl-istorja tal-Ewropa.

Fi żmien l-imperu Ruman kien hemm diversi epidemiji oħra. L-ikbar fosthom kienet il-pesta 'Antonina' li probabbilment kienet ġidri li bejn is-sena 165 u 180 WK qatlet madwar 5 miljun ruħ madwar l-Afrika u l-Asja. Illum din il-marda intrebħet u permezz ta' tilqim sparixxiet mid-dinja. Illum ħafna mill-mard li qabel kien joqtol miljuni ta' nies sar mard rari u ftit nisimgħu bih grazzi għat-tilqim effettiv li għandna.

*(jissokta)*




SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



## *APPREZZAMENT (1)*

# *Dun Karm Attard SDB, Missjunarju f'Ħajtu u wara Mewtu*



*Kien jonqsu 15-il jum biex jagħlaq 72 sena missjunarju fl-Indja, imma l-Mulej sejjaħlu għal għandu fid-19 ta' Novembru 2005. Dun Karm, kif konna nafuh, ta' 22 sena wasal Bombay fit-3 ta' Diċembru 1933, propju fit-tifkira liturġika ta' San Franġisk Saverju, protettur tal-missjoni. Iżda sa minn qabel kienet tħeġġeġ fih ix-xewqa li jħalli art twelidu biex joffri ħajtu għall-oħrajn f'pajjiż imbiegħed.*

*Minn ċkunitu Dun Karm sab ambjent fejn trabba mdawwar minn għadd ta' saċerdoti f'raħal twelidu n-Nadur, fosthom il-Kan. Dun Karm Caruana, benefattur kbir tiegħu. Wara l-edukazzjoni sekondarja f'Għawdex mill-ewwel għadda għal mas-Sależjani tas-Sliema u ta' 20 sena qata' xewqtu u kien diġa' fl-aspirantat fi Sqallija fejn f'Jannar 1933 għamel il-professjoni reliġjuża bħala San Ġwann Bosco.*

*L-istudju tiegħu bi tħejjija għas-saċerdozju Dun Karm għamlu fin-naħa t'isfel ta' l-Indja u ġie ordnat fit-3 ta' Ottubru 1942 f'Madras. Minħabba l-gwerra ħafna missjunarji barranin sfaw internati imma Dun Karm, b'ċittadinanza ngliża, sab ruħu jaqdi l-ministeru pastorali tiegħu fil-grigal ta' l-Indja, art muntanjuża, taħlita ta' kemm-il tribu', b'lingwi ġodda u anki ħajja diffiċli. Daqstant ieħor huwa daħal għall-ħidma kuraġġjuża li ħalliet frott kbir ta' ħafna nsara ġodda.*

***F'Marbisu'***

*Kien f'dan il-lokal li Dun Karm intefa' b'ruħu u ġismu biex iwaqqaf missjoni ġdida fejn bena knisja ddedikata lil San Pawl, skola, ċentru, istitut għall-bniet u ieħor għas-subien, kif ukoll dispenserija. Ħafna kienu jsegwu l-ħidma missjunarja tiegħu permezz tal-"Leħen il-Missjunarju", perjodiku ta' kull 3 xhur, u setgħu jirċievu tagħrif kontinwu dwar kif baqgħet tiffjorixxi dik il-komunità nisranija, jiżdiedu l-katekisti, tinfirex l-evanġelizzazzjoni biex jintlaħqu rħula ġodda. F'21 sena din il-missjoni kienet tħaddan 183 raħal li llum huma maqsuma f'mhux inqas minn 6 parroċċi, ilkoll f'idejn il-kleru lokali.*

***F'Mawlai***

*L-aħħar 30 sena Dun Karm kien mitlub iservi f'ċentru fejn il-ħidma prinċipali tiegħu kienet ikkonċentrata fuq l-edukazzjoni fi skejjel u kulleġġi minn fejn ħarġu numru kbir ta' professjonisti, persuni mlaħħqin fl-awtorita' u fil-qasam ċivili, kif ukoll għadd kbir ta' studenti li komplew għas-saċerdozju jew għall-ħajja sależjana.*

*L-enerġija missjunarja Dun Karm kien iġorrha miegħu anki meta kien ikun għall-mistrieħ fostna. Ma kien jehda qatt iħabbrek biex jilħaq il-ħafna benefatturi Maltin u Għawdxin, anki fost l-emigranti. Xhieda ta' dan wieħed isemmi fost affarijiet oħra l-kwantità kbira ta' Boroż ta' Studju li kien jakkwista biex seta' jgħin tant vokazzjonijiet indjani.*

*Dun Karm jibqa' mfakkar ukoll għall-karattru ċajtier u ferrieħi li kellu ma' min kien ikun mitlub iwassal l-esperjenza missjunarja tiegħu, waħda li ma kenitx tkun nieqsa fl-istess ħin minn rakkonti mimlija avventuri ta' kull xorta u ġrajjiet li jixhdu l-perikli kbar li għadda minnhom.*

*Il-missjoni tant saret ħaġa waħda minn ħajjet Dun Karm li ma setax jonqos li ma jgħożżhiex anki meta l-mard u x-xjuħija bdew itaqqluh. Għalih il-missjunarju jibqa' dejjem igħix meta wara mewtu jindifen fl-art fejn ikun ħadem u fost l-ulied spiritwali li jkun ħalla warajh.*

***Mons. Dun Salv Grima***

## APPREZZAMENT (2)

# *Dun Anton Bajada minn Sannat*



*Meta familja imutilha missierha din tħossha ħafna t-telfa tiegħu. U birraġun għaliex ikun miet il-missier, il-fus prinċipali li madwaru kienet iddur u hija mibnija l-familja. Hekk ġralna aħna l-kleru u l-poplu ta' Sannat meta nhar il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru kmieni fil-għodu ġriet l-aħbar kiebja li miet Dun Anton Bajada. Għalina dan il-qassis kien il-missier eżemplari u spiritwali, għaliex għal 53 sena huwa wettaq il-missjoni saċerdotali fostna u tagħna s-Sannatin.*

*Dun Anton twieled hawn fir-raħal ta' Sannat nhar il-5 ta' Lulju 1926. Huwa studja fl-iskola primarja ta' l-istess raħal fejn wara li għadda, hu kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Matul dan l-istess żmien huwa kien jgħallem l-ingliż fl-iskola minuri ta' l-istess seminarju. Ġie ordnat saċerdot nhar id-29 ta' Marzu 1952 minn idejn l-isqof Mons Ġużeppi Pace. Wara li qaddes u għamel xi snin bħala viċi fil-parroċċa, huwa daħal ukoll jgħallem l-iskola mal-gvern. Matul is-snin li dam jgħallem Malta, huwa ma kienx jaqsam ta' kuljum, għalhekk kien jgħin pastoralment fil-parroċċa ta' Marsaxlokk. Bosta u bosta huma dawk l-istudenti Maltin u Għawdxin li ħadu ħafna tagħlim minn għand Dun Anton.*

*Iżda l-għalqa li fiha ħadem Dun Anton kienet il-parroċċa ta' raħlu stess, u l-aktar meta f'din l-istess parroċċa kien hemm biss hu u l-arċipriet. Barra dan huwa kien ukoll kappillan tas-Sorijiet Dumnikani li kellhom il-kunvent fir-raħal ta' Sannat stess, u Dun Anton kien iqaddes ta' kuljum kemm lis-sorijiet kif ukoll lin-nies tar-raħal. Kien jipprepara sewwa u fil-fond il-priedki u l-omeliji li kien jagħti ta' kull nhar ta' Ħadd. Li twassal messaġġ ċar u li jifmhuk is-semmiegħa, dan huwa rigal u kariżma, u Dun Anton kellu dan id-don. Għaliex il-priedki li kien jagħmel kienu tassew iħallu bosta frott spiritwali. Kien skemat ħafna, u għalhekk ma kienx idejjaq lil min jisimgħu. Din il-kwalità ta' pastorali Dun Anton kompliha sa l-aħħar omelija li għamel nhar id-29 ta' Mejju sollennità tal-Ġisem u d-Demm għażiż tal-Mulej. Dak in-nhar huwa ħareġ ukoll għall-purċissjoni tas-Sagrament.*

*Barra dan Dun Anton kien assistent ekkleżjastiku ta' l-Azzjoni Kattolika kif ukoll direttur spiritwali tal-Leġjun ta' Marija. Dan ix-xogħol pastorali kompla jagħmlu sakemm saħħtu kienet tippermettilu. Kien ukoll devot kbir ta' Ġesù Ewkaristija. Fil-għaxija kien jinżel il-knisja jqarar, u wara li tispiċċa l-funzjoni huwa kien joqgħod waħdu quddiem l-Ewkaristija jitlob. Wara li ta' kull fil-għodu jqaddes Dun Anton kellu numru ta' nies morda fi djarhom, u huwa kien imur iqarbinhom.*

*Il-funeral tiegħu sar fil-parroċċa li tant kien iħobb minn qalbu jiġifieri dik ta' Santa Margerita ta' Sannat. Il-quddiesa mexxija l-isqof elett Mons. Mario Grech, u li jumejn biss qabel kien mar iżuru d-dar tiegħu stess; l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi u li kien sieħeb ta' l-istess sena ma' Dun Anton, bierek u nċensa l-ġisem mejjet tiegħu. Huwa ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Santa Margerita, V.M. ta' Sannat.*

***Mons. Lawrenz Sciberras***

DM

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

# L-Irħula Għawdxin

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti ta' Joseph P. Zammit*







## 1. Il-Fontana

Tmiss mal-belt tal-gżira Għawdxija
Triq il-Għajn, parroċċa għaliha,
wisq għażiża għad-devozzjoni
lejn il-Qalb t'Alla bla ħtija.

Knisja ħelwa f'tarf ir-raħal
b'tant taħbit min-nies mibnija
fejn mas-snin b'ħeġġa s-sajjieda
qiemu b'għożża 'l Sant' Andrija.

Imma llum f'Santwarju nbidel
tal-Fontana t-tempju fin
fejn Qalb Kristu tant meqjuma
mill-Għawdxin u mill-Maltin.

Statwa sbejħa ġmiel tal-ġenna
ta' Wistinu xogħol mirqum
wiċċu jarmi d-dawl u d-dija
minn kulħadd b'għożża miżmum.

Tal-Cali xogħol imprezzabbli
fuq l-altar it-titular;
Kristu l-għajn, xmara ta' mħabba
kemm għall-kbar u kemm għaż-żgħar.

Ġunju x-xahar li n-nies tiffolla
biex tqim lill-Qalb ta' Ġesù,
hawn trid tiġi fil-Fontana
biex tisseddaq fil-virtù.







# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joseph Zammit



Il-Knisja Parrokkjali
u Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù
fil-Fontana



L-Għajn tal-Ħassellin
fit-triq lejn ix-Xlendi

